# DUN KARM

1871-1961



*NUMRU SPEĊJALI ta'*

# *Leħen il-Malti*

MAĦRUĠ MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

1962

# KUMITAT ĠDID
# TAL-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

L-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) imwaqqfa fl-1931 mill-mejjet Dr. Ġużè Bonnici u Dr. Rużar Briffa biex ixxerred l-għarfien u l-imħabba għall-Malti fl-Università u f'pajjiżna laqqgħet Seduta Ġenerali nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru 1961, li għaliha attendew studenti ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet sena. L-għan kien li jinħatar Kumitat Ġdid biex jissokta l-ħidma tiegħu ta' tixrid u ta' mħabba għal Ilsienna. Il-Kumitat il-Ġdid ġie magħmul hekk:

| | |
|---|---|
| *President Onor:* | Il-Viċi Kanċellier u Rettur Manjifiku |
| *President:* | Il-Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. |
| *Viċi-Pres:* | John Sultana |
| *Segretarju:* | Ġużé Cardona |
| *Kaxxier:* | Joseph Galea |
| *Membri:* | Marija Ganado |
| | Patrick Vella |
| | Carmel Sammut |
| | Michael Bonello |

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA ★ MAIN LIBRARY ★

Nittamaw li biż-żieda ta' studenti fl-Università u fl-*Għaqda tal-Malti*, l-*Għaqda* żżid il-ħidmiet tagħha. Ta' min isemmi s-*Soirée Lyrique* li sar is-sena l-oħra fil-25 ta' Frar, u l-Kommemorazzjoni fil-Mewt ta' Dun Karm li saret fit-18 ta' Ottubru 1961. Ħsibna biex f'qasir żmien il-*Għaqda* tagħti aktar ġieh lil Dun Karm f'taħditiet u films fuqu fl-Iskejjel Sekondarji, waqt li ma ddumx ma tippreżenta drammi fuq il-palk u minn fuq ir-Rediffusion, dibattimenti u ħarġiet edukattivi.

ĠUŻÈ CARDONA

Segretarju



*Bil-Kortesija tad-Dipartiment tal-Informazzjoni.*

// LEHEN IL-MALTI

| IL-XXXI | 1962 | GHADD 4 |
| --- | --- | --- |

## KELMTEJN QABEL

*Din hija ħarġa speċjali ta'* Leħen Il-Malti *dedikata kollha lil Dun Karm li fl-għomor ta' disgħin sena neqsin ħamest ijiem, ħalla din id-dinja fit-13 ta' Ottubru 1961. Biex tibqa' xhieda ħajja tal-qima u l-ħbiberija tagħna għall-Poeta Nazzjonali, jiena stedint lill-awturi Maltin li naf li kienu jafuh sewwa biex jiktbu t-tifkiried tagħhom dwaru. F'din il-ħarġa jidhru ukoll ix-xhediet ta' qima li taw lil Dun Karm tlett persuni distinti, il-Professur A. J. Mamo, il-President tal-Qrati, l-Onor. Imħallef A. J. Montanaro Gauci u Dr. Wallace Gulia meta fit-18 ta' Ottubru 1961 l-*Għaqda tal-Malti (Università) *u s-Senat flimkien għamlu tifkira ta' Dun Karm fit-Teatru ta' l-Università.*

*Nirringrazzja lill-kontributuri kollha talli wieġbu għas-sejħa tiegħi, u fost dawn, nagħżel lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof, Sir Michael Gonzi li, għalkemm kien marid sewwa, mingħajr ma qagħad jitbeżża' għal saħħtu wara operazzjoni serja, kiteb fl-isptar tal-*Blue Sisters *hekk tajjeb u mill-qalb fuq il-Poeta tagħna Nazzjonali li darba kien surmast tiegħu.*

*Għall-darba oħra grazzi ħafna lil kull min għen biex isseħħ din il-ħarġa ta' tifkira ta'* Leħen Il-Malti.

Ġ. Aquilina
President — *Għaqda tal-Malti* (Università)

*Mindu ktibt dawn il-kelmtejn, il-Prof. A. J. Mamo laħaq l-ewwel Pro-Chancellor ta' l-Università tagħna. Nifirħulu! U nifirħu ukoll lill-università bix-xewqa u t-tama li sakemm idum Pro-Chancellor tagħna, l-istudji u l-prestiġju akkademiku ta' l-*Alma Mater *jikbru u jimmeritaw ir-rispett sew ta' l-istudjużi Maltin kemm ta' l-istudjużi barranin.*

Ġ.A.

# DAN IL-GĦADD FIH


| | | pag. |
|---|---|---|
| Kelmtejn Qabel | *L-Editur* | *iii* |
| Tifkiriet ta' Dun Karm | *Ġ. Aquilina* | 1 |
| Xhieda ta' Qima lil Dun Karm | *A. J. Mamo* | 3 |
| Xhieda ta' Qima lil Dun Karm | *A. J. Montanaro Gauci* | 4 |
| Xhieda ta' Qima lil Dun Karm | *W. Ph. Gulia* | 6 |
| Xhieda ta' Qima lil Dun Karm | *J. A. Manché* | 7 |
| Tikiriet dwar Dun Karm | *Arċisqof Michael Gonzi* | 8 |
| Dun Karm | *P. P. Saydon* | 9 |
| Dun Karm - Kif Nafu Jien | *A. Cremona* | 11 |
| Dun Karm u Jien | *F. S. Caruana* | 13 |
| Dun Karm Jibqa' Dejjem f'Qalbi | *Ġ. Delia* | 15 |
| Jiena Naf lil Dun Karm | *Ġ. Galea* | 18 |
| Dun Karm - Tifkiriet | *Ġ. Cassar-Pullicino* | 20 |
| Imgħallmi Dun Karm | *R. Briffa* | 23 |
| It-Tifkiriet li Għandi dwar Dun Karm Poeta | *K. Vassallo* | 25 |
| L-Ewwel Darba li Ltqajt ma' Dun Karm | *Ġ. Chetcuti* | 30 |
| Qatt ma Ninsa x'Qalli Dun Karm | *F. Camilleri* | 32 |
| Minn Hu Dun Karm Għalija | *Ġ. Zammit* | 36 |
| Kelmtejn ma' Dun Karm | *G. Curmi* | 38 |
| Dun Karm Psaila | *K. Sant* | 40 |
| Dun Karm - Tifkiriet | *I. Muscat-Azzopardi* | 44 |
| Il-Għanja tad-Disgħin | *N. Biancardi* | 48 |
| Tifkiriet dwar Dun Karm | *J. P. Vassallo* | 51 |
| Dun Karm fil-Għabex Tiegħu | *Ġ. Cardona* | 54 |
| Il-Ġar Tiegħi, il-Mons. Dun Karm Psaila | *J. L. Pace* | 57 |
| Tifkiriet Dunkarmjani | *Ġ. Pisani* | 58 |
| X'Naf fuq Dun Karm | *K. Farrugia* | 60 |
| Dun Karm u Jien | *G. Zarb Adami* | 63 |
| Tifkiriet ta' Katerina Ciantar | *L. Portelli* | 68 |
| Dun Karm - Poet of Malta | *A. J. Arberry u P. Grech* | 72 |
| Apprezzament Poetiku ta' Dun Karm (*Poeżija*) | *W. Harding* | 74 |
| Valletta (*Poeżija*) | *W. Harding* | 75 |
| Fil-Mewt ta' Dun Karm (x'Inkiteb fil-Ġurnali) | *Ġ. Cassar-Pullicino* | 77 |
| Mera tal-Kitba ta' Dun Karm u Ittri Oħra | | 80 |
| Tagħrif fil-Qosor tal-Kontributuri ta' Din il-Ħarġa | | 101 |

# TIFKIRIET TA' DUN KARM

Ta' l-Editur

JEKK bniedem tkun ilek tafu ħafna mhux dejjem jimexxilek tiftakar meta u kif sirt tafu l-ewwel darba. Meta dan l-aħħar ħabbilt rasi biex inkun naf kif lil Dun Karm sirt nafu l-ewwel darba, ma stajtx naqbad. Madankollu billi dak li laqqagħni ma' Dun Karm ma setax ikun ħaġa oħra ħlief il-Malti, jiena naħseb li ilni nafu sa minn ftit wara li dħalt student l-Università, għax dak kien iż-żmien li fl-Università kienet bdiet il-ħeġġa għall-kitba bil-Malti. Tabilħaqq, kitba tiegħi fuq *L-Għana f'Halq il-Malti* dehret fl-ewwel ħarġa ta' *Leħen il-Malti* (Marzu, 1931).

Hawnhekk f'din ir-rivista qed inxandar ġabra ta' ittri li Dun Karm kien kitibli ħafna snin ilu. L-ewwel u l-eqdem waħda hija tas-sena 1934, jiġifieri lil Dun Karm kont ili nafu minn ta' lanqas sebgħa w għoxrin sena. Mit-ton ta' l-ittra jidher li konna nafu lil xulxin minn qabel ukoll, jiġifieri, kif ġa għedt, wara ftit żmien li kont dħalt student.

Meta nhares lura lil Dun Karm għadni narah fl-uffiċċju tiegħu ta' Assistent Bibljotekarju inti u dieħel fis-sala max-xellug tal-Bibljoteka Nazzjonali. Hemmhekk min jaf kemm-il darba qgħadt nitkellem miegħu fuq il-Malti u fuq il-poeżija tiegħu. Darba waħda tlabtu jiktibli għall-ewwel ktieb ta' *Ward ta' Qari Malti* (1936) ittra li fiha jfisser x'ried igħid sewwa fuqu nnifsu fil-poeżija *Il-Ġerrejja u Jien*. Dik l-ittra kitibha u llum stampata fl-ewwel ktieb ta' *Ward ta' Qari Malti*. Għalhekk sew l-ittra tiegħi kemm it-tweġiba tiegħu jinħassu ħarira letterarji.

Dun Karm biex igħożż ix-xogħol tiegħi għall-Malti, feraħ bl-istudju li jien kont stampajt fuq il-poeżija tiegħu f'*Leħen Il-Malti* u biex jurini qalbu iddedikali l-poeżija tiegħu *Dell u Dija*. Id-dedika kienet tgħid: *Lil Ġużè Aquilina, poeta, tas-sabar li ha jifli xi versi tiegħi.* Jien dak it-titlu ta' poeta apprezzajtu u fl-istess ħin sthajt minnu. Tlabtu jneħħi l-kelma poeta u għamel kif għidtlu. Il-qima tiegħi għal Dun Karm kienet dejjem kbira. Darba waħda bqajt id-dar għax kelli riħ u l-Muża iddettatli poeżija b'qima għalih *To My Friend Dun Karm* li jien stampajt fil-*Journal of the Malta University Literary Society* (November 1934). Dawn kienu żminijiet koroh għal Dun Karm u għal kull min kien qed jitħabat għall-Malti. Jiena ħassejt li Dun Karm kien jixraqlu t-tifħir f'ħajtu u ma kellniex noqogħdu nistennewh imut biex mbagħad nagħtuh li ħaqqu. Qatt ma kont naħseb li dil-poeżija kelli sebgħa w għoxrin sena wara narġa' nistampaha fis-*Sunday*

*Times of Malta* bħala apprezzament ta' Dun Karm wara mewtu.

Fis-sena 1940 Dr. Bonnici ħareġ ix-xogħlijiet kollha ta' Dun Karm fi tliet kotba. Il-ġabra kienet tajba bħala *collected works* ta' poeta sa' dak iż-żmien, imma kien għad jonqos ktieb ieħor li minn dik il-ġabra jagħżel bi kriterji letterarji u b'introduzzjoni apprezzattiva l-aħħar poeżiji tiegħu. U hekk bil-kunsens u l-awtorità ta' Dun Karm twieldet l-antoloġija tiegħi ta' l-aħjar poeżiji tiegħu li xandritlu u kabbritlu ismu fost iż-żgħażagħ ta' l-iskejjel u fost l-istudjużi tal-Malti.

Meta fis-sena 1957, l-Professur A.J. Arberry, li kont sirt nafu xi sena qabel meta tajt l-*lecture* fuq il-Malti f'Pembroke College, ġie hawn Malta biex jistrieħ u fl-istess ħin jiġbor materjal għal antoloġija ta' awturi Maltin, jien ħadtu għand Dun Karm. Il-Professur Arberry laqtitu ħafna d-dinjità ta' Dun Karm u, bħala radd ta' qima, l-istamperija ta' l-Università ta' Cambridge stampat il-ktieb tiegħu *Dun Karm: The Poet of Malta* li kellu jiġi preżentat lilu mill-Gvernatur f'egħluq id-disgħin sena li kieku ma laħaqx miet ħamest ijiem qabel.

Meta rajt lil Dun Karm nieżel sewwa dan l-aħħar, ħajjartu jagħti lill-Bibljoteka ta' l-Università manuskritti li setgħu jitfgħu xi xaqq dawl fuq il-ħajja tiegħu letterarja. Għoġbu l-ħsieb tiegħi. Għamilli f'sorra xi manuskritti li jiena tajt f'ismu lill-Università. Meta sab oħrajn raġa ċempilli kemm-il darba biex immur għandu niġborhom, u jien dak li kien jagħtini dejjem tajtu lill-bibliotekarju ta' l-Università li dik il-ħabta kien is-Sur Ġużè Cassar Pullicino, A.L.A.

Meta kont immur għandu dan l-aħħar kien jilmenta miegħi li l-memorja kienet ħallietu u li ma kien għadu jiftakar xejn. Imma sa ma rajtu jien l-aħħar darba f'daru tas-Sliema ma kienx għadu jitlef fil-kliem. Darba waħda smajt li nġabar l-isptar tal-*Blue Sisters* għal kollox. Ħassejt għafsa ta' qalb. Għamilt ħsieb li mmur narah, imma l-ħsieb ma seħħx, għax inqbadt f'xibka ta' xogħlijiet u taħbit li minn jum għal ieħor, biex ma ngħidx minn ħin għal ħin, qajla jħalluli ftit taż-żmien ħieles.

Dak li lili jfarraġni ħafna hu li lil Dun Karm ma qgħadtx nistennieh imut biex nibda nfaħħru u nagħtih li ħaqqu. Fl-1945 bħala Professur tal-Malti, jiena (mingħalija flimkien mar-Rev. P.P. Saydon) ressaqt quddiem ir-Rettur ta' dik il-ħabta, li kien il-Professur R.V. Galea, mozzjoni biex lil Dun Karm Psaila tingħatalu Onorifiċenza Akkademika. L-istess Rettur ħa din il-mozzjoni quddiem il-Kunsill f'ismu fil-Laqgħa tat-18 ta' Ġunju 1945 fejn ippropona li mħabba l-merti letterarji tiegħu, l-aktar fil-Letteratura Maltija, għandu jingħata grad onorarju lil Dun Karm u li dan il-grad kellu jkun id-D.Litt. (Honoris Causa), talba li kienet milqugħa għalenija mill-Kunsil li qabbad lill-Professur Fogarty u lil Professur Saydon biex jagħ-

mlu l-arranġamenti meħtieġa. Is-Senat imbagħad għażel lili biex nagħmel id-diskors ta' l-okkażżjoni, diskors li fih jiena tkellimt dwar *Academic Degrees and Values* u fl-istess ħin fuq merti letterarji ta' Dun Karm.

Biex nikkonferma li l-mozzjoni li tidher f'isem iċ-Chairman biss kienet qabel idea u tħeġġiġa tiegħi, jiena ċempilt lil Capt. J.L. Pace, Segretarju ta' l-Università ta' dak iż-żmien u tlabtu jfakkarni x'kien ġara, u hu qalli: Li jiena kemm-il darba fl-offizzju tiegħu kont fissirt ruħi miegħu li kienet ħaġa sewwa li lil Dun Karm Psaila, bħala Poeta nazzjonali, l-Università tagħtih xi onorifiċenza, u li din kienet ukoll ix-xewqa tal-Fakultà sħiħa tal-Arti.

Din il-ħarġa ta' *Leħen il-Malti* hija l-ewwel, imma mhux l-aħħar, xhieda oħra ta' qima għall-poeta nazzjonali tagħna wara mewtu.

Il-poeżija li ħallielna bħala wirt, dil-ħarġa ta' *Leħen il-Malti*, il-film *technicolor* li għamlet fuqu s-soċjetà *Christus Rex*, kif ukoll il-programm ta' siegħa li jien kont għamilt fuqu għar-Rediffusion fl-1956, programm li fih Dun Karm jinstama' jaqra xi poeżiji bil-Malti u bit-Taljan, ilkoll flimkien iżommu ħajja għalina u għal ta' warajna l-figura u l-personalità simpatika tal-Poeta Nazzjonali.

Is-sliem għalik, Dun Karm, fost il-ħajjin u fost il-mejtin!

## L-EWWEL XHIEDA TA' QIMA LIL DUN KARM

*Mill-President Tal-Qorti, l-Prim Imħallef,*

PROF. SIR A.J. MAMO, Kt., O.B.E., Q.C., B.A., LL.D.

INĦOSSNI onorat li ġejt mistieden biex nagħmel il-kelmtejn qosra tal-bidu f'din iċ-ċerimonja mhejjija mill-Awtoritajiet ta' l-Università flimkien ma l-*Għaqda tal-Malti* ta' l-istudenti.

Anqas ilu sentejn li konna ltqajna f'din is-sala sabiħa biex nagħtu ġieħ lil Dun Karm Psaila f'għeluq il-ħamsa u sittin sena li kien ilu qassis. Dak in-nhar hu kien magħna. Il-laqgħa tal-lejla wkoll kellha tkun ċerimonja ta' ferħ għal għeluq id-disgħin sena ta' l-għomor tiegħu. Imma l-mewt, għajjura u ħalliela, marret fid-dalma tal-lejl u serqitu.

Iżda fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Minkejja ħk il-laqgħa ser issir xorta waħda, għax Dun Karm verament ma mietx! Reġa' lura fil-mistrieħ tat-trab mnejn issawwar il-ġisem li kien għeja bit-tul u bit-toqol tas-snin. Imma r-ruħ baqgħet tgħix u l-ispirtu tiegħu għadu fostna.

Għadu fostna bl-eżempju ta' ħajtu u bil-wirt li ħallielna, frott ta' qalbu u ta' moħħu. "Habbâr tas-Sewwa, mera ta' sbuħija", hekk hu iddeskriva lilu nnifsu. F'dawn il-kelmiet jiena nara miġbura il-kwalitajiet kollha ta' Dun Karm Psaila li ntisġu f'armonija ta' l-għaġeb, fil-ħajja u l-kitba tiegħu. It-Tajjeb u s-Sabiħ: għal dan hu għax u ħadem ma' tul medda twila ta' snin: dan hu seddaq u wettaq fil-poeżija tiegħu. Mhux ta' b'xejn li aħna nqimu fih il-Poeta ta' Ġensna, l-akbar u l-aqwa fost il-kittieba tal-poeżija f'ilsien art twelidna.

Ix-xogħol u t-twemmin tiegħu mhux mill-bidu ġew magħrufa u mgħożża. Kien hemm żmien ta' għama u nuqqas ta' ftehim mita saħansitra hu ġie mgħajjar u mkasbar. Iżda l-kobor ta' ruħu u l-qawwa ta' mħabbtu għelbu l-għawġ kollu, u fil-milja taż-żmien hu ħalla lil Malta teżor ta' kitba mfissra b'reqqa u sbuħija ta' kliem u mirquma b'sengħa illum magħrufa u meqjuma minn kulħadd.

Mqanqal mit-tieba u msaħħar mill-ġmiel, hu kanta l-kobor ta' Alla, l-imħabba ta' għajrna, is-sbuħija tal-ħolqien, il-ġibda lejn Artna.

U dan il-għana ma jmutx u jibqa' dejjem żagħżugħ.

Sentejn ilu aħna tajna lil Dun Karm bust tal-bronż li kellu jibqa' bħala monument b'tifkira tiegħu. Iżda wisq aktar milli fis-skiet tal-bronz, it-tifkira ta' ismu tibqa' tgħix għal dejjem f'qalbna.

Kif kiteb fuqu poeta-qassis ieħor, li kellu qalbu u moħħu msawra u msaħħra mill-kitba tiegħu

*Hu jibqa' jgħix fil-qlub ta' wlied uliedna,*
*Li jibqgħu jgħannu miegħu,*
*It-tislima li kiteb bin-nar ta' mħabbtu,*
*Lil Malta tagħna u tiegħu.*

Ma rrid ngħid xejn aktar biex tistgħu tibdew tisimgħu l-programm tal-lejla li hu mimli ħafna u li bih nixtiequ nroddu lill-memorja ta' l-għażiż poeta tagħna xi ftit mill-ġieħ li jistħoqqlu.

## IT-TIENI XHIEDA TA' QIMA LIL DUN KARM

MILL-ONOREVOLI A.J. MONTANARO GAUCI, C.B.E., LL.D.

KIEN maħsub li llum niltaqgħu, biex flimkien nifirħu lil Dun Karm f'għeluq id-disgħin sena ta' ħajtu, u, għal darb'oħra, nuruh il-qima li kellna lejh.

Iżda, jaħasra, ma kellux ikun hekk. B'dana kollu, hemm raġuni biżżejjed biex dina l-qima nuruha lill-memorja tiegħu, għax, bħala poeta kbir li warajh ħalla xogħlijiet mill-isbaħ, bil-jedd kollu seta' jgħidilna: *Non Omnis Moriar.* Għad igħaddu snin kbar, u Dun Karm jibqa' jissemma bħal li kieku kien għadu mal-ħajjin, u, aktar mill-ħajjin, jibqa' jsamma' lil kull min jitgħaxxaq bil-ġmiel, l-għana u l-ħsibijiet għoljin li niseġ f'ħajtu. U ta' bil ħaqq, *defunctus adhuc loquitur.*

Dun Karm, li kien poeta f'ħames ilsna, kien igħanni minn qalbu, għax għaraf qlub il-bnedmin. U, misruq mid-dehra kbira ta' l-imħabba li tħaddan in-natura, sab il-ħlewwa fl-imrar li daq bil-bosta, kiseb il-faraġ fin-niket li ġarrab, u wissiena biex ma naqtgħux qalbna meta fil-ħajja niltaqgħu mat-tfixkil u l-ingratitudini. X'filosofija profonda nsibu fil-poema *L-Jien u Lilhinn Minnu!* X'tieba u ħlewwa nħossu fil-poema *Żjara lil Ġesù!* U x'sentimenti sbieħ jitqanqlu fina meta naqraw il-versi fuq il-*Kanarin.* U tista' ma tħossx il-qalb, tingħafas meta naqraw il-poeżija, *Nħobbok,* li fiha l-poeta wera kemm kien fehem il-qalb taż-żgħażagħ, fil-waqt li, b'tit-jira lirika u sentimenti li ma jagħmlux għajb lil Saffo, niseġ għanja mill-isbaħ fuq suġġett skabruż u żamm safja fil-kelma s-sura ta' ħsiebu.

Għana ta' mħabba safja u bla tmiem niseġ Dun Karm għal min ġiebu fid-dinja, u ħalla warajh liż-żgħażagħ twissija li ma tintemm qatt fuq il-faraġ u l-benna li l-bniedem isib fir-rispett u l-imħabba lejn ommu.

Dun Karm ħabb lil kullħadd, u, bħal fqajjar t'Assisi, ħass u faħħar fil-ħolqien ta' madwaru l-imħabba tal-Providenza divina. Dun Karm ħabb lil pajjiżu, u ssielet għall-ilsien ta' gżiritna, u ġarrab bosta dispjaċiri minn ħafna li ma fehmuhx. Iżda ħareġ rebbieħ; u fuq sisien qawwija bena għall-ilsien Malti letteratura li llum qed ta' kull jum tikber u tisbieħ u tiġbed ir-rispett u l-ammirazzjoni tal-barranin ukoll. Dun Karm qatt ma staħa li twieled, trabba u baqa' Malti; ħass il-ferħ u l-għali li ġarrbu l-Maltin; u fl-għana tiegħu għalhekk bir-raġun kollu nsibu l-veru poeta Nazzjonali.

Kienet xewqa tiegħu, li fisser lili nnifsi, li fi ktieb jinġabru, bħal ta' qabilhom, il-poeżiji li kiteb wara li ġie stampat it-tielet volum tal-*Għana* tiegħu mill-mibki, tabib Ġużè Bonnici. Jalla dik ix-xewqa tiġi mitmuma! Il-ġabra komplita tal-*Għana* ta' Dun Karm tkun l-isbaħ monument li aħna l-Maltin nistgħu nagħmlulu, u li jkun *aere peraennius.*

Iżda, filwaqt li lkoll nammiraw il-ħila tiegħu ta' poeta, l-opra kbira li ħalla warajh, u l-ġieħ li bih għolla 'l pajjiżna, ma nistgħux ma nammirawx fih dik il-virtù sabiħa li fih kienet tiddi u ssaħħar, li hija l-umiltà. Jalla l-ħidma u l-figura ta' Dun Karm tibqa' dejjem mgħożża fil-memorja tagħna, u sservi biex bħal ħuġġieġa fuq il-quċċata ta' għolja, iddawwal, tmexxi, u tqawwi l-qalb taż-żgħażagħ, u dawna jżommu dejjem f'qalbhom lil Dun

Karm bħala l-poeta ideali, u, fuq it-tagħlim safi u Nisrani tiegħu, ifasslu l-ħajja tagħhom!

## IT-TIELET XHIEDA TA' QIMA LIL DUN KARM

Minn Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.), D.P.A. (Lond)

Il-ġmiel fil-poeżija ta' Dun Karm huwa bħal għabra fina ta' nida li tixxerred ma' kullimkien. Insibuh fid-deskrizzjonijiet Virġiljani tar-raba', tal-widien, tal-kampanja Maltija waqt li jgħanni lit-Tifla tar-Raba', lis-Silla, lill-Ġunju; insibuh fl-apprezzament storiku ta' ġensna li wassal għall-poeżiji sublimi tat-*VIII ta' Settembru*, tal-*E. Boats*, tas-sunetti *Għal Dun Mikiel Xerri*, *Wied Qirda* u *Nhar San Ġwann*. Fl-imħabba għal dak kollu li hu Malti nsibu l-ġmiel patrijottiku bħal meta tħoss il-poeta-interpretu tal-poplu jistqarr:

*Iżda daqsek lil ħadd, O Malta tiegħi,*
*għax int biss ommi, inti tajtni l-isem,*
*u għadmek għadmi, u demmek jiġri miegħi.*

Imbagħad hemm il-ġmiel tal-fantażija li f'Dun Karm hija dejjem marbuta mar-realtà tal-ħajja – fantażija li tgħaġġbek u ssaħħrek għax ma tistennihiex u turik kemm il-bniedem, ukoll jekk kolt, huwa superfiċjali ħdejn l-intwizzjoni tal-poeta msaħħar, Hu, bħala eżempju, is-sunett *Bjuda*: kif igħaddi mill-bjuda tal-ġiżimin għal dak tas-silġ u tal-qamar biex fl-aħħar jasal, f'sintesi reliġjuża tal-għaġeb, fil-bjuda tax-xbubija ta' Omm il-Feddej; jew inkella *Univers Ieħor*, fejn ilaqqa' il-wiċċ tat-tarbija mal-wiċċ tal-Omm tal-Hallieq:

*'U minn dak l-Univers ta' tieba u dija*
*li jiddi ħelu fuq il-wiċċ ta' mara*
*Alla jixref u jidħak lit-tarbija.'*

Insibuh il-ġmiel fil-poeżija ta' Dun Karm fil-ħlewwa tas-sentiment li jġiegħlek tħoss mal-poeta, taqsam miegħu l-ferħ u n-niket, ngħidu aħna f'*Dell u Dija* dik iċ-ċanfira mqanqla lil dawk li ma ħamlux l-għanja tiegħu safja tfawwar fl-ilsien tal-omm li tatna isimha; naqsmu miegħu il-

biża' ta' l-imgħoddi u ta' li ġej bħal *f'Il-Ġerrejja u Jien;* naqsmu miegħu l-imħabba lejn ommu, bħal fil-ġawhra *Int ma Terġax* u l-ġibda lejn ħlejqa ċkejkna li serqitlu qalbu *f'Lil Kanarin Tiegħi.* Kullimkien tħoss is-sentiment fin, tajjeb, magħżul, milqut; għax kollox f'Dun Karm jixgħel fil-ġmiel tad-dawl tar-reliġjon li ħabb u għex u għallem u jibqa' jgħallem. Il-kobor tal-Knisja, l-immortalità tar-ruħ, ir-rebħa tat-tajjeb, Ġesù fil-ħajja Maltija ta' kull jum, il-Madonna li tħares fuq kulħadd mill-quċċata ħadra taċ-ċimiteru tal-Addolorata, jidhru fil-ġmiel tagħhom kollu fil-versi tiegħu. Għalhekk xieraq li ngħidu li Dun Karm huwa l-aħjar u l-aqwa interpretu taċ-ċiviltà Maltija – kattolika, familjari, storika, pastorali – li ntemmet mal-gwerra li għaddejna minnha u li ma terġa' fostna qatt.

U dan il-ġmiel kollu huwa mfisser fi ġmiel ta' kliem u frażijiet u epigrammi u ritmi u lwien u melodiji li jinbidlu minn waqt għal ieħor u minn għanja għal oħra kif naraw *f'Alla Mhux Hekk, Warda li Tgħid Ġrajjietha* u *Non Omnis Moriar.* Kullimkien tħoss id-daqqa tal-imgħallem – hekk li fil-Malti għalih biss nistgħu ngħidu, kif fl-Ingliż aktarx li għal Shakespeare biss nistgħu ngħidu – li jaf il-valur intrinsiku ta' kull kelma, li b'kull kelma jilgħab u b'kull kelma jinqeda biex ifisser b'ċarezza liema bħala il-ħsus tas-sens, it-taħwid tal-ħsieb u x-xenqat tar-ruħ, magħluqa bejn is-sens u l-ħsieb.

Dan fuq il-ġmiel fil-poeżija tal-poeta tagħna. X'nistgħu ngħidu fuq il-qawwa tagħha? Haġa waħda biss: Erġgħu aqraw *L-Jien u lil Hinn Minnu* – poema filosofiku – poema li jħabbatha mad-*Dei Sepolcri* tal-Foscolo u joqgħod tajjeb ħdejn l-aqwa xogħlijiet letterarji ta' l-istess sura Ingliża. Quddiem dan il-kobor il-kliem jieqaf u l-kritiku joqgħod f'postu.

## XHIEDA TA' QIMA LIL DUN KARM

Mill-Professur J.A. Manchè, C.B.E., B.Sc., M.D., LL.D.Hon. (W.Ont.)
Rettur u Viċi-Kanċellier tal-Università Rjali ta' Malta

Hija ħaġa wisq xierqa li min jaħdem għal pajjiżu u jagħmel il-ġid ikun magħdud bħala benefattur tal-poplu. U xogħlu għandu ikun apprezzat, u mogħti l-piż li jistħoqqlu.

U min jista' jiċħad li wieħed minn dawn in-nies li għaddew ħajjithom jaħdmu għal art twelidhom b'ħilthom kollha ma huwiex il-Poeta Nazzjonali Malti, Dun Karm Psaila? Alla taħ l-għomor u Dun Karm ma ħeliex mument

minnu. Kanta dejjem is-sbuħija ta' art twelidu, id-drawwiet sbieħ ta' ħutu l-Maltin, ħeġġiġhom dejjem għall-imħabba tal-Gżira tagħhom, għall-imħabba lejn min ġiebhom fid-dinja, u fuq kollox uriehom il-ġmiel tal-Lsien Malti. Fix-xogħlijiet tiegħu wieħed ma jistax ma jammirax it-tjubija tal-poeta, l-imħabba lejn ommu u lejn il-Gżira tagħna, u dana jagħmlu bi kliem sempliċi, użat kuljum. Halla warajh wirt sabiħ, li huwa dmirna ngħożżu u ngħaddu lil uliedna u lil ulied uliedna.

Mhux għalxejn l-Università, fis-sena 1945, ħasset id-dmir li bniedem bħal dan, tħaddnu magħha u tagħmlu iben tagħha billi tagħtih lawrja onorarja ta' Duttur tal-Letteratura. L-Università hija l-awtorità li f'dawn il-gżejjer kapaċi tapprezza xogħol bħal ta' Dun Karm. U dmirha li tagħmel il-qalb lil min jagħmel il-ġid u tgħinu sa fejn tista'. Dan id-dmir qdietu u għandha biex tiftaħar li fil-*Liber Aureus* tagħha jidher l-isem tal-kbir Poeta Nazzjonali li, għalkemm Alla ġabru, jibqa' ħaj fostna bix-xogħlijiet tiegħu li ma jmutu qatt.

## TIFKIRIET DWAR DUN KARM

Ta' L-Eċċellenza Tiegħu L-Arċisqof Michael Gonzi, K. B.E., G.C.O.J., D.D., D.Litt., B.L.Can., J.C.D.(Greg.)

Fost l-ammiraturi ta' Mons. C. Psaila, il-poeta nazzjonali, magħruf bħala "Dun Karm", ftit huma dawk li kienu ilhom jafuh u jammirawh daqsi.

Kont tifel ta' tlittax-il sena meta f'Ottubru tal-1898 dħalt is-Seminarju tal-Furjana fl-ewwel klassi tal-Ġinnasju. Dun Karm kien wieħed mill-ewwel surmastrijiet li kelli u mill-iżjed li kienu jinteressaw ruħhom fl-istudenti. Jiena sinċerament urejtu bil-fatti l-fiduċja tiegħi fih u hu, mill-banda l-oħra, wera nteress kbir fil-progress tiegħi.

Dam surmast tiegħi ta' materji diversi tliet snin, u ma tulhom ħa kura speċjali tiegħi. Ir-relazzjonijiet bejni bħala student ħabrieki u bejnu bħala surmast ta' kapaċità pedagoġika straordinarja saru intimi, u permezz tiegħi sar jaf il-ġenituri tiegħi. Kultant kien jiġi jagħmel żjara lill-familja tiegħi.

Ommi kellha stima kbira lejn Dun Karm u fiduċja kbira fih. F'waħda miż-żjarat li kien jagħmlilna d-dar ommi fis-sempliċità tagħha għamlitlu din il-mistoqsija: "Dun Karm, tgħid ikolli x-xorti li ġumata nara lil Kelinu saċerdot?" Dun Karm weġibha u qallha: "Ibnek isir qassis u ġumata anki isqof". Jiena ma ngħidx li Dun Karm kellu d-don tal-profezija; imma qed

insemmi dan l-episodju għax Dun Karm ta' sikwit kien iħobb isemmih ma' ħafna sa ma miet.

Iżjed tard jiena mort l-Università; però r-relazzjonijiet ma' Mons. Psaila ma ntemmux: baqa' jieħu interess fl-istudiji tiegħi.

Wara li spiċċajt l-istudiji u ġejt lura minn Ruma, ltqajt ma' Mons. Psaila mhux bħala student tiegħu, iżda bħala kollega fit-tagħlim fil-Fakoltà Teoloġika tas-Seminarju, hu bħala professur tal-Istorja tal-Knisja u jiena bħala professur tal-Iskrittura.

Meta fl-1924 sirt Isqof, ma nistax ngħid kemm feraħ. Ġie d-dar u fakkar 'l ommi f'dak li kien qallha: kienet sodisfazzjon kbira għalih. Għall-okkażżjoni kiteb sunett.

Tul l-għoxrin sena li domt Isqof Għawdex il-laqgħat tagħna saru aktarx rari. Iżda meta ġejt Malta konna ta' sikwit niltaqgħu u f'dawn l-aħħar snin kull meta kien darba fix-xahar jiġi l-Belt biex jieħu l-pensjoni, kien bl-istess karrozza jiġi l-Palazz jagħmilli żjara b'edifikazzjoni ta' kull min kien jarah. Ma hemmx bżonn ngħid li meta dan ma baqax jagħmlu, għax inġabar għand il-*Blue Sisters*, kont nagħmlu jien.

Meta l-ammiraturi tiegħu kienu ħasbu biex jiċċelebraw l-għeluq id-disgħin sena, jiena kelli nieħu sehem fil-festeġġjamenti li kellhom isiru; iżda Alla għoġbu isejjaħlu qabel din iċ-ċirkostanza, u dak li ma stajtx nagħmel f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet għamiltu fil-funeral li sarlu billi ħadt sehem fih u bgħatt is-Seminaristi biex anki huma jieħdu sehem.

## DUN KARM
(Apprezzament)

Ta' MONS. PROFESSUR P.P. SAYDON, B.LITT., B.L.CAN., LIC.S.S., D.D., D.LITT. (*Hon. Causa*)

DUN KARM! Hekk jafu kullħadd il-Monsinjur Dun Karm Psaila D.Litt.(Hon.) u hekk kont nafu jien tnejn u ħamsin sena ilu meta, f'Ottubru 1908, dħalt is-Seminarju tal-Furjana fejn kien igħallem it-Taljan. U jekk matul dawn is-snin kollha ma tbiddelx ismu, anqas ma tbiddlet qalbu. Dun Karm baqa' dejjem dak li kien, dħuli, ħabib ta' kullħadd, bi tbissima fuq xufftejh u kelma ħelwa dejjem lest għal kullħadd. U Dun Karm kien juri qalbu mhux biss man-nies tal-iskola u fuq il-mejda tal-istudju, imma ma' kullħadd u kullimkien. Fl-iskola jew San Pawl il-Baħar, fis-sajf fil-għaxija jew bil-

lejl bil-kitarra jew bil-mandolina, imdawwar minn xi studenti jew bil-boċċa f'idu jimmira għal-likk, bil-lapis f'idu jsewwi xi vers ta' poeżija ta' wieħed żagħżugħ jew bl-istikka fuq il-mejda tal-billjard, Dun Karm kien dejjem l-istess, bniedem ferrieħi, dħuli, ħabib taż-żgħażagħ u ta' kullħadd. Hekk kont nafu fis-sena 1908, meta rajtu l-ewwel darba, u hekk bqajt nafu sas-sena 1961, meta rajtu l-aħħar darba ftit qabel ma miet.

Bniedem bħal dan għandek taħseb li kellu jgħaddi ħajjtu kollha qalb il-ward tal-ħbiberija ta' kullħadd. Imma kull warda fiha x-xewk, u Dun Karm flimkien mal-fwieħa tal-ward tal-ħbiberija ħass ukoll it-tingiż tax-xewk tal-għira. Kienet is-sena 1910 meta l-ilsna ħżiena ta' xi Maltin ġiebu minn Ruma wieħed, ras għolja, biex jara l-istat tal-Knisja ta' Malta. Sar ħafna tibdil li semmewh *riforma*, u dan it-tibdil baram fil-mewġ qalil tiegħu 'l Dun Karm ukoll. Dik il-ħabta Dun Karm u xi qassisin oħra jgħallmu s-Seminarju kellhom kamra s-Seminarju u kienu joqogħdu hemm jieklu u jorqdu. Kienu jħobbu s-Seminarju, li għalihom kien il-ħajja tagħhom, u aħna s-seminaristi konna nħobbuhom bħal sħabna. Ġiet dik li jgħidulha *riforma* u Dun Karm u s-surmastrijiet l-oħra sabu ruħhom barra mis-Seminarju. Il-għala? Dun Karm qatt ma qalha l-istorja tiegħu, imma kultant kienet tiżloqlu xi kelma żgħira, u minn dik il-kelma żgħira aħna stajna nifhmu li kien hemm min igħir għalih u li qala' xi qlajja' kerha fuqu. X'kienet? Dak li ma qalx hu, ma rridux ngħiduh aħna; biss min jaf 'il Dun Karm tajjeb jista' jaħseb li dik il-qlajja, ma kenitx ħlief gidba ħoxna u tajn maħmuġ mitfugħ fuq l-isem nadif ta' Dun Karm, il-ħabib ta' kullħadd. U Dun Karm, ta' bniedem kbir li kien, flok ma tefa' l-istess tajn maħmuġ fuq min tefagħhulu, qagħad isofri fis-skiet id-daqqa ta' ħarta li tawh u talab maħfra lil min tahielu. U illum, wara ħamsin sena, dik l-istorja tinsab midfuna flimkien mal-ħażen li ħalaqha.

Dun Karm hu magħruf minn kullħadd bħala poeta. Imma qabel ma sar poeta Malti Dun Karm kien poeta Taljan. Niftakru b'liema ħeġġa kien ifissrilna l-poeżiji li kien ikollna għall-eżami u kemm konna nieħdu pjaċir nisimgħuh jitkellem b'dak il-mod ċar, ħafif u bi kliem ħiereġ mill-qalb dawk il-poeżiji. Kiteb ħafna poeżiji bit-Taljan li huma miġburin fiktieb *Foglie d'Alloro* u kellu isem sabiħ fost il-kittieba, Maltin u Taljani, tal-poeżija. Tant kienet naturali fih il-poeżija li, bħal poeta Latin Ovidju, meta kien jitkellem, il-kliem kien joħroġlu poeżija. U min jaf kemm-il darba fil-klassi kien jaqbad jitkellem u jdum ħafna jitkellem' f'versi. Sewwa qalu r-Rumani li l-poeta jitwieled, mhux isir bl-istudju. U Dun Karm twieled poeta. Hekk jafuh 'il Dun Karm iż-żgħażagħ tal-lum, imma dawk li huma akbar minnhom jafu xi ħaġa oħra li żżomm ħajja f'qalbhom il-persuna, l-isem u x-xogħol ta' Dun Karm.

# DUN KARM – KIF NAFU JIEN

Ta' A. CREMONA, D.LIT. (*Honoris Causa*)

DONNU Ibierah. Mas-sitta u sittin sena ilu. Jien tifel ta' xi tlittax-il sena, u Dun Karm żagħżugħ ta' xi tnejn u għoxrin sena. Konna s-Siminarju tal-Furjana flimkien; jien maż-żgħar u hu mal-kbar. Kont għadni ġej mill-Kulleġġ tal-Ġeżwiti ta' Għawdex, u hu kien għadu s-Siminarju wasal biex itemm l-istudji tiegħu. Moħħi kien għadu frisk sewwa, magħġun fuq sisien sħaħ ta' tagħlim tal-Ilsien Taljan; kont sibt fil-wiċċ dħuli u mġieba lventa, iżda għaqlija, ta' Dun Karm, il-ħabib li nissel fija l-ewwel xrariet għal-letteratura· li dik il-ħabta, fil-qasam tat-tagħlim tas-Siminarju l-aktar li kienet taħkem dik tal-Latin u tat-Taljan.

Minnu kont itteħidt b'dik il-marda, biex ngħid hekk, ta' tħarbix ta' versi, meta hu kien isejjaħli ħdejh, u bis-sabar kollu jurini kif għandi nkejjel b'subgħajja u nqabbel il-versi; u għalkemm imħabba f'hekk ġew waqtiet li kont inwarrab kull studju ieħor, jien ma jisgħobbinix li Dun Karm kien nissel fija din ix-xorta ta' mħabba u ġenn għall-poeżija.

Dun Karm sa minn mindu kellu għoxrin sena kien il-kittieb ta' dik il-qatgħa ta' poeżija klassika li sa dak iż-żmien kienet għadha tixgħel u tiddi bl-aqwa xrariet ta' l-iskola ta' l-Alfieri, Monti, Manzoni, u jekk toqgħod tifli l-ġabra ta' l-ewwel versi ta' Dun Karm, *Foglie d'Alloro*, għandek issib li bħala student ta' Del Ricco, li kien Professur tal-Letteratura Taljana s-Siminarju, Dun Karm kien ix-xbieha karatteristika tal-poeżija mexxejja, iżda għolja u allegorika, li ddoqq ħafna fil-widna u li kienet laħqet għexet tajjeb sal-bidu ta' dan is-Seklu.

Dun Karm, niftakru tajjeb, ma kienx iżda jedha biss bil-versi. Moħħu kien kalamita. Dun Karm kien żagħżugħ li jħobb iħabbel moħħu fuq studji oħra ta' ilsna u xjenzi naturali, kif ukoll tal-arti tad-daqq. Waqt il-ħinijiet tal-mistrieħ kont tarah jaqbad il-mandulina* u jdoqqha wara ftit li jkun tgħallem in-noti. Meta, skond ix-xewqa ta' l-Isqof Pace, fis-Siminarju kienet daħlet ir-riforma ta' l-istudji bi programm tal-Matrikola, fejn fost materji ġodda kienu l-istudji tal-Matematika, Fiżika u Ingliż fuq metodi iżjed mirquma u fil-wisa' li minnhom kien nieqes it-tagħlim fis-Siminarju, Dun Karm, għalkemm kien wasal biex itemm l-istudji tiegħu u jqaddes, kont dlonk, fil-ħinijiet battala tiegħu, tarah jitħallat magħna biex jitħarreġ sew fix-xjenzi kemm fl-Ingliż, li sar jaf hekk tajjeb li f'qasir żmien wasal ukoll biex isawwar xi versi bl-Ingliż, u saħansitra, maż-żmien bl-Esperantu li

*Din il-mandulina l-lum kisbitha, wara l-mewt ta' Dun Karm, il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, u miżmuma bħala tifkira għażiża fid-Dar tal-*Għaqda*.

hu tgħallem waħdu.

Il-ħeġġa ta' Dun Karm kull fejn kienet tidħol arti u letteratura kienet biex ingħid hekk ir-ruħ li kienet tagħti nifs qawwi fil-ħajja tas-Siminarju. Jekk f'reċta tarah jieħu sehem u jagħmilha ta' 'Bertu sar Tabib'; jekk fi programm teatrali, fil-ġranet tal-Karnival kont tarah jiġi jistaqsina l-programm ta' kull lejla u jħażżeż f'sagħtejn il-programm f'għamla ta' versi n'rima mbewsa, u kull lejla qabel ma jitla' s-separju jaqra bil-ħeġġa kollha ta' żagħżugħ fuq ruħu il-versi magħmulin xi mindaqqiet dak in-nhar stess ftit qabel ma tibda r-reċta.

Niftakar lil Dun Karm, surmast tiegħi tal-Kosmografija li kien jiddettalna min-noti tiegħu (noti li għadni nżomm b'għożża kbira) u li jiena kont inħobb nitgħallem bl-amment, ħaġa li qatt ma għamiltha f'materji oħra. Niftakar ukoll, biex jagħmilli l-qalb kien bagħatli mir-raħal tiegħu daqsxejn ta' poeżija tiegħu ħelwa, jisimha *Il Cuore* biex inġibha fil-ġurnal *Il Passatempo Estivo* li jien kont ħloqt għall-mogħdija taż-żmien fostna s-Siminaristi fix-xhur tas-sajf li konna nqattgħu fis-Siminarju tal-Imdina. Din il-poeżija l-lum taqrawha f'waħda mill-antoloġiji *Fior del Mondo*.

Ebda ħaġa ma laqqgħetna hekk bi sħiħ fit-triq ta' din il-ħajja, wara li hu, mis-Siminarju fejn kien baqa' jgħallem, sab ruħu qalb il-kotba tal-Bibljoteka bħala Assistent Bibljotekarju, u jien kont ili madwar tnax-il sena li ħallejt l-istudji, daqs dik il-ħeġġa, li baqgħet fina t-tnejn, tas-sengħa tal-poeżija, fih bħala farfett li kellu l-ħila jħabbat il-ġwienaħ fuq kull warda ta' l-isbaħ ġnien, u fija bħala daqsxejn ta' ferħ, għadu kif ħiereġ mill-fosdqa u jimraħ fuq xi warda 'l hawn u 'l hinn. Dak li laqqagħna kien *Il-Ħabib*, ġurnal bil-Malti li beda joħroġ mid-Dar tal-*Unione Cattolica San Giuseppe*, għalina t-tnejn l-aqwa ħabib tal-qalb. Hawnhekk kien li Dun Karm, imħajjar mill-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi u minn Mons. Galea, raġa' kibes bil-ħrara li jerġa' għas-sengħa tal-għana, iżda din id-darba l-għanjiet tiegħu ma kinux ħlief id-diwi ta' leħen safi ta' dik il-kelma li kien tgħallem f'ħoġor ommu, id-diwi tal-lsien ta' art twelidu. Dun Karm kien sebaq lilu nnifsu bħala poeta Malti ta' versi Taljani, iżda fil-versi Maltin ma kienx inqas poeta milli f'żgħożitu kien poeta ta' versi Taljani. Xebbaħ il-poeżija Taljana miktuba minnu sa dak iż-żmien ma' dik li ħarġet bil-Malti mill-pinna tiegħu mis-sena 1912, u inti tara li għalkemm il-poeżija tiegħu Maltija tnisslet mill-ħeġġa poetika ta' qabel u redgħet minn ħalibha mhux ftit, din ta' l-aħħar ħarġet iżjed safja, iżjed mexxejja u naturali, u xi mindaqqiet wisq iżjed qawwija u sħiħa fil-ħsieb u fil-kelma.

Dun Karm bil-poeżija tiegħu Maltija rafa' mit-trabijiet il-lsien Malti u żejnu bil-għana tiegħu b'dija hekk sabiħa li ma tagħmilx għajb lil dik li nsibu fil-letteratura poetika ta' ilsna oħra. B'hekk Dun Karm wettaq u

kabbar il-ġieħ tal-lirika Maltija, meta ta' dan il-ġieħ ma kellniex biss ħlief l-ewwel ħjiel fil-versi ta' Richard Taylor, ta' Dun Dovik Mifsud Tommasi, Klement Mifsud Bonnici, Frendo De Mannarino, Ġan Anton Vassallo, Dwardu Cachia u Ġużè Muscat-Azzopardi.

Mhix ħaġa kbira għalhekk li wara l-mewt tal-Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi, li kien jitqies bħala l-Missier tal-Letteratura Maltija, Dun Karm ġie magħżul bħala President tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u Direttur tar-Rivista letterarja *Il-Malti*, organu ta' l-istess *Għaqda*, karika li fiha baqa' għal bosta snin, u li hu kien ħadem fiha bl-akbar ħeġġa u bl-akbar fejda u ġieħ għall-progress tal-*Għaqda* u tal-Lsien Malti.

Hekk nafu lil Dun Karm fil-ħajja u fil-ħidma tiegħu letterarja minn xi ħamsin sena 'l hawn — żmien li magħqud mal-ħamsa u għoxrin sena ta' qabel, li fihom il-ħsieb żagħżugħ trabba u tħarreġ fil-letteratura tal-lsien sabiħ ta' Dante, igħaqqad is-sensiela ta' snin ta' ħajja twila letterarja, ħajja li kellha hekk għalgħarrieda u bla ħsieb tinħasad meta Dun Karm kien wasal biex jagħlaq il-għomor ta' disgħin sena u aħna lkoll konna nistennew bi ħrara kbira biex f'għeluq dan il-għomor hekk twil nifirħulu b'dawk ix-xewqat sbieħ u b'dak il-ġieħ li kien jistħoqqlu. Il-lum wara mewtu, ta' ftit ġranet ilu ma baqagħlniex ħlief id-dmir li nfakkruh lil sħabna l-kittieba, xjuħ u żgħażagħ u lill-poplu Malti bħala qima għal xogħlu u ismu li bihom iżżejnet il-letteratura Maltija, għax fih aħna naraw l-isbaħ xbieha ta' bniedem li bih Malta għandha għalfejn tiftakar u titkabbar u tibqa' żżommu bħala mudell tal-ġenju poetiku ta' wliedha.

## DUN KARM U JIEN

Ta' F.S. CARUANA

QABEL ma twaqqfet il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* fl-1920 jiena kont għadni ma nafux lil Dun Karm għallinqas mill-wiċċ. Iltqajt miegħu u tkellimna għall-ewwel darba meta, ftit qabel ma saret l-ewwel laqgħa, kien ġie jarani fl-uffiċċju ta' l-Istamperija *Empire Press* fejn, bil-permess tal-Kumitat ta' l-Unjoni Kattolika San Ġużepp, ftit jiem wara, konna ltqajna xi erba' u tletin ruħ u waqqafna l-*Għaqda*. Kienet saret sejħa għal dan il-għan lill-kittieba tal-Malti wara li l-ġurnal *Il-Habib* kien ippublikali ittra ta' theġġiġ li jien kont bgħattlu u li għaliha wieġbu tajjeb bosta kittieba, ġurnalisti u oħrajn li kellhom għal qalbhom l-ilsien Malti. Dak in-nhar Dun Karm kien ġie fl-uffiċċju tal-*Empire Press* biex jagħti persunalment l-ade-

żjoni tiegħu għat-twaqqif tal-*Għaqda*. F'dik l-ewwel laqgħa tal-*Għaqda* kienet ġiet magħżula Kummissjoni biex tressaq quddiemha rapport dwar l-ortografija tal-Malti, Kummissjoni magħmula mill-Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi, is-Sur Pawl Bellanti, il-Mons. Dun Pawl Galea, is-Sur Nin Cremona u l-Prof. Dun Karm Psaila; biex igħinuhom minn Għawdex is-Sur Ġann Vassallo, l-Avukat Ġużè Micallef u l-Mons. Dun Pawl Cauchi.

Għidt li qabel dan kont għadni ma nafux lil Dun Karm għallinqas mill-wiċċ u hekk hu, għax mill-kitba tiegħu kont nafu: kont nafu mill-poeżijiet sbieħ li kien jikteb fil-*Ħabib*, imħajjar kif kien mill-Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi u minn Dun Pawl Galea. F'dan il-ġurnal *il-Ħabib*, kif ukoll fl-ieħor ta' qablu *is-Salib*, Ġużè Muscat-Azzopardi megħjun minn xi erbgħa bħalu kien qiegħed imexxi ħidma siekta iżda qawwija u fejjieda għall-mixi 'l quddiem ta' kitba tajba b'ilsien artna – ħidma li fetħet it-triq għall-iżvilupp kbir li sar f'dawn l-aħħar erbgħin sena. X'kien s-sehem ta' Dun Karm f'dan il-mixi 'l quddiem fil-letteratura Maltija nafuh tajjeb.

Xi ftit qabel dan iż-żmien, kittieba tajbin bħal Annibale Preca, Napuljun Tagliaferro, Akille Ferris, Ġ. Muscat-Azzopardi, Alfons M. Galea, Dun Xand Cortis, Patri Manwel Magri, Ċensu Mifsud Bonnici, Dun Karm Psaila, Patri Anastasju Cuschieri, Ġanni Vassallo, Ninu Cremona kienu bdew bil-kitba u studju tagħhom iqanqlu l-qlub tal-Maltin veri b'ġibda lejn il-lsien għażiż ta' art twelidna. Kienet il-kitba sħiħa, qawwija, fejjieda ta' dawn il-kittieba li laqtet lili wkoll. Bla ma naf kif, bdejt kull poeżija jew biċċa kitba oħra bil-Malti li tolqotni w nsib f'xi gazzetta, jew f'xi ktejjeb nikkupjaha jew inwaħħalha fuq speċi ta' pitazz li kont insejjaħ "il-pitazz tiegħi". Fost dawn u minn tal-ewwel kien hemm erba' poeżijiet ta' Dun Karm li, ma' l-oħrajn sħabhom, naqrahom il-lum, naqrahom għada, kont nista' ngħid tgħallimhom bl-amment. Dawn il-poeżijiet ta' Dun Karm kienu *Quddiem ix-Xbiha tal-Madonna, L-Innu tal-Haddiema, Il-Għanja ta' Mejju, Il-Wegħda.*

Wara dik l-ewwel laqgħa fl-uffiċċju ta' l-*Empire Press*, ma' Dun Karm kont niltaqa' spiss billi hu kien Membru tal-Kummisjoni kif ukoll tal-Kumitat, u mbagħad billi wara l-mewt tal-Kav. Ġużè Muscat-Azzopardi kien sar it-tieni President tal-*Għaqda*, u jiena, għal bosta snin, kont is-Segretarju tagħha. B'dawn il-kuntatti u bl-oħrajn li kelli miegħu iżjed 'il quddiem, jiena sirt naf lil Dun Karm sewwa, sirt nafu bħala l-qassis mill-aħjar, għaqli, għaref u ħabib kbir ta' kull ħaġa Maltija. Lili kien iħobbni, jirrispettani u jafda fija, u ma ninsieha qatt il-ferħa li ħassejt meta bagħat għalija u talabni nagħtih daqqa ta' id fil-qari tal-provi meta ġie biex jistampa l-*Oqbra* tiegħu, u ma ngħidx kemm hi għal qalbi l-kopja li tani iffirmata minnu bil-kliem "Lil F.S. Caruana b'radd ta' ħajr u turija ta' qalb li taf".

Kuntatt iehor għal ħafna snin li kelli ma' Dun Karm kien fit-thejjija u stampar tad-Dizzjunarju Ingliż-Malti. Dan kien beda jiġi ikkumpilat minn Kumitat maħtur mill-Gvern u mbagħad imħabba xi diffikultajiet li nqalgħu ġie mħolli għal kollox f'idejn Dun Karm li, b'ħila u b'sabar liema bħalhom, imexxielu jtemm dan ix-xogħol hekk meħtieġ. Jiena kont wieħed mill-membri ta' dan il-kumitat, mbagħad, fuq talba tiegħu, bqajt ngħinu fit-tajpjar tiegħu u għal xi snin ukoll fil-qari tal-provi ta' l-istampa.

Hekk il-ħbiberija tagħna kienet kibret sewwa, spiss kont inżuru fid-dar tiegħu ta' Tas-Sliema; huwa dejjem jifraħ bija u jiżżini ħajr. Kien raġel li jistħoqqlu l-qima ta' kulħadd, bniedem ħaddiem u ma jaqta' qalbu minn xejn, u meta mitlub jagħmel xi biċċa xogħol, jagħmilha bil-ħeġġa u bil-qalb u bit-tbissima f'fommu. Ma ninsa qatt meta darba x'ħin mort nagħmillu waħda miż-żjajjar tiegħi nsibu b'wiċċ daħkani qiegħed fuq il-pjanu jtektek nota wara l-oħra. Kienu n-noti ta' l-*Innu Malti* li jiena kont qed nisma' għall-ewwel darba waqt li hu kien qiegħed jinsġilhom il-kliem li jixirqilhom: dak il-ħin fil-qalb poetika ta' Dun Karm kienet qed titwieled il-għanja ħelwa, it-talba qaddisa, patrijottika li saret, li hija u li tibqa' sa ma tibqa tħabbat qalb Maltija, l-Innu ta' *din l-art ħelwa, l-art li tatna isimha.*

## DUN KARM JIBQA' DEJJEM F'QALBI FOST L-EGHŻEŻ TIFKIRIET TA' HAJTI

Ta' Patri Ġ. Delia S.J.

Bil-mewt ta' Mons. Psajla tlift wieħed mill-ikbar ħbieb li kelli u li kellu l-aqwa influwenza fuqi fil-qasam tal-letteratura Maltija.

Kien hu li bil-kitba u bil-kelma tiegħu xeħet fija l-ewwel xrara ta' mħabba lejn ilsien art twelidna u li fetaħ quddiemi d-dehra sabiħa tal-ġmiel tal-poeżija Maltija.

L-ewwel kuntatt li kelli ma' Dun Karm, poeta, kien b'mezz tal-kitba tiegħu. Kelli xi tnejn u għoxrin sena. Kont Spanja, qed nistudja l-filosofija fil-Kulleġġ tagħna tal-belt ta' Granada. Billi konna ħafna studenti Ġiżwiti ta' nazzjonijiet differenti, meta kien ikollna xi akkademja letterarja f'xi okkażjoni speċjali, kulħadd kien jaqra xi poeżija bi lsien pajjiżu. Fil-bidu jien infxilt. Għax sa dak iż-żmien kont għadni qatt ma ktibt bil-Malti. Ktibt malajr Malta biex jibagħtuli xi ktieb tal-poeżiji b'ilsien art twelidna.

B'xorti tajba baghtuli *Ward Ieħor*, li kienet it-tieni ġabra tal-poeżiji ta' Dun Karm. Meta qrajthom dawk il-poeżiji, iġġennint warajhom. Qatt ma bsart f'ħajti li l-Malti kien jista' jasal biex jittajjar hekk fil-għoli u jfisser bi kliem hekk mirqum u sabiħ ħsibijiet u sentimenti hekk ħelwa u hekk qawwija. Dak il-ktieb ċkejken qrajtu u xtarrejtu u arġajt qrajtu, donni qatt ma stajt, nixba' minnu. Ħassejt minnufih il-bżonn li nuri lil sħabi il-ġmiel tal-poeżija Maltija. Għalhekk qlibt bl-Ispanjol waħda minn dawk il-poeżijiet li l-aktar kienu laqtuni: *Il-Vjatku*. U fl-ewwel okkażjoni li kelli, qrajtha quddiem kulħadd. Issaħħru warajha u riedu jkunu jafu iżjed fuq il-letteratura Maltija. Meta ktibt lil Dun Karm u bgħattlu kopja ta' dik it-traduzzjoni Spanjola, tgħidx kemm ħa gost u kemm feraħli u kemm baqa' dejjem isemmihieli. Minn dak iż-żmien, bdejt ninteressa ruħi sewwa mill-Malti u bdejt nikteb u bqajt nikteb sal-ġurnata tal-lum.

Meta minn Spanja ġejt lura lejn Malta u lil Dun Karm sirt nafu personalment, il-ħbiberija tagħna kibret u ssaħħet. Kont ta' sikwit immur infittxu l-Bibljoteka f'dik ir-rokna ċkejkna fejn kien l-uffiċju tiegħu, imdawwar bil-kotba, dejjem fuq tiegħu, dejjem kalm u mbissem, dejjem lest biex jgħinek f'kulma titolbu.

Konna nagħmlu konversazzjonijiet twal. Qatt ma kont nixba' nisimgħu. Kien qisu enċiklopedija, għall-għerf li kellu maħżun ġo moħħu. Kienet il-memorja tiegħu għax kulma kien jaqra kien donnu jibqa' stampat f'moħħu bid-dati, bl-ismijiet u bl-intietef kollha. Kien donnu jifhem f'kull suġġett. Imma l-qawwi tiegħu kienet l-iktar il-letteratura; mhux biss il-letteratura Taljana li tagħha kien tassew mgħallem, imma wkoll il-letteraturi ta' pajjiżi oħra, li tagħhom kellu tagħrif ta' veru 'Scholar'. Kien ikellimni wkoll iktar konfidenzjalment fuqu nnifsu, fuq ħajtu meta kien tifel is-Seminarju, imbagħad meta sar qassis u beda jgħallem, fuq l-ewwel suċċessi u l-ewwel tiġrib illi kellu. Kien jidher li kien magħġun b'sensibiltà mill-ikbar, għalkemm ma kienx juriha dejjem u ma' kulħadd. Kellu ċerti rkejjen f'qalbu li malli kont tmisshomlu, malajr kien jurik kemm kien iħosshom. Xi daqqiet imbagħad kont nistagħġeb bis-semplicità tiegħu, sempliċità li kienet turini l-qalb tiegħu ta' tifel u li ssib kemm-il darba f'nies ta' intelliġenza kbira li ma jafux jitkabbru b'dak li jafu.

Dejjem għamilli l-qalb biex nikteb u meta kont nurih xi biċċa xogħol li nkun ktibt, kien jurini, bis-sabar kollu, kif indawwar aħjar il-ħsieb u nagħżel u nqiegħed il-kelma, biex il-vers jiġri iktar ħafif u iktar ikun idoqq.

Niftakar meta fl-1927 jew xi sena qabel, kont bgħatt lill-*Pronostku Malti* tad-ditta Muscat l-ewwel poeżija tiegħi, *It-VIII ta' Settembru*, li kienet ħadet l-ewwel premju. Dun Karm, malli rani ħadli b'idejja, feraħli

u b'daqsxejn ta' tbissima qalli: "Isma' ħej, il-premju li ħadt naqsmuh, għax dik il-poeżija donni ktibtha jien daqs kemm tixbah lill-poeżiji tiegħi!" U kellu raġun. Għax tant kienet magħġuna ma' demmi l-poeżija tiegħu li mhux biss f'dawk l-ewwel snin, imma sal-ġurnata tal-lum, qatt ma stajt ninqata' għal kollox mill-influwenza tiegħu.

Meta kont l-Irlanda nistudja t-teoloġija, bqajna niktbu lil xulxin, għalkemm mhux ta' sikwit. Darba bagħatli dik il-poeżija tiegħu *Alla mhux hekk!* li kien għadu kif kiteb. Saħħritni u ktibtlu biex ngħidlu kemm għoġbitni u biex inħajru jikteb oħrajn ta' dik il-ħlewwa u ta' dik il-qawwa poetika. Hu weġibni u qalli li poeżijiet bħal dik ma joħorġux malajr u met wieħed irid. Fissirli wkoll iċ-ċirkostanza meta ħass il-lehma biex jiktibha. Qalli, li dak in-nhar fl-għaxija kien miexi mal-Prof. Cuschieri O.C. fuq naħa tal-Mall sejjer lejn l-Argotti. "F'daqqa waħda", qalli, "waqafna t-tnejn inħarsu lejn is-Sema. Ix-xemx kienet nieżla fost sħab u ċpar ħafif li kien jimla l-punent. Imma l-ġmiel tal-ħolqien li rajt dak in-nhar, ħassejtni li qatt ma kont rajt bħalu qabel u lil-Professur Cuschieri għidtlu: 'Profs, il-lejla ser nikteb poeżija li żgur li sa togħġbok'." U dik il-lejla stess ħarġet minn qalbi l-poeżija: *Alla Mhux Hekk.*

Dan l-aħħar meta kont narah San Girgor kien iġibli ħniena. Kemm-il darba meta kont inkellmu, bil-kemm kien jagħrafni u jiftakarni u meta kont nisimgħu jħawwad il-kliem u l-ħsibijiet u narah b'dak il-wiċċ donnu dejjem ħosbien u mdellel bi sħaba ħafifa ta' swied ta' qalb u donnu ta' biża', kont inħoss għafsa f'qalbi. Meta saritlu l-akkademja ta' ġieh mill-għaqda ta' *Christus Rex* u jien mort fuqu biex nifraħ bih u biex ngħidlu li kont ktibtlu xi ftit versi, daħaqli, raddli ħajr, imbagħad donnu ftit imħawwad ħares lejja u staqsieni: "Int min int sewwa?" Meta għidtlu ismi ipprova jurini li għarafni, imma naħseb li t-tifkira tiegħi bħat-tifkira ta' ħafna oħrajn li kienu hekk qrib lejn qalbu kienet diġà ntfiet minn moħħu.

Illum Dun Karm m'għadux iktar fostna, u kull wieħed minna li konna nafuh u ngħożżuh, iħoss il-beraħ kbir li ħalla warajh. Imma kull wieħed minna jħoss ukoll li Dun Karm ma mietx għal kollox. *Non Omnis Moriar.* Għad baqa' xi ħaġa minnu li għadha ħajja fostna u li tibqa' ħajja f'qalbna u fil-qalb tal-ġenerazzjonijiet ta' wrajna: il-wirt għażiż li ħallielna tal-poeżija tiegħu.

# JIENA NAF LIL DUN KARM

Tal-Professur Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.

Lil Dun Karm nafu bħala surmast, bħala kollega u bħala ħabib tiegħi.

Kont għadni tifel immur l-iskola tal-Gvern ta' Ħal Qormi meta ssaħħart wara l-poeżija tiegħu. Dak iż-żmien kull nhar ta' Ġimgħa s-Surmast, is-sur Franġisku Sciberras, kien jislifna ktieb mill-kollezzjoni *Mogħdija taż-Żmien* biex naqrawh fl-aħħar tal-ġimgħa. Darba messni n-numru 140 tal-Kollezzjoni li jismu *L-Ewwel Ward jew Ġemgħa tal-Poeżijiet* ta' Dun Karm, qrajtu b'dehwa kbira u tant għoġobni li fl-għaxija wara r-rużarju, erġajt qrajtu lil ommi u lil missieri. Minn dik il-lejla lil Dun Karm bqajt inżommu bħala l-poeta ta' qalbi għalkemm kont għadni ma rajtux b'għajneja.

L-ewwel darba li ltqajt ma' Dun Karm kien f'Ottubru tal-1915 meta kont dħalt student fis-Siminarju tal-Furjana u minnufih ħassejt ġibda lejh; ħassejtni miġbud lejh, imma fl-istess ħin ma kellix ħila nersaq qribu għax hu ma kienx bniedem li jagħti kunfidenza. Aħna l-istudenti konna nsejħulu l-Profs u kellna suġġizzjoni kbira minnu; hu ma kienx jaħmel it-tbahrid u ż-żufjett imma xi ħlieqa ma kienx jistmellha. Dun Karm kien igħallimna t-Taljan, imma l-aktar li kien jisħaq fuq il-poeżija; kien iridna nitgħallmu poeżiji bl-amment u miskin hu min ma kienx ikun jaf igħidhom bil-għaqal u bla tlaqliq.

Il-Profs kien igħallimna dwar il-għamla u t-tfassil tal-versi, imma ukoll dwar it-tifsira u l-moral tal-poeżija u fuq kollox kien iraqqaq fuq il-fehma u l-ħsieb tal-poeta. Kien iħobb jiddettalna n-noti tiegħu fuq il-poeżiji li nistudjaw u dawk in-noti imnisslin mid-dehen poetiku tal-Profs kienu ta' fejda kbira biex nitgħaxxqu bis-sengħa u bil-ġmiel mistur tal-poeżija klassika. Meta dħalt l-Università jien issoktajt ninqeda bin-noti ta' Dun Karm, u meta rahom il-Professur Alfredo Bartoli li kien igħallem il-letteretura Taljana, faħħarhom u stqarr li kienu aħjar minn xi noti li kellna fit-testi Taljani.

Meta kont l-Università, kont dħalt għall-konkors ta' novella li kienet nidiet il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u bis-saħħa ta' dak il-konkors irsaqt aktar qrib lejn il-mexxejja tal-*Għaqda*. Hafna minnhom kont nafhom bħal Ġużè Muscat-Azzopardi, Monsinjur Dun Pawl Galea, Sir Temi Zammit, Franġisku Saverju Caruana, Ninu Cremona u Dun Karm, imma mbagħad huma laqgħuni bħala ħabib u seħbuni magħhom u daħħluni fil-*Għaqda*.

Fil-*Għaqda* konna naħdmu għalenija bħala sħab jew kollegi. Dak iż-żmien il-*Għaqda* kienet għadha ma ssodatx bħalma hi l-lum u aħna konna

nħabirku bil-kitba u bil-kliem biex inxandruha u nfissru lill-poplu l-fejda u s-siwi tagħha għar-riżq ta' pajjiżna. Dun Karm ma tantx kien jinqala' biex jaqbeż bil-kliem għall-*Għaqda*, mhux bħal Ġużè Muscat-Azzopardi li kellu lsienu jaqta' daqs ta' tellerita u meta jibda jfendi fuq il-Malti ftit kienu dawk li jistgħu jiqfulu.

Dun Karm kien jinqala' biex jaħdem wara l-kwinti; hu kien tal-fehma li l-poplu aktar jinġibed lejn l-ilsien tiegħu meta jagħraf il-ġmiel tiegħu f'sura letterarja. Biex irawwem il-kotra taqra u titgħaxxaq bil-Malti hu kien jikteb il-poeżija tiegħu f'*Il-Malti*, l-organu tal-*Għaqda*, bħalma seħibna l-ieħor, Monsinjur Dun Pawl Galea, kien jikteb bl-istess fehma, proża mirquma f'*Il-Ħabib*, il-gazzetta tal-*Unjoni Kattolika San Ġużepp.* Lili kienu jħallūni nġib xi ħaġa kemm f'*Il-Malti* kif ukoll f'*Il-Ħabib* u billi jien kont midħla tal-*Unjoni* fejn Monsinjur Dun Pawl kellu l-uffiċċju tiegħu, kont ġej u sejjer minn għandu għal għand Dun Karm inġorr manuskritti u abbozzi. It-tnejn kellhom kalligrafija sabiħa, imma Dun Pawl li kien iħobb jiċċajta, kien igħid li Dun Karm jikteb b'id ta' mara.

Bħan-nies kbar kollha Dun Karm kellu l-persunalità tiegħu li kienet tagħżlu mill-kotra; l-effett ta' dik il-persunalità kien jinħass fi kliemu, f'għamilu u f'kitbitu, imma jien kelli x-xorti nġarrab il-benna u l-ħlewwa ta' dik il-persunalità mseddqa bil-barka tal-ħbiberija.

Il-ħbiberija ta' Dun Karm żammejtha dejjem bħala ħaġa għażiża u ta' ġieħ għalija u nibqa' ngħożżha għomri kollu. Tagħna ma kinetx ħbiberija tal-isem biss, imma kienet rabta sħiħa ta' qalb mimlija ħeġġa ma' oħra mogħnija bil-għerf. Bis-saħħa ta' dik il-ħbiberija jiena ta' sikwit kont inżur 'il Dun Karm u kont inqatta' s-sigħat nitkellem miegħu, nistaqsih il-fehma tiegħu dwar xi kitba tiegħi u hu dlonk kien jitlaq ilsienu biex jurini kif kien imissni nikteb aħjar u kien jinbixni mhux ftit bil-għiltiet li jsibli!

Dun Karm ma kienx bniedem misterjuż; għall-kuntrarju, kien iħobb igħid ġrajjietu u jeħla jekk wieħed joqgħod jisimgħu bis-sabar. Niftakar kien idum qatigħ jirakkontali fuq ix-xogħol tiegħu meta kien igħallem fis-Seminarju u fit-tweġħir li ltaqa' miegħu hemm; kien ukoll iħobb isemmili fuq il-mistrieħ tiegħu fis-sajf San Pawl-il-Baħar. Dun Karm kien joqgħod f'dar tiegħi u kien igħidli kemm kien għal qalbu fiha u kemm kien igħaddi sigħat fil-hena jitkellem mal-ħbieb fil-loġġa ta' quddiem id-dar għad-dawl ta' qamar fiż-żiffa ta' fil-għaxija. Kien iħobb iwaqqa' l-kliem fuq il-poeżija tiegħu *Il-Gerrejja u Jien* u jfisser x'kienet il-fehma tiegħu meta kitibha u kemm kienet milqugħa tajjeb u jurini r-rigal li bagħtulu l-Maltin tal-Eġittu b'ammirazzjoni ta' dik il-poeżija.

Dun Karm kien iħobb l-inċens u ma kienx jaħmel lil min irid jagħmilha

ta' għaref miegħu; mill-bqija kien ta' qalbu f'idejh u ma' min jaf imurlu kien ħanin wisq; fuq kollox kien iridha ta' mgħallem u kien jitgħaxxaq meta jisma' min jfaħħarlu l-poeżija tiegħu. Niftakar darba fl-eżami kien tana komponiment fuq l-arloġġ; jiena ġbidt il-komponiment tiegħi fuq il-poeżija tiegħu *L-Arloġġ* u ġejt minn ta' quddiem fir-riżultat!

Niftakar meta l-Ġunta tal-Medalja Muscat-Azzopardi fl-1947 għażlet għall-premju tal-Medalja tad-Deheb lil Dun Karm, jiena kelli l-inkarigu nwassallu l-aħbar. Hu minn barra donnu baqa' biered iżda fil-leħħa ta' għajnejh qrajt il-għoġba ta' qalbu u ftit wara, forsi kif kien għadu ferħan b'dik l-aħbar, kitibli sunett li deher f'*Il-Malti* ta' Ġunju 1947.

Issa Dun Karm ma għadux magħna, imma lili ma ħallinix: il-ħbiberija għażiża tiegħu, it-twissijiet għaqlin tiegħu, il-kelma ħanina tiegħu u fuq kollox ix-xbiha mżejna *consilio et prudentia* jibqgħu dejjem ħajjin f'ruħi u f'qalbi.

## DUN KARM – TIFKIRIET

Ta' Ġ. Cassar-Pullicino A.L.A.

Bħal ħafna oħrajn, l-ewwel ma sirt nafu lil Dun Karm fil-Biblijoteka. Kont għadni kif dħalt il-Liċeo, ta' xi ħdax-il sena, u f'nofs in-nhar kont immur hemm noqgħod nistudja jew naqra u meta niltaqa' ma' xi diffikoltà, l-aktar f'xi regola tal-Latin, kont immur ma' sħabi fejn il-Mons. u dan kien ifissirhielna bil-ħlewwa u bil-paċenzja li kienet tiegħu u ta' ħadd iktar. Meta drana, kien joqgħod ikellimna wkoll fuq kotba u ħwejjeġ oħra, imma ngħid is-sewwa billi dik il-ħabta kont għadni ma bdejtx nistudja l-Malti, ma kontx inġbidt lejn Dun Karm għax kien poeta, imma għax kien fabbli u jħobb igħinek u jgħallmek. U għalkemm meta kont fl-iskola tal-Gvern Ħal Tarxien, is-surmast il-ġdid, E.B. Vella, kien għallimna nkantaw l-*Innu ta' fil-Għodu* u *ta' Mejju*, u ma' tal-Mużew konna nkantaw l-*Innu tal-Qalb ta' Ġesù*, qajla konna nagħtu każ ta' min kiteb il-kelmiet tal-versi.

Għalija l-isem ta' Dun Karm beda jfisser xi ħaġa meta l-Malti daħal obbligatorju fil-Liċeo – kont diġà qiegħed fil-Kwarta jien – u mill-ewwel għaraft illi f'ilsienna għandna l-aqwa tifsira tal-individwalità tagħna bħala poplu. Inxtħett b'ruħi u ġismi naqra kull ma jinkiteb bil-Malti, u, m'għandniex xi ngħidu, Dun Karm sar għalija simbolu tal-ideal nazzjonali, tal-ġieħ u l-kobor rar-ruħ Maltija. Kull meta joħroġ, kont naqra *Il-Malti*, li tiegħu kien Direttur Dun Karm, u kull poeżija tiegħu kont nixrobha; kont immur

inkellmu l-Biblijoteka, u hu joqgħod igħidli fuq il-Malti u kemm għandna nikkoltivaw il-lingwa tagħna flimkien ma' oħrajn.

Għal xi snin wara dan, lil Dun Karm ma rajtux iktar għad li bqajt naqra kull ħaġa li jikteb. Sadattant it-tabib Bonnici kien ħareġ it-tliet kotba tal-*Għana ta' Dun Karm* u meta dħalt student l-Università bdejna napprezzaw aħjar is-siwi tal-versi tiegħu. Konna l-ewwel kors li qed nitgħallmu l-Malti l-Università. Il-Professur Aquilina kien għadu kemm reġa' lura minn barra u bil-*lectures* tiegħu fuq Dun Karm żied fija u f'oħrajn bħali l-ammirazjoni tagħna lejn il-poeta nazzjonali u l-ħeġġa tagħna b'riżq il-Malti.

F'Jannar tal-1940 bdejna nagħmlu laqgħat bejnietna u naqraw xi kitbiet tagħna l-imsejħbin tal-*Għaqda tal-Malti (Università).* U kull tant kien jiġi mistieden xi kittieb magħruf ikellimna. Fil-laqgħa tas-6 ta' Marzu ġie Dun Karm bħala l-poeta mistieden. Kien qralna żewġ poeżiji tiegħu li kienu għadhom ma dehrux stampati u kien ħeġġiġna biex niktbu studji serji bil-Malti. Wara l-laqgħa, niftakar, konna dorna ma' Dun Karm u wassalnieh bil-mixi sal-karrozzi.

Fost poeżiji oħra ta' Dun Karm dik il-ħabta kienet għoġbitni ħafna l-poeżija *Dell u Dija* u kont ktibt apprezzament tagħha li l-Professur Aquilina ippubblika fil-*Leħen il-Malti* ta' Marzu-April, 1940. Billi din il-poeżija tgħin ħafna biex wieħed jifhem 'il Dun Karm, nislet biċċa minn dik il-kitba tiegħi ta' wieħed u għoxrin sena ilu:

> Dun Karm jibda biex jistaqsi lilu nnifsu għaliex hemm dak id-dell "ħiemed" li qed jaħbi l-kobor ta' ħarstu, li qed idellel u jtaqqal qalb il-Poeta. Dan iwieġeb għal din il-mistoqsija. Igħidilna kif huwa sawwar u libbes l-għanja Maltija "bl-oħla kelma" li għallmitu ommu. Imbagħad huwa telaqha mat-triq itenni l-għajta ta' "Sliema! Sliema!"; iżda mhux kulħadd jieqaf jissamma' għal din is-sejħa; mhux kullħadd iħares lejn "it-tiżwiq tal-libsa tal-Għanja Maltija". Bosta, "mogħmija wara x-xeħħa u l-frugħa" għalqu għajnejhom u widnejhom, ma laqgħux tajjeb il-Għanja u din kellha toqgħod tistenna jum "aktar ħlejju". U għalhekk hemm dak id-dell ġo ħarset il-Poeta.
>
> Jerġa' mbagħad isaqsi għaliex baqa' jgħanni l-Għanja tal-Hajja u tal-Holqien wara li n-nies ma kenux laqgħuha tajjeb. Xinhi dik id-dija li, meta l-Poeta igħanni, tidher ħierġa minn dak id-dell ta' qabel? Għal dan iwieġeb li, meta x-xrara tal-Poeżija "tikbes, tixgħel, taħkem u tħaddan" il-Poeta, dan, irid u ma jridx, igħanni "mitluf f'saltna ta' sebħ li mhix ta' din id-dinja". Waqt li l-lehma iż-Żmien u l-Wisa' m'huma xejn għall-Poeta; jara ħwejjeġ li ħaddieħor ma jistax jifhem u jara, ħsiebu jidħol fil-qalb tal-Hajja li huwa jħoss "għaddejja sserrep kullimkien" u mbagħad

huwa jara s-Sebħ ta' Dejjem, li jixħet bħal dija li tinfed minn ġod-dell f'għajnejn il-Poeta u tferraħlu qalbu....

F'din il-biċċa li se nislet insiru nafu kif il-Poeta sab l-ispirazzjoni għal Għanjietu fis-sbuħija tan-Natura u fil-kobor tal-Ħolqien.

*Ġbartha dik l-għanja taħt ix-xemx utieqa*
*mill-ġonna ħomor bil-larinġ; mill-oqsma*
*tmewweġ biż-żara' mdieheb,*
*mill-widien dellija*
*tbajjad u tfewwaħ bir-ranċis; irqomtha*
*bid-dawl li jilma*
*f'xuxet it-trabi tagħna,*
*fid-daħka rżina u fil-għajnejn qawwija*
*ta' xebbiet smajra kollhom saħħa u ħeġġa.*
*U jafu l-ljieli siekta*
*kemm issammajt bla nifs,*
*għall-ilħna safja li fil-ħemda jaslu*
*minn ġol-qiegħ tal-Ħolqien, u kif dawk l-ilħna*
*qassamt bil-għaqal, u qabbilthom sewwa*
*mat-taħbita ta' qalbi.*

Wara li dehret il-kitba tiegħi, Dun Karm iltaqa' miegħi darba, u ħeġġiġni biex inkompli nikteb.

Sadattant faqqgħet il-Gwerra u kif nafu, Dun Karm inġabar f'Ħaż-Żebbuġ raħal twelidu. Iltqajt miegħu xi darbtejn il-Belt fejn kien jidħol għal xi eżamijiet. Fil-Milied tal-1940 saret l-ewwel xandira letterarja minn fuq ir-Rediffusion, u konna qrajna waħda mill-poeżiji ta' Dun Karm. F'Ottubru, 1941, Dun Karm għalaq is-sebgħin sena u aħna fakkarna dan b'xandira speċjali minn fuq ir-Rediffusion.

F'din is-sena wkoll, 1941, il-Professur Aquilina kienet ġietu idea li jsir kwadru taż-żejt ta' Dun Karm. L-*Għaqda tal-Malti (Università)* ħatret kummissjoni magħmula mis-sinjuri A. Agius Ferrante (illum tabib), jien, li kont Segretarju tagħha wkoll, u (il-lum) Rev. Karm. Sant, biex tieħu ħsieb ta' dan. L-ewwel ma ntbagħtet ittra lil Dun Karm, li fid-9 ta' Diċembru, 1941, weġibni hekk: "Fuq ir-ritratt... jiena għandi f'idejja daqsxejn ta' *cliché* lest, imma naħseb li hu ħarira żgħir. Jekk jogħġobkom inkun nista' nislifhulkom." Fuq hekk il-Kummissjoni għarrfet lir-Rettur ta' l-Università, dak iż-żmien il-Professur R.V. Galea, u dan mill-ewwel nebbah 'l-*Għaqda* ta' l-Università bil-ħsieb li r-ritratt imbagħad jingħata lill-Università. Chevalier Caruana Dingli, li kien ġie mitlub biex jara jinda-

ħalx hu għax-xogħol tar-ritratt, weġibni hekk: "Jiena nixtieq ħafna li nagħmlu dan ir-ritratt" għax, kif qal hu, kien ħabib ta' Dun Karm. Intbagħtet ċirkulari lill-Għaqdiet u Xirkiet l-oħra tal-Malti biex jibgħatu rappreżentant kull waħda f'din il-Kummissjoni "biex il-ħaġa tidher ġejja mhux minn din jew dik il-għaqda biss, imma bir-rieda tal-Għaqdiet kollha tal-Malti". Tweġiba għal din waslet biss minn għand l-Għaqda tal-Malti (Dockyard) li qalu li "mhux biss għoġobhom il-ħsieb tal-Kummissjoni imma riedu wkoll jiżżu ħajr lill-*Għaqda* ta' l-Università li ndaħlet għalbiex jitwettaq ħsieb hekk sabiħ," u għażlet lis-Sur Mario Agius bħala rappreżentant tagħha.

Beda mbagħad ix-xogħol ta' l-inkwatru, kif ukoll, it-tħabrik ta' l-istudenti, l-iktar tal-Kaxxier A. Agius Ferrante, biex jinġabru xi flus għall-ħlas tar-ritratt. Ingħataw flus minn ħbiebna tal-Għaqdiet u minn għand oħrajn barra mill-Għaqdiet u fl-aħħar ir-ritratt tlesta, il-flus tħallsu u saret iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni fis-sala tal-librerija ta' l-Università, fit-2 ta' Ottubru, 1945, dak in-nhar stess li fih Dun Karm ingħatalu l-grad ta' D.Lit. (Hon. Causa)

Mill-1945 'l hawn ma ltqajtx wisq ma' Dun Karm, ħlief f'xi okkażjonijiet ta' laqgħat jew akkademji. Biss kull darba li jarani kien iħeġġiġni nissokta fil-ħidma tiegħi tal-folklore Malti, għax kien igħidli li dan l-istudju meħtieġ ħafna fil-pajjiż. U darba minnhom, xi għaxar snin ilu issa, meta ltqajna fit-taraġ tal-Uffiċċju tas-Sanità, qabadni minn driegħi qabel telaq u qalli "Aħdem u ikteb, għax ftakar x'igħid il-Malti":

*Iż-żmien igħaddi u 'l ħadd ma jsellem*
*Igħaddi bla ma jitkellem.*

Fuq driegħi għadni nħoss il-messa ħafifa t'idu, u ġo qalbi għadni ngħożż il-kelma ta' Dun Karm, poeta Malti!

## IMGĦALLMI DUN KARM

Ta' Rużar Briffa, B.Sc., M.D.

Konna tfal, studenti tal-Liċeo. Għaqqadna Soċjetà għall-istudju ta' l-Istorja ta' Malta (Soċjetà *Malta Storica*) u tlabna lil Dun Karm ħalli jdawwarna l-Katakombi tar-Rabat.

Dak iż-żmien Dun Karm kien għadu kif sar Assistent Biblijotekarju tal-Librerija, wara li għal bosta snin għallem il-Letteratura u l-Arkijoloġija Nisranija fis-Seminarju.

Dun Karm tana taħdita tassew sabiħa, imma bit-Taljan... l-ilsien tal-kultura ta' dak iż-żmien. Dun Karm qatt ma nesa l-imħabba lejn it-Taljan u baqa' sa l-aħħar jużah, bħalma kienu jużawh in-nies ta' żmienu meta jitkellmu fuq ħwejjeġ tal-Qedem jew Klassiċi.

B'hekk naraw kif hu ħalla wisq ħwejjeġ għal qalbu mħabba xewqa li jibni letteratura Maltija.

Għadda ż-żmien. Lil Dun Karm sirt nafu ħafna l-Biblijoteka fejn kont ngħaddi ġranet sħaħ nistudja. Kont għadni ma bdejtx nikteb bil-Malti imma kont medhi fuq il-poeti moderni ta' dak iż-żmien. Kien b'saħħa ta' Dun Karm u bil-pariri tiegħu li mexxielu jżommli ftit tal-*balance* bejn il-Klassiċiżmu u r-Romantiċiżmu.

Dun Karm man-nies kien juri ruħu tabilħaqq *extrovert*. Ibdielu fuq xi ħaġa u erħilu jkompli fuqha. Tista' tgħid li kien eklettiku u moħħu kien enċiklopedija. Sa fuq it-telepatija kien iħobb ipaċpaċ. Dun Karm kien aktar iħobb jitkellem hu milli jisma' lil ħaddieħor, imma kien fih mitt gost, għax dejjem igħallmek. Kien iħobb jidħaddet miegħi fuq il-poeżiji li jkun qiegħed jikteb, l-iktar meta sar jaf li jiena wkoll tajtha għal poeżija.

Qabel ma stampahom kien urieni u iddiskuta miegħi t-traduzzjoni minn Hardy ta' *The Oxen*, dik ta' *Is-Sepolcri* ta' Ugo Foscolo. L-aħħar biċċa ta' *Lead Kindly Light* ta' Newman, li hu daħħal hemm bil-permess tiegħi għax bnieha fuq dik li kont stampajt jiena meta kont Londra.

Xi ħadd gerger li Dun Karm kien egoista. Dan m'hux minnu. Anzi Dun Karm kien filantropu. Għalhekk dawn it-traduzzjonijiet minn ilsna oħra. Bihom ried ikattar l-imħabba lejn il-letteraturi barranin u jxerred it-tagħlim qalb il-poplu.

Le, Dun Karm ma kienx egoista. Individwalista iva, egoista le. Kien iħobb jimxi għal rasu, (allaħares ma kienx hekk), imma qatt ma maqdar xogħol ta' ġieh. Meta għoġbitu l-poeżija *Wieħed Biss* huwa wieġeb bil-poeżija tiegħu, *Waħda Biss*, u d-dedika kienet, *Lil Rużar Briffa, poeta*, u dan meta kont għadni qiegħed nibda.

Meta xtaq jiġbor il-poeżiji tiegħu ma tahomx lil min offrielu l-iktar flus, imma lit-Tabib Ġużè Bonnici għax kien żagħżugħ miġnun fuq il-letteratura Maltija.

Dun Karm kien dejjem igħidli: Ftakar sew, biex tkun poeta tassew trid tuża moħħok u qalbek, trid ispirazzjoni u kultura kbira. Dan it-testment li kien ħallieli.

# IT-TIFKIRIET LI GHANDI DWAR DUN KARM POETA

Ta' K. Vassallo

Ghalija Monsinjur Dun Karm Psaila, C.B.E., D.Litt. (Hon. Causa), kbir f'ħajtu bħala poeta, sar u jżid isir akbar wara mewtu. Għad li f'ħajtu ma ngħatalux ġieh li ma kienx jistħoqqlu (anzi jiena jidhirli li kienu jistħoqqulu unuri oħra ma' dawk li laħaq kiseb kemm dam ħaj), ma jistax jingħad għalih dak li fil-poeżija tiegħu *Nelle nozze della sorella Paolina* kiteb Giacomo Leopardi, irrid ngħid jien *Virtù viva sprezziam, lodiamo estinta.* Dun Karm, bħala l-akbar u l-aqwa poeta Malti, għalkemm ma naqsuhx dawk il-ħinijiet ta' kriżi li jkiddu r-ruħ u l-qalb u l-moħħ tal-bniedem u xi drabi jwassluh ukoll biex jara kerha l-ħajja u biex igemgem minnha, kellu aktar, jagħtini ngħid, rebbigħat ta' sliem u faraġ milli xtiewi qliel ta' hemm u niket. Haġa waħda biss, wara mewt ommu, kellha mnejn baqgħet tagħfas b'toqolha fuqu sa l-aħħar – dik li hu, bħala bniedem, ħass ruħu waħdu, miftum mill-wens u l-kenn ta' l-imħabba li jaf min hu miżżewweġ; għad li l-ġibda u r-rabta ta' qrabatu, ta' ħbiebu u ta' ħafna ammiraturi tiegħu ma naqsitu qatt. Iżda mbagħad dan il-Kbir kellu żewġ anġli (wieħed minnhom sa min-nieqa u l-ieħor xi tnejn jew tlieta u għoxrin sena wara) li baqgħu miegħu sa l-aħħar iffarġulu qalbu u jqawwulu ruħu bis-sħiħ: il-Poeżija u s-Saċerdozju!

L-ewwel darba li ltqajt ma' Dun Karm wiċċ-imb-wiċċ, kellimtu, smajt leħnu u rajtu jitbissimli kont għadni tifel ta' xi tmax jew tlittax-il sena, immur l-Iskola tal-Gvern fir-raħal fejn twelidt u tgħammidt. Dak li ħallimni bih u ħajjarni mmur nurih l-ewwel tħarbixa ta' versi tiegħi kien Dun Nikol Mifsud, li għadu mimli bil-għomor bħali u, f'ħajjet Alla, ħafif u b'saħħtu aktar minni. Bejni u Dun Nikol, li b'riħtu ċ-ċokon tiegħi bies mill-qrib l-ewwel darba f'ħajti l-kobor ta' Dun Karm Poeta fil-Bibljoteka Rjali tal-Belt, kien hemm il-ħajjat Pietru Cassar, magħruf aktar bħala Pietru Bandallu, li lilu fil-btajjel ta' ma' tul is-sena ziti Rożanna kienet tibgħatni ngħin fil-ħjata billi nirbattilu, nagħmillu xi pont Ingliż jew pont ix-xewka, nimlielu l-aċċetti u nwaħħallu l-buttuni fl-ilbiesi ta' l-irġiel. Snin wara, marti u jien lil dan il-ħajjat u ħabib tiegħi qgħadnielu parrinijiet fil-magħmudija ta' wieħed minn uliedu. It-taqbila bla siwi u tad-daħk li kont newwilt lil Dun Karm ħalli jgħidli x'jidhirlu minnha kien jisimha *Il-Bebbuxu.*

Kemm snin laħqu għaddew minn dak in-nhar sa ma rġajt rajt u kellimt lil Dun Karm ma niftakarx. Naf biss li minn tifel kont inbdilt f'żagħżugħ – żmien li ma' tulu qlibt mill-ħajja ta' sekular għal dik ta' reliġjuż u mbagħad mill-ġdid għall-ħajja tal-beraħ, għalkemm qatt u f'ebda ħin ma tbigħedt

mit-triq tal-Poeżija li kont qbadt fi tfuliti, triq li minn qrib it-taraġ ta' l-Artal wasslitni fuq Tal-Għolja bin-*Nirien*. B'għajnejja lil Dun Karm domt snin ma rġajt rajtu; imma bil-kitba bqajt niġri u nsus warajh, u ma nafx kemm-il darba waqqaftu, żammejtu u dejjaqtu. Din l-ittra li ġejja, mibgħuta lili fit-23 ta' Diċembru, 1932 (meta jien, ta' dsatax-il sena u disa' xhur, kont għadni novizz mas-*Societas Sancti Pauli* fid-dar Nru 10, Sda Dei Celsi, l-Imdina; u l-Monsinjur kien joqgħod fi Triq l-Ifran, Nru 51 jew 57 – minn kif rabat flimkien dawn iż-żewġ numri l-Poeta, ma nistax naħlef liema wieħed minnhom hu t-tajjeb – il-Belt), tixhed il-ħerqa u l-kilba li kelli jien biex inħarbex fuq il-karti kull ma kien jiġini f'rasi u s-sabar li kien jieħu bija hu.

Għażiż Fra Tumas,

Niżżik ħajr mix-xewqat ta' hena u ta' ġid li bagħattli fil-Cartolina għall-Milied u għas-Sena l-Ġdida,u bjqalbi kollha rroddlok kull ma xtaqtli.

Fuq il-poeżijiet li kont bagħattli biex jekk jista' jkun inġibhom f'*Il-Malti*, jiena kont tħajjart inġib xi waħda, imma ngħidlek id-dritt deherli li kellhom bżonn ta' ħafna tibdil u ta' tiswijiet. U jiena nwissik u nixtieq infiehmek illi ma tintelaqx malajr għal kull ħaġa li tiġi f'rasek, għaliex mhux kull ma jogħġobna fil-bidu ikun tajjeb u jibqa' jogħġobna wara. Żomm f'rasek għal għomrok kollu: "Aħseb ħafna, għarbel sewwa u ikteb ftit."

Is-sunett taljan qrajtu wkoll. Mhux ħażin, iżda għadu daqsxejn fil-bogħod minn dak li għandu jkun is-sunett.

U qrajt is-sunetti *Id-Dell ta' Voltaire* u d-*Dell ta' Leopardi*... Ma humiex nies li toħodhom hekk! Is-sunett iebes.

Itlob għalija u tinsinix.

Mons. C. Psaila.

Li kieku l-lum kelli ngħid x'tagħlima messni ħadt minn din l-ittra kont ngħid dan: Jien lil Dun Karm ilħaqtu raġel magħmul mill-ewwel; waqt li hu lili sar jafni tifel, stabar u tqanna bija bħala żagħżugħ ribelli, u nfired minni bil-ġisem meta jien bdejt nintebah kemm kont vavu. F'din l-ittra li kitibli Dun Karm mad-disgħa u għoxrin sena ilu hemm twissijiet li, milli lħaqt rajt u ġarrabt jiena nnifsi f'dak li kelli x'naqsam ma' xi kittieba ta' versi li fi triqthom fittxew dawli bħalma qabilhom fi triqti fittxejt jien dawl Dun Karm, ma jgħoddux għalija biss. Nara wkoll li, bejn wieħed u ieħor, dak li ġara lili bħala wieħed imbellah għall-poeżija sa minn tfulitu, jiġri fil-bidu (u forsi mhux fil-bidu biss) lil kemm-il kittieb żagħżugħ ieħor. Tneħħi 'l xi Dun Karm li, fl-aħħar mill-aħħar, huwa wkoll ħass ruħu poeta qabel ma kien hekk tassew (it-tbeżbiża li kienet tatu ċ-*Civiltà Cattolica*

fuq l-ewwel ktieb ta' poeżiji tiegħu bit-Taljan, *Foglie d'Alloro*, ma satax ma ħasshiex), aħna l-poeti lkoll bl-aħrax nibdew u lkoll ħorox nidhru fl-ewwel kitbiet tagħna – għalkemm imbagħad issibna aktarx ilkoll qalbna ħelwa zokkor. Niftakar li t-tabib u poeta Rużar Briffa, għal xi tnejn jew tliet ittri minn tiegħi, għabba waħda mill-ittri tiegħu b'qilla wisq eħrex minn dik li biha kont taqqalt jien lil tiegħi. Il-Professur Aquilina ma kienx miegħi inqas aħrax u qalil. Meta kien għadu joqgħod fi Piazza Vittoriosa, il-Birgu, f'waħda mill-ħafna ittri li għandi tiegħu, u sewwa sew f'dik li kitibli bl-Ingliż fis-17 ta' Mejju, 1937, ħabibi l-kbir Ġużè kien newwilli, fost oħrajn, dawn id-daqqtejn: *The Leħen* (i.e. *Leħen il-Malti*) *is first and foremost a students' paper and our columns are open to those outsiders that can produce good stuff and can play the game. We will not let you fool us as you fooled Dun Karm.* Taraw kif mhux jien biss qalil? U dan kollu tafu għaliex? Għax jien, fil-ġenn li kelli biex nikteb u biex nara mitbugħa l-kitba tiegħi, barra milli b'ismi, kont inħobb ukoll ninqeda f'xi kitbiet minn tiegħi issa b'isem xi wieħed minn zijieti jew minn ħbiebi tal-qalb u issa b'xi psewdonimu bħal, ngħidu aħna, *Lumzavas, Vasamonti, Qalb Imtertqa*, u x'naf jien. Mhux darba u tnejn ġrali hekk ma' xi wħud fost dawk li, akbar minni l-bieraħ u egħref minni l-lum, sfaw u baqgħu u jibqgħu ħbiebi dejjem tassew: nibdew bil-ġlied u l-gdim biex imbagħad naqbdu u nissuktaw nitgħannqu, nitbewwsu u niftaħru b'xulxin!

It-tieni darba li rajtu, kellimtu u tajtu jarali xi versi ġodda minn tiegħi fil-Biblijoteka Rjali. Dun Karm, fost ħwejjeġ oħra, staqsieni kontx qrajt is-sunett tiegħu *Bjuda*. X'weġibtu m'għadnix niftakar. Imma naf tajjeb li sew jekk kont qrajtu u sew jekk ma kontx, dak is-sunett sirt naf xi jsarraf u kemm jiswa wara xi żmien li bdejt ngħallem il-Malti fil-Liċeo. Jien xejn m'għandi naska fina; u hawn tfal ta' tnax, tlittax jew erbatax-il sena li jafu jxommu fil-bogħod aktar minni li għandi tmienja u erbgħin sena u fuqhom. Haġa waħda ma nafx: kemm tfal hawn daż-żmien li jafu jħobbu, iqimu, u jgħożżu (kif kont nagħmel jien meta kont daqshom) lil min, bħal Dun Karm, għamel ġid u ġieħ kbir lil Artu u lil Dînu bis-saħħa tal-Letteratura Maltija, jew lil min b'xi mod tħabat u għamel kemm sata' u kemm felaħ biex Malta u l-Maltin ma jkunux agħar imma jkunu għallinqas, jekk mhux aħjar, bħall-pajjiżi u l-ġnus l-oħra ċivilizzati ta' l-Ewropa u tad-dinja. X'jidhrilhom minnha u xi jgħiduli għaliha l-irjus kbar ta' Malta tal-lum il-bruda tal-waħx li għandna bħalissa? Mhux minnu, jewwilla, li l-lum il-ġurnata ħadd m'għadu jimpurtah minn ħadd jew iħabbel rasu fuq għajru, sakemm fin-nofs ma jkunx hemm xi ħaġa tinten li l-ilsna ħżiena tal-kotra jinħallu u jogħxew idoqqu u jtaqtqu fuqha?! Miet Dun Karm, nisthi ngħid qisu miet Żâka! Imut sempliċi bandist, il-Kumitat itallagħlu bandiera

nofs arblu, iwaħħallu par ċfuf suwed flok il-ħbabat jew faxxa sewda mal-bieb tal-Każin, u l-Banda li magħha kien idoqq qabel tmur issieħeb il-katavru bil-marċi funebri; u mbagħad imut il-Poeta Nazzjonali tagħna, u mhux talli ma jsirlux funeral nazzjonali li fih għadd ta' bandisti minn pajjiżu jew minn bliet u rħula oħra ta' Malta jieħdu sehem u jdoqqulu l-isbaħ marċi funebri, imma talli ġol-Belt lanqas bandiera waħda nofs arblu ma titla', ebda faxxa sewda ma' bieb ta' Każin jew ta' ħanut ma tara, ebda sinjal ta' luttu ħlief xi ħaġa żgħira f'Ħaż-Żebbuġ fejn twieled u fi Triq Lower Victoria Terrace, Tas-Sliema, fejn kien joqgħod sa ftit qabel ma mar l-Isptar tal-*Blue Sisters* fejn ħajtu ntemmet ħelu ħamest ijiem qabel ma l-Poeta-Saċerdot għalaq disgħin sena!

Ma' Dun Karm iltqajt drabi oħra wkoll, sew bħala membru tal-Kunsill tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u sew bħala wieħed mill-ħafna li hu kien jaf u li huma kienu jifirħu u jitgħaxxqu meta jiltaqgħu miegħu. Darba minnhom, jien u għaddej ma' ħabib (ma nafx kienx il-Professur Aquilina jew Ġużè Chetcuti jew ħaddieħor) minn Triq Irjali, il-Belt, nilmħu 'l Dun Karm, nilħquh u nwaqqfuh, u nidħlu t-tlieta nieħdu xi ħaġa mill-ħanut ta' Dimitri. Sa ma l-*waiter* iġibilna dak li nkunu ordnajna, jien nistaqsi 'l Dun Karm: "X'deherlek minnha, Monsinjur, dik il-poeżija tiegħi fuq Alla?" U hu, wara li b'nofs tbissima jdaħħal idu fil-but ta' ġewwa tas-suttana u joħroġ minnu xi erba' folji stampati u jnewwilhomli, igħidli: "Ha, aqraha. Tista' żżommha, Karm." Il-poeżija kienet waħda bit-Taljan, u isimha kien: *A Cristo*. Il-kummenti nħallihom għal min jaqra din il-kitba.

Darb'oħra, fl-istess triq u fl-istess belt, waqt li jien u Mr. Clare konna qed nitħaddtu fuq waħda mill-bankini, nara 'l Dun Karm ġej in-naħa tagħna u, malli wasal ħdejna, sellimtlu bil-kelma, jew aħjar bil-kliem: *Benedicite*, Monsinjur Poeta! U hu waqaf u kompla magħna. Meta introduċejtlu 'l Mr. Willie Clare, hu qabeż u qallu: "Kunjom sabiħ. Jogħġobni. Tajjeb li wieħed ikun *clear* – ċar, nadif, safi." Fissimielu li dal-kunjom ma kienx jinkiteb *Clear* imma *Clare*; b'dankollu l-Monsinjur donnu ried ifiehemna u jdaħħlilna f'rasna li, jinkiteb kif jinkiteb, kunjom sieħbi Willie xi ħaġa hekk kien ifisser u li hu kellu raġun u mhux min qaleb jew dawwar u għawweġ kif fettillu l-aġġettiv Ingliż *clear* fil-kunjom *Clare*.[1]

Il-laqgħat l-oħra li kelli ma' Dun Karm kienu meta l-*Għaqda* tat xi pranzu b'ġiehu. Kruhiti tidher ukoll mal-ħlewwa u l-kobor ta' Dun Karm u mal-

[1]Il-kunjom Ingliż *Clare* jista' jkun jew ġej mill-Franċiż *Claire* mill-Latin *Clara* 'bright, fair', komuni bħala isem ta' mara għax l-isem tal-qaddisa Santa Clara ta' Assisi. Jekk inhuwa hekk, l-etimoloġija ta' Dun Karm ma kinetx ħażina, iżda il-kunjom *Clare* jista' jkun ġej ukoll mill-forma qadima (*le*) *Clayere* li tfisser bniedem li jsawwar it-tafal. Jekk inhuwa hekk, ma kellux raġun – seta' laqat, sata' ma laqatx! (Nota ta' l-Editur)

ġmiel u s-saħħa ta' għadd sabiħ ta' poeti u kittieba oħra f'ritratt meħud fit-30 t'Awwissu, 1938, fuq il-bejt tal-*Osborne Hotel* fejn kellna *Cocktail Party*.

Ma' Dun Karm ġie li tkellimt ukoll fuq Ninu Cremona meta dan ħareġ għad-dawl il-ktieb ta' poeżiji tiegħu *Weraq mar-Riħ*; fuq Ġorġ Pisani, fuq Ros. Briffa, fuq Ġużè Aquilina, fuq Ġużè Chetcuti u oħrajn. Milli tani nifhem dak in-nhar, Dun Karm lil Cremona jew ma kienx igħoddu bħala poeta jew kien iqisu bħala wieħed li l-versi tiegħu huma aktarx ibsin u prożajċi. U tabilħaqq ma kienx Dun Karm, imma Ros. Briffa li f'*Il-Malti* ta' Ġunju, 1932, għamel ir-reċensjoni tal-ktieb *Weraq mar-Riħ* tas-Sur Cremona – reċensjoni li fiha Dr. Briffa ma jitbigħedx wisq minn ħsieb Dun Karm meta jgħid li s-sur Nin hu "tqil xi drabi fis-sura tal-versi u fil-għażla tal-kliem..." Lil Ġużè Aquilina kien ifaħħru u jgħoddu b'wieħed mill-aħjar studenti Universitarji li fih il-Malti sab xortih. L-idea li kellu ta' Pisani u ta' Chetcuti, għad li ma kinitx tidher kbira wisq, kienet madankollu tajba ġmielha. U kif kien jaħsibha dwar Briffa nafu jien u jafuh ukoll dawk kollha li bħali, minn xi tletin sena 'l hawn, saru u baqgħu midħla tal-Letteratura Maltija. Għal Dun Karm Rużar Briffa kien sa millbidu l-poeta waħdieni *de facto et de iure* – dak li Dun Karm kien iqis u jżomm bħala l-akbar poeta liriku Malti warajh innifsu. Il-Professur Patri Anastasju Cuschieri, O.Carm., bħal Anton Buttigieg u bħali nnifsi, gemgem miegħi aktar minn darba dwar l-imġiba tal-Poeta Nazzjonali miegħu bħala poeta. Jidher li Dun Karm ma kienx iġibu wisq, jew għallinqas daqskemm kien jistenna hu, lill-Professur Patri Cuschieri. B'dankollu, f'ġieh il-ħaqq u s-sewwa, irrid nistqarr li Dun Karm lil Cuschieri ġie li faħħru miegħi stess u faħħru wkoll bil-miktub f'wieħed mill-għaddijiet ta' *Il-Malti*.

Xi wħud jaħsbu li jien ma' Dun Karm kont u bqajt miksur. Dawk li jaħsbu hekk la jafu sewwa lili u lanqas lil Dun Karm. Jekk u meta Dun Karm rani ċkejken u bla siwi, kellu mitt elf raġun. Jien domt m'għaraft kemm hu kbir Dun Karm daqskemm domt m'għaraft kemm hu kbir ix-xejn tiegħi fil-ħajja u fil-kitba. Ħtija waħda biss, ħtija żgħira, sata' kellu Dun Karm sa fejn kelli x'naqsam miegħu jien bħala kittieb imħeġġeġ ta' versi bil-Malti: dik li hu aktarx baqa' jqisni u jgħoddni bħala bebbuxu meta s-snin u t-tagħlim kienu taw lil riġlejja l-ħila biex inlaħħaq bil-mixi malmixi ta' ħmar. Mill-bqija, jiena kont xejn meta stħajjilt jew ħlomt li kont xi ħaġa; u żidt ninżel aktar 'l isfel minn hekk meta ħsibt jew ħassejt li kont intrafajt m'ogħla xibrejn 'il fuq.

Il-lum nagħraf u nemmen li lili Dun Karm kien iħobbni ħafna, u li jien lilu kont u żidt inħobbu aktar. Tant inħobbu u narah kbir li mewtu, flok ma

nikktitni, ferrħitni — bħallikieku Dun Karm, barra milli saċerdot u poeta, kien u jibqa' għalija bniedem qaddis. U tabilħaqq, dak li xtaqtlu jien qabel ma miet, seħħ tikka b'tikka: meta l-Mewt niżlet tagħlaqlu xfar għajnejh u radditlu l-bewsa tal-ħajja ta' dejjem, sabitu f'siktu u f'sensih, kollu ħila u tama, miġbur u marbut kif jixraq mar-rieda tal-Mulej. Dan jien kont ktibtu fil-5 ta' Ottubru ta' dis-sena (1961), kif wieħed jista' jara b'għajnejh jekk jaqra l-artiklu tiegħi f'*It-Torċa* tal-15 ta' l-istess xahar, sewwa sew tmint ijiem qabel il-mewt tal-Poeta. It-tifkiriet li għandi tiegħu, għalkemm ma jissarrfux f'deheb, huma għalija egħżeż mid-deheb, F'ittra li bagħatli minn 'Dar is-Sliem', Tas-Sliema, fl-20 ta' Marzu, 1945, Dun Karm, fost ħwejjeġ oħra, kitibli: "Jien niżżik ħajr mhux biss għall-ktieb (*Kwiekeb ta' Qalbi*) bħala ktieb, iżda wkoll u bosta aktar għax-xhieda sħiħa tal-ħbubija u tal-għożża li inti żammejt għal min għarfek żagħżugħ u ħeġġek fix-xejra għall-poeżija: għax jiena, kont sa ngħid, inħoss li xi ftit għandi sehem mill-poeżija tiegħek." Ma' dik l-ittra, li tagħlaq bil-kliem "Tiegħek fil-Qalb ta' Ġesu, Dun Karm", ħabibi u Mgħallmi D.K. kien hemiżli żewġ santi tal-Madonna, li fuq il-warrani ta' waħda minnhom hemm innu tiegħu *Lill-Madonna ta' Pompej.* F'ittra oħra tiegħu tal-5 ta' Lulju, 1954, kien bagħatli żewġ santi oħra: waħda bix-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu u l-oħra b'tifkira tal-Ġublew tad-Djamanti tas-Saċerdozju tiegħu. L-invilopp kellu miktub fuqu dan: "Lil Prof. Karm. Vassallo, 214, Zerafa Street, Marsa." L-aħħar kitba li għandi tiegħu tinsab maħżuża fuq *visiting card* mibgħut lili fl-ewwel ta' Ġunju, 1960, u tgħid hekk: "Għażiż K. Vassallo, bil-qalb nagħtik permess litikkwota l-poeżija tiegħi fuq San Pawl u kull poeżija oħra li tkun trid tikkwota. — Dun Karm." Kif taraw, Dun Karm u jien konna ħbieb kbar, u bil-Mewt aktar insiru!

## L-EWWEL DARBA LI LTQAJT MA' DUN KARM

Ta' Ġużè Chetcuti

Kien mat-tletin sena ilu. Kif igħaddi ż-żmien! Qisu l-bieraħ. Għadni niftakar f'ħanut tal-kotba, Bormla, ilmaħt *Il Malti*, ir-rivista tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.* Il-ħajra għall-Ilsien Malti kienet ġa qiegħda fija u kont naqbad u naqra bil-Malti kulma jiġi f'idejja. Xtrajt dik ir-rivista u qrajtha. Fiha kien hemm poeżija ta' Dun Karm, niftakar li kienet *Warda Li Tgħid Ġrajjietha* u tant impressjonatni li qbadt nikteb xi ħaġa tixbaħha. Dak

il-bidu tal-karriera tiegħi letterarja. Dun Karm kien għalija d-dawl li wrieni t-triq mnejn kelli ngħaddi.

U l-ewwel darba li ltqajt ma' Dun Karm kien il-Bibljoteka, il-Belt, f'dik id-daqsxejn ta' kamra li hemm kif tidħol fuq ix-xellug. Kont ktibt innu u ridt immur nurih lil Dun Karm, li sa dak iż-żmien, qatt ma kont għadni rajtu b'għajnejja għalkemm poeżiji tiegħu kont ġa qrajt ħafna. Ta' żagħżugħ li kont mort ferħan nurih ix-xogħol tiegħi. Sibtu mehdi fuq ix-xogħol u, bħal min irid jeħles minn dak li jkun, saqsieni x'ridt. Urejtu l-innu u tlabtu l-parir tiegħu. Kemmex ftit xufftejh għax kien jidher li moħħu kien band'oħra, imma b'dik il-paċenzja u ħlewwa tiegħu li, wara, sirt naf kemm kienu kbar, qabad il-versi tiegħi u qrahom. "Għandek dil-kelma tista' tbiddilha," qalli, "u dal-vers tista' torqmu ftit, imma, kollox ma' kollox, mhux ħażin. Jekk tkompli, tipprometti. Għadek żgħir!"

U dak il-parir ta' Dun Karm f'dik l-ewwel laqgħa li kelli miegħu jien imxejt dejjem fuqu: bqajt naħdem, naqra, nistudja u nikteb matul iż-żmien. Dak il-bniedem impressjonani bil-poeżija tiegħu meta anqas kont għadni nafu, tistgħu taħsbu kemm aktar impressjonani meta ltqajt l-ewwel darba miegħu l-Bibljoteka, il-Belt, b'dik il-figura tiegħu twila u simpatika u b'dik il-kelma kif toħroġ mielsa u ħelwa minn qalbu. Ftit żmien wara ċ-ċirkustanzi ressquna aktar fil-qrib ta' xulxin, għax għalija dik l-ewwel laqgħa kienet qisha injezzjoni li tat aktar saħħa lill-imħabba tiegħi għall-Malti. Daqs sentejn, tlieta, wara lħaqt membru tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u mbagħad, ftit wara, Segretarju ta' dik l-*Għaqda*. U Dun Karm kien il-President. Dak iż-żmien Dun Karm kien ukoll id-Direttur tar-rivista *Il-Malti* u, niftakar, kien ħa tassew pjaċir meta l-Kunsill tal-*Għaqda* ħatarni Assistent Direttur ta' dik ir-rivista. Dik il-ħabta, ma setax jonqos, il-laqgħat li kien ikollna jien u hu kienu jkunu ta' sikwit, issa fuq l-amministrazzjoni tal-*Għaqda* u issa fuq ix-xandir tar-rivista. Hbieb tal-Malti kellna, imma dak iż-żmien kien hemm l-egħdewwa wkoll li kienu jfittxu li jagħmlu l-bsaten fir-roti lil kull min kien ifittex li jmexxi 'l quddiem l-Ilsien Malti. Iż-żmien kien għadu mhux ħabib tagħna għal kollox. Imma ma qtajniex qalbna. Taħt id-direzzjoni għaqlija ta' Dun Karm l-*Għaqda* f'dawk iż-żminijiet inġusti baqgħet ħajja u baqgħet miexja 'l quddiem. Lanqas il-waħx u l-kruha tal-gwerra ma fixkluha, la lilha u lanqas ir-rivista li baqgħet toħroġ regolarment ukoll fiż-żminijiet ta' l-eħrex attakki. Imma Dun Karm hawnhekk għalkemm kien għadu attiv u jikteb ħafna, imma kien beda jħoss il-għeja li jġib miegħu ż-żmien u għalhekk ir-riedni tal-*Għaqda* ħalliehom f'idejn ħaddieħor, f'idejn il-Professur Ġużè Galea.

Imma b'dankollu l-kuntatti minn miegħu jien ma qtajthomx. Kont immur

insibu ħafna drabi fid-dar tiegħu tas-Sliema, 'Dar is-Sliem', kif kien jisimha u kienet fil-quċċata ta' Lower Victoria Terrace. Konna ndumu ħafna nitkellmu u kien joqgħod jaqrali poeżiji li kien għadu ma stampahomx u jurini b'liema sabar joqgħod jorqomhom sa l-inqas kelma sakemm iħoss li huma tajbin għal kollox. Kien jieħu gost ipespes u jkellem lill-kanarin li kellu f'gaġġa ħdejn it-tieqa, u niftakar li rajt id-dmugħ f'għajnejh waqt li kien qed ikellimni fuq in-neputija tiegħu Ġannina Pisani li b'tifkira tal-mewt tagħha kiteb ġmiel ta' tliet sunetti.

Dun Karm kien mgħallem kbir u ħabib ta' kull min fittex l-għajnuna tiegħu. Liż-żgħażagħ kien iħobb jarahom jiktbu u jaħdmu għall-Malti. Fost il-ħafna tifkiriet li għandi tiegħu, l-iktar li ngħożż poeżija li kien kitibli, u ngħożżha l-aktar għax minnha nara kemm Dun Karm kien japprezza l-kitba tiegħi. Ser nislet żewġ strofi minnha u nagħlaq bihom, l-ewwel strofa u l-aħħar waħda. Għal min irid jaqra l-poeżija sħiħa jsibha fl-istudju li l-Professur Aquilina kien għamel fuq ix-xogħlijiet tiegħi fil-*Leħen il-Malti* ta' Settembru, 1949. Dawn huma l-istrofi:

*Qrajt u tgħaxxaqt, ħabib, bil-versi tiegħek*
*Ħerġin minn qalb fil-ħeġġa taż-Żgħużija*
*Għax rajtha tbusek u titgħannaq miegħek*
*Ħelwa l-Kelma Maltija.*

.....................................

*Agħnet issa 'l quddiem, żomm fehma sħiħa,*
*Liġġem bil-Ħsieb il-lbit tal-Fantasija;*
*Hekk nisimgħu maż-żmien kbira u sabiħa*
*Il-Għanja tar-Rġulija.*

## QATT MA NINSA X'QALLI DUN KARM

Ta' Dun Frans Camilleri

Meta kont għadni student fis-Seminarju tal-Furjana lil Dun Karm kont nafu aktar mill-ġmiel tal-poeżiji tiegħu milli personalment. Sas-sena 1943 kont għadni qatt ma mort għandu d-dar u, għalkemm konna ltqajna fit-triq ħafna drabi, qatt ma semmejtlu l-poeżiji li kont ħarbixt. Quddiem dak il-bniedem kbir kont inħossni ninbela'.

Imma ftit ftit lil Dun Karm sirt nafu mhux biss bħala l-akbar poeta Malti

u bniedem dinjituż iżda wkoll bħala ħabib ċajtier u ferrieħi. Kull meta ltqajt miegħu dejjem kien jilqagħni b'tislima ta' ferħ u donnu ma kienx jaf jinfired minni qabel ma jgħidli xi ċajta. Għalhekk għamilt il-qalb u f'Settembru tal-1943, wara li ħadt il-Quddiesa u ħriġt mis-Seminarju, kont semmejtlu xi poeżiji tiegħi u hu kien stedinni d-dar tiegħu biex jara x'jidhirlu minnhom. Ngħid is-sew, xħin smajtu jaqra l-poeżiji li newwiltlu, ħassejt qalbi ttaqtaq u n-nifs jinqatagħli għaliex xi wħud minn sħabi l-kittieba kienu qaluli li Dun Karm kien xi ftit iebes fil-kritika tal-poeżija.

Mid-dar tal-Poeta Nazzjonali jien ħriġt ferħan. Dik l-ewwel laqgħa kienet il-bidu ta' ħafna laqgħat oħra fid-dar ta' Dun Karm li fih — u dan nistqarru b'sens ta' gratitudni — jiena sibt għajnuna kbira mhux biss fil-kitba tal-poeżija imma wkoll fil-missjoni tiegħi ta' qassis. Kien aktarx għaliex ra fija wieħed minn sħabu fis-saċerdozju milli kittieb ta' poeżiji li Dun Karm beda jiftaħ qalbu miegħi, fil-laqgħat ta' wara, u jgħidli x'għadda minn fuqu matul is-snin ta' ħajtu. B'għafsa ta' qalb kien jiftakar u jsemmili kemm kien ġarrab minħabba fl-ilsna l-ħżiena, u kien iwissini li hawn Malta, iżjed minn f'pajjiżi oħra, ma tistax togħġob lil kulħadd u, tagħmel x'tagħmel, dejjem taqlagħha. Għalhekk trid tibqa' miexi fi triqtek, tagħmel is-sewwa u ma tħabbilx rasek għal dak li jgħidu n-nies.

Dan il-kliem ta' Dun Karm ma nsejtu qatt. U mas-snin fhimt aħjar kemm it-twissija li kien tani l-poeta kienet il-frotta ta' bniedem għaqli u mġarrab. Fl-1944 bdejt ngħallem il-Malti fis-Seminarju fejn għadni sal-lum. Dan Karm ferħli u xtaqli ħajja itwal milli kien dam hu bħala għalliem fis-Seminarju mnejn wara sitta u għoxrin sena kien twarrab fuq qalbu. F'dak il-ħin ġibt quddiem għajnejja l-ittra li Dun Karm kien kiteb lil Ġużè Aquilina u li dehret f'*Ward ta' Qari Malti* (L-Ewwel Ktieb — 1936); "Ftakart fi żmien, meta nies bla qalb u bla għaqal, mimlijin bihom infushom u bil-għira, u nies oħra li kien imisshom fehmu xi ftit aħjar il-missjoni tagħhom, ġiebu taqlib u ħsara, u jiena sibt ruħi waħdi, mingħajr omm . . . u ma kellix sieħeb tan-niket tiegħi għajr daqsxejn ta' għasfur lelluxi".

'Il quddiem, billi jien minn ċkuniti kont dejjem dilettant tal-fotografija, kont xtaqt nieħu xi żewġ ritratti ta' Dun Karm. U billi fid-dar kellu kanarin, ridt niġbidlu ritratt miegħu biex jibqa' jfakkar fis-solutidni qarsa tal-poeta u fl-imħabba li sab f'dak l-għasfur. Kif qegħedtlu l-gaġġa quddiemu u kont bil-magna f'idejja, qagħad wieqaf u jħares lejn il-lenti. Imma jien għedtlu biex ma jħarisx lejja u biex jersaq iżjed lejn il-kanarin u joqgħod ipespislu. F'dik il-qagħda naturali ħadtlu xi żewġ ritratti. Malli ħestejna, donnu għax jien kont għedtlu biex ma jħarisx fil-lenti, Dun Karm qabad itarrafli kif kien sar werċ minn għajnu waħda. Qalli li kellu xi erba' snin meta kelb kbir kien qabeż fuqu waqt li kien qed jilgħab, u bil-qatgħa li



kien tah kien inqatagħlu għerq minn dik l-għajn.

Laqgħa wara oħra fid-dar ta' Dun Karm u kien wasal is-17 ta' Mejju 1944, nhar il-Ġublew tad-Deheb mill-ewwel Quddiesa tiegħu. Għal dik l-okkażjoni kont ktibtlu dan is-sunett li ftit xhur wara kont ippublikajtu mal-ġabra tal-poeżiji tiegħi *Moħba tal-Qalb.*

*Hekk nafħa x-xemx sabiħa mit-tfulija:*
*W ismek ukoll, Dun Karm, fil-ġieħ żammejtu*
*Minn dak iż-żmien. U jiena fiż-żgħożija*
*Nifraħlek b'dan l-Ilsien għax int għożżejtu.*

*Sehmek fuq dina l-art ilek li qdejtu!*
*Ħdimt wisq f'żewġ oqsma sbieħ: il-Poeżija*
*Ma fixklitekx fit-triq għax int ħabbejtu*
*Fil-għana lill-Mulej u fil-qdusija.*

*Illum b'dan l-għomor twil nifirħu miegħek.*
*Ħares fil-bogħ'd... Ma kienx il-ġieħ ta' Lsienek*
*Merfugħ bħal-lum: w int tħoss il-ferħ ġo qalbek*

*Xħin tara l-frott sabiħ f'dal-qasam tiegħek.*
*'Ma tibki wkoll illum għax bħal ta' żmienek*
*M'għadhiex il-ħajja... Ftakru dan waqt talbek!*

Għal dan is-sunett Dun Karm kien weġibni b'din l-ittra li sa nġib hawn fost dawk li baghatli hu għaliex minnha naraw tajjeb kemm il-poeta kien igħożż il-missjoni tiegħu bħala qassis.

'Dar is-Sliem',
Sliema.
2 ta' Ġunju, 1944.

Għażiż Dun Frans,

Wassalli kollox:l-ittra u s-sunett. Nifraħlek mhux għax is-suġġett huwa jien, iżda għax is-sunett maħdum tajjeb, u bħas-sebħ ta' fil-għodu hu aħbar ta' jum sabiħ.

Iżda fuq kollox niżżik ħajr talli inti hekk minn qalbek ingħaqadt miegħi fil-ferħ ta' għeluq il-Ħamsin sena ta' Saċerdozju li hu waħda mill-isbaħ grazzji li Alla jista' jagħti lil saċerdot. Irrid nitma illi t-talent (wieħed) li tani ma ħbejtux, u li meta mmur quddiemu ma jkeċċinix 'il barra. Inti itlob għalija biex isseħħ din it-tama; jiena ma nonqosx li nitlob għalik.

Nixtieqlek kull ġid, l-aktar il-Barka tas-sema u l-paċi ta' qalbek.

Tiegħek,
Dun Karm.

Ngħid għalija, din l-ittra tal-Poeta Nazzjonali għamlitli l-qalb, kif dejjem għamluli l-ittri tiegħu. U fraħt mhux bit-tifħir u l-kliem sabiħ li kitibli għall-poeżiji tiegħi, iżda għaliex kull darba kien iħeġġiġni biex nibqa' nikteb; u dan fi żmien meta jien kont qiegħed naħsibha niqafx għax min kien imissu feraħ u għamilli l-qalb ried iwaqqafni mill-kitba tal-poeżija bl-iskuża li din hija telf ta' żmien. Dik il-ħabta kont bdejt ngħallem ukoll il-Malti fil-Kulleġġ *San Lwiġi* ta' Birkirkara wara Patri G. Delia S.J., poeta ta' ħlewwa kbira, li jien kont ngħożżu u bqajt sal-lum bħala ħabib għaqli u tar-ruħ. Kien hu li bħal Dun Karm fetaħli għajnejja u qalli biex nibqa' miexi fit-triq imdawla tal-Poeżija.

U jien smajt minnhom. F'dak iż-żmien kien għad hawn ħafna Maltin kontra t-tagħlim tal-Malti. Jien li minn dejjem ħassejtha ħaġa mill-iżjed inġusta li lill-poplu ma tħallihx jitgħallem l-ilsien tiegħu, ħassejtu dmir

tiegħi li nissieħeb mill-ewwel mal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. Kont naqra ħafna bil-Malti – poeżiji, rumanzi u artikoli. Kemm kien ġa rrab Dun Karm minħabba fil-Malti kont qrajtu wkoll fil-ktieb ta' Prof. P.P. Saydon: "Dun Karm, bħal kittieba oħra tal-Malti, kellu l-egħdewwa tiegħu, u għax kien kittieb kbir, l-egħdewwa kienu kbar u ħorox. Riedu jħabblu l-ħidma tiegħu ma fehmiet li fihom ma kienx imdaħħal; riedu jitfgħu għajb fuq ismu imma hu żamm dejjem sħiħ. Fehmtu kienet safja, ma kellux u la mniex jisthi u lanqas mniex jibża'." Dal-kliem minn prożatur kbir li, bħal Dun Karm, kellu ħafna għedewwa għax ħabb u tħabat kemm felaħ għall-Malti, juri kemm sabu tfixkil dawk ta' qabilna minħabba n-nuqqas ta' ftehim minn dawk li messhom fehmu aħjar il-ħtieġa ta' l-edukazzjoni u l-kultura tal-poplu – ħwejjeġ li m'għandhomx ikunu l-mokopolju ta' ftit nies.

Imma kienet ħaġa providenzjali li bħalma l-Italja kellha lil Dante Alighieri biex bdiet tintrefa' mill-għajb il-lingwa Taljana li sa żmienu kienet magħrufa bħala lingwa tal-baxxi (*il volgare*), hekk ukoll Malta tagħna sabet lil Dun Karm, l-akbar poeta tagħha, fi żmien meta wliedha stess kienu jmaqdrulha Lsienha. Kien ukoll bis-saħħa tal-kobor tal-poeżija tal-Poeta Nazzjonali li ħafna fost is-saċerdoti l-aktar għorrief tħajru jiktbu bil-Malti, sa minn dak iż-żmien ta' tfixkil, u ħallewlna xogħlijiet letterarji tassew sbieħ.

Dun Karm huwa kbir fil-poeżija u kbir fil-missjoni tiegħu ta' saċerdot. Kien għalhekk ħsieb tassew sabiħ u ta' min ifaħħru dak ta' *Christus Rex – L-Għaqda tal-Kleru Malti* – li jwaqqfu *mo*nument lill-Poeta Nazzjonali tagħna u li jsir *film* li jibqa' jfakkar f'Dun Karm u fil-poeżiji tiegħu. Jien inħossni ferħan li għent kemm stajt f'dawn ix-xogħlijiet għaliex jeħtieġ li aħna l-Maltin nifhmu l-bżonn li nibnu monumenti lill-Maltin ħutna li jistħoqqilhom monument mhux inqas minn dawk il-barranin li f'artna bnewlhom monumenti bla ma kien jixtieqhom u lanqas jaf bihom il-poplu Malti.

## MIN HU DUN KARM GHALIJA

Ta' Ġorġ Zammit, B.A., LL.D.

Min, bħali, jiftakar lil Dun Karm assistent-bibljotekarju, ma jistax ma jħarisx lura b'dik l-imħabba mħallta ma' swied ta' qalb li biha niftakru persuni, ħwejjeġ u ġrajjiet għeżież għalina. Dejjem milwi fuq xi ktieb jew reġistru fl-uffiċċju ta' fuq ix-xellug ta' min jidħol fis-sala l-kbira, Dun Karm kien sar qisu biċċa mill-Bibljoteka. Anzi ngħid li għalina Dun Karm

kien il-Bibljoteka. U kien jidher ċar li għalih dak ix-xogħol ma kienx mezz ta' għixien, imma art ta' missjoni – missjoni fejn min kellu x-xorti jmur għandu għal xi dawl jew tagħrif kien jara lil Dun Karm fl-aħjar tiegħu bħala bniedem t'Alla, bħala surmast, bħala letterat. Kien irid ikun jaf x'kotba qegħdin nitolbu, u ma kien jegħja qatt iwissina u jifthilna għajnejna. Min jaf kemm mill-irġiel u nisa tal-lum, li jistgħu igħidu li sabu posthom fil-ħajja, għandhom dejn ta' gratitudini lejn dan il-qassis kwiet, twajjeb, għaqli u mimli mħabba tassew Nisranija!

Fost dawk li huma hekk imdejnin lejn Dun Karm, jiena nħoss li għandi tassew għax nizzi ħajr 'l Alla li tefagħni fuq triq fejn ta' sikwit rajt ġid minn Dun Karm qassis, ħabib, u poeta.

Biex f'Dun Karm issib il-bniedem, trid tistudjah qabel xejn bħala qassis. Kien x'kien Dun Karm – letterat, poeta, patrijott – kien dejjem u fuq kollox saċerdot ta' ħajja safja, u qaddisa mimli karità lejn ħutu l-bnedmin, kollu ħrara biex jaqdi l-missjoni tiegħu bħala ministru t'Alla. Billi kien qassis u poeta, u billi hemm xi xebh bejn il-poeżiji tiegħu u dawk ta' Giacomo Zanella – Dun Karm ġie msejjaħ *lo Zanella Maltese*. Iżda fil-versi ta' Dun Karm, aktar minn f'dawk ta' Zanella, (u, jekk niġu f'dan, ta' poeti – qassisin oħrajn bħal Giuseppe Parini), għandek issib dejjem ir-ruħ tal-qassis thenni bi ġmielha u bi fweħitha l-għanja tal-poeta. Għalih il-poeta mhux ħlief strument f'idejn il-Ħallieq:

*Kif iddoqq arpa meta swaba' mħarrġa*
*Jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna,*
*Hekk il-poeta jgħanni,*
*Meta tmissu l-id t'Alla:*
*Habbâr tas-Sewwa, mera tas-sbuħija.*[1]

Hekk sirt nafu jien, lil Dun Karm, bħala poeta li min jaf b'liema sabar qara u sewwa l-ewwel versi ta' tfuliti. Hekk nafu meta mort għandu – niftakar dak iż-żmien kien San Pawl il-Baħar, fejn illum igħammar fis-sajf il-Professur Ġużè Galea – imgerrex u mistħi, bl-ewwel konferenza tiegħi. Hekk nafu meta ħadtlu t-traduzzjoni li jien kont għamilt tas-*Sepolcri* ta' Foscolo f'versi Ingliżi, u tlabtu jaċċetta d-dedika li jien kont għamiltlu bħala traduttur tal-istess xogħol bil-Malti. Hekk nafu meta Dun Karm għoġbu jsejjaħli poeta fid-dedika li hu stess kitibli fuq kopja ta' dak li hu forsi il-*magnum opus* tiegħu, *L-Jien u li 'l Hinn Minnu*. U tabilħaqq, dan il-poema tal-aħħar hu kien kitbu biex min jaqra *L-Oqbra* ta' Foscolo ma jibqax bil-konċett pagan tal-mewt li dan ix-xogħol ta' Foscolo inissel,

[1] Dun Karm: *Non Omnis Moriar*

iżda jimraħ mal-poeta Nisrani fil-ġmiel u l-hena ta' dak li jistenna lir-ruħ tajba 'l hinn mill-qabar.

M'hux ta' xejn li meta f'Dun Karm kien miet il-poeta, baqa' jsaltan il-qassis. M'hux ta' xejn, li fuq is-sodda ta' mewtu, Dun Karm, sa kemm felaħ, baqa' igħolli idu biex ibierek.

Bħal San Franġisk t'Assisi, qaddis-poeta, hu seta' jsellem u jagħti l-merħba lill-mewt, u jsejħilha oħt, u jbierek 'l Alla li bagħathielu:

*Benedetto sia mi Signore*
*Per nostra corporal sorella morte.*

Hekk nafu, u hekk nibqa' ngħożżu f'qalbi, lill-poeta nazzjonali tagħna.

## KELMTEJN MA' DUN KARM

Ta' GIOVANNI CURMI, LL.D.

TIFTAKAR, Dun Karm, dik il-kamra ċkejkna tal-Bibljoteka li kellha tieqa fuq *Strada Tesoreria*? Dik kienet l-uffiċċju tiegħek ta' assistent bibljotekarju. Qiegħed infakkrek fi żmien ilu ħafna, meta l-biċċa l-kbira tal-qarrejja ta' din ir-rivista ma kienu lanqas biss twieldu.

Kienet is-sena 1921: jiena kont għadni student l-Università fl-aħħar sena tal-liġi, u inti kont għadek kif ilħaqt assistent direttur tal-Bibljoteka. Għalkemm kont nistudja l-liġi jiena kont nippreferixxi naqra kotba fuq il-letteratura, u għaldaqstant kont niġi ta' spiss il-Bibljoteka biex nieħu xi ktieb għal qalbi.

Hawnhekk, Dun Karm, sirt nafek l-ewwel darba u qatt ma ninsa l-ġentilezza u l-paċenzja tiegħek. Inti kont tassew pinġut għal Bibljotekarju: kont taf ħafna lingwi, kellek kultura kbira, gost artistiku tassew fin u sens morali mill-aqwa.

Darba waħda — tiftakar Dun Karm? — għajjattli ġewwa l-uffiċċju tiegħek u qrajtli poeżija qasira li kont għadek kif ktibt. Anki jiena kont nikteb poeżiji, u darba waħda, xi ġimgħa wara, kont ġibtlek poeżija tiegħi u qrajthielek. Jiena kont nikteb bit-Taljan u, ngħidlek is-sewwa, kont nistenna li naqla' xi ċanfira minn għandek. Imma xejn ma kien hekk; anzi inti inkoraġġejtni biex inkompli nikteb.

Iż-żmien baqa' għaddej u aħna bqajna ta' spiss naqraw il-poeżiji tagħna lil xulxin. Anki snin u snin wara, meta inti ma kontx iżjed assistent

bibljotekarju, bqajna dejjem nikkorrispondu. Jien nibgħat xi ktieb ġdid tiegħi lilek u int xi ktieb ġdid tiegħek lili.

Irrid nieqaf ftit, Dun Karm, fuq is-sena 1940: sena lejlet il-gwerra ma' l-Italja, sena li l-Malti mhux biss bħala lingwa uffiċċjali imma anki bħala lingwa letterarja kien rebaħ għal kollox il-gwerra kontra t-Taljan li, sa ftit żmien qabel kien lingwa uffiċċjali ta' Malta flimkien ma' l-Ingliż u l-lingwa tal-letteratura u tal-kultura tagħna.

Proprju f'dik is-sena jien kont stampajt hawn Malta ktieb tal-poeżiji bit-Taljan li kien jismu *Il Canzoniere della Bambina* u inti, Dun Karm, ftit qabel kont ktibt *Il-Jien u Lilhinn Minnu.* Bħas-soltu bgħatna kopja tal-kotba tagħna lil xulxin u bħas-soltu int irrispondejtni bit-Taljan.*

Jiena naħseb li ma hawnx Malti ieħor li jħobb il-Malti u għandu raġun li jħobbu daqs kemm kont tħobbu int u kellek raġun li tħobbu ħafna Dun Karm. B'dana kollu inti qatt ma ipprofittajt minn din l-imħabba li kellek għall-Malti biex tmaqdar u tkasbar lil min għallavolja Malti kien jikteb b'ilsna barranin. U dana forsi ħadd ma jista' jgħidu u jippruvah daqsi.

Għaldaqstant bi pjaċir kbir aċċettajt fil-1954 li niġborlok fi ktieb il-poeżiji li inti kont ktibt bit-Taljan: u għamiltlek il-prefazzjoni minn qalbi, kif min qalbi qiegħed ngħidlek dawn iż-żewġ kelmiet.

Inti t-Taljan kont tippossedih tassew tajjeb. Kellna ħafna Maltin ma' tul iż-żmenijiet li jiktbu bit-Taljan u b'Taljan mill-aħjar, imma jien nassigurak li inti kont fosthom mill-aħjar. Li kieku komplejt tikteb bit-Taljan stajt tikseb fama internazjonali, imma inti għażilt li tikteb bil-Malti l-aħjar xogħlijiet tiegħek. Dan kien jeħtieġ li wieħed igħidu u qed nieħu gost li qiegħed ngħidu jien. Għall-imħabba ta' l-ilsien Malti inti issagrifikajt il-fama tiegħek internazjonali, imma rbaħt għal dejjem mingħajr ma tlabtha l-glorja ta' Poeta Nazzjonali.

Jiena żgur, Dun Karm, illi minn fejn int qiegħed tieħu gost tismagħni mhux għax qiegħed infaħħrek – minn dan qatt ma mpurtak – imma għax għall-ewwel darba f'ħajti qiegħed niktiblek b'dak l-ilsien li int ktibt bih *Il-Musbieħ tal-Mużew* u *Il-Jien u lilhinn Minnu.*

* Din hi l-ittra ta' Dun Karm: "Dar is-Sliem, Sliema, 23 Aprile, 1940. Caro Giovanni, Nel pomeriggio di ieri mi arrivò la copia del tuo *Canzoniere della Bambina.* Lo lessi tutto d'un fiato. Prosit! Bello! È tutto poesia maltese in veste italiana, graziosa e bella come il sorriso della tua bimba. Si, poesia maltese; perche giù, in questa isola benedetta, ove tutto è riso di sole e tremolio di stelle, boccinole di rose e visi tondeggianti di *pupe,* ma ove tutto è pensiero e sentimento cristiano, puo scaturire e ingrossare quell'onda di casti amore coniugale e di carità paterna tanto bene espressa nei "bellissimi versi di papà". Con sinceri rallegramenti. Mons. C. Psaila."

# DUN KARM PSAILA

Tifkiriet ta' DUN KARM SANT, D.D., L.S.S., B.A.

JEKK trid tkun taf kemm ħaġa ti swielek, iċċaħħad ruħek minnha, mqar għal ftit taż-żmien, u mbagħad tħoss il-baħħ mingħajrha u tintebah b'dak kollu li kienet tfisser għalik. Hekk ġara dak in-nhar li tħabbret ma' Malta kollha l-mewt tal-Poeta Nazzjonali Malti Dun Karm Psaila. Kull min għandu jiġri fih demm Nisrani u Malti ħass dak il-ħin li Malta tilfet wieħed mill-aqwa ulied li qatt kellha u l-Kleru Malti wieħed mill-aħjar qassisin li qatt kellu fi ħdanu.

Kull fejn kien jersaq Mons. Psaila kien iħalli r-radda tal-mixja meqjusa tiegħu; ħadd ma kien jersaq lejh bla ma jħoss xi ħaġa taħdem fuqu. Hekk jien nista' ngħid għalija. Ix-xbieha ta' Dun Karm, minn dak in-nhar li rajtu l-ewwel darba f'Ottubru tas-sena 1932, ma tneħħiet qatt minn moħħi u sa minn dak iż-żmien dejjem qistu bħala mudell ta' qassis li jista' jittieħed b'ideal minn dawk kollha li jkunu se jersqu lejn l-artal tal-Mulej. Għax tabilħaqq hekk kien.

Kien Ottubru tas-sena 1932 li ħriġt għall-ewwel darba minn Hal Tarxien biex nibda mmur il-Liċeo, l-iskola tal-Belt, kif kienu jsibuha dak iż-żmien, Dik il-ħabta l-Liċeo kienet issir l-iskola filgħodu u wara nofs in-nhar; għamilna sena filgħodu biss u mbagħad irġajna għal wara nofs in-nhar. Min kien joqgħod fil-kampanja, jew għax ma kienx jista' jonfoq darbtejn karrozza, jew għax kien 'il bogħod ħafna kien jibqa' l-Belt bejn nofs in-nhar sas-sagħtejn, ma jagħmel xejn ħlief jiġġerra mat-toroq tal-Belt, li kieku ma kinetx il-Biblijoteka fejn wara li jkun kiel xi ħaġa ħafifa ħafifa l-ħanut kien igħaddi dik is-siegħa u nofs ipaċpaċ jew jaqra jew jagħmel il-*home-work* hemmhekk. Nistgħu ngħidu li f'dawk is-sagħtejn nibtu u trawmu l-aqwa u l-itwal ħbiberiji .

Kien hawn mela l-ewwel darba li rajt lil Dun Karm, li dik il-ħabta kien Assistent Bibljotekàrju. L-uffiċċju tiegħu kien fil-kamra li kellha tieqa għal fuq Triq it-Teżorerija; triq dejqa, dejjem bin-nies għaddejja għall-pjazza Regina. F'nofs din il-kamra kien hemm mejda mdaqqsa, mal-ġnub kien hemm xkaffi u vetrini bil-kotba. Dun Karm kien dejjem hemm jikteb, jistudja u kull tant igħarrex 'il barra lejn is-Sala. Kien jidħol daqsxejn qabel is-sagħtejn, meta ma konniex insibuh hemm il-ħin kollu u erħilu jintelaq fuq il-mejda jaħdem.

Aħna ta' Hal Tarxien konna daqsxejn waħda xxurtjati. Hdejn il-Mons. kien hemm jaħdem miegħu l-iskrivan Salvu Mizzi, minn Hal Tarxien, li biex jagħmel pjaċir lill-ġenituri tagħna kien itina daqqa ta' għajn biex jara

ġejniex jew le. Aħna ma tantx konna niddejqu minnu għaliex kien ċajtier kemm trid u kien jifqagħna bid-daħq. Għalhekk l-għassa tiegħu ma kenitx iddejjaqna, anzi konna nieħdu pjaċir nisimgħuh jirrakontalna xi storja, għax fl-aħħar mill-aħħar, hu wkoll dak il-ħin kien ikun fil-mistrieħ tiegħu.

Ma nistax ngħid jekk Dun Karm kienx jiġi kmieni mħabba fina jew le; naf biss li meta kien jiġi qabel is-sagħtejn arah jiġi ħdejn il-mejda tagħna li kif għidt ma kenitx 'il bogħod wisq mill-kamra tiegħu. Ma kienx joqgħod bil-qiegħda, iżda jibqa' bil-wieqfa; jaqla' n-nuċċali oħxon minn għajnejh, isammar għajnejh fuq xi wieħed minna u erħilu jistaqsina xi ħaġa tgħidx fuqiex, issa fuq ġeografija, issa fuq storja, oħra fuq letteratura Taljana, Ingliża jew Latina. Imbagħad jiċċassa, idawwar minn hemm għal hawn għajnejh, moħbija f'xagħar folt abjad, sakemm xi ħadd iwieġeb. Jekk ikollu tweġiba igħaddi għal xi mistoqsija oħra, jekk le itiħielna hu stess.

Kien iħobb igħidilna xi episodji mill-ġrajja ta' Malta, xi ħaġa fuq id-drawwiet tal-Maltin l-aktar tar-raba'; igħidilna xi ħaġa fuq li nkunu qegħdin nistudjaw jew naqraw. Min għandu sirna nafu x'hemm u ma hemmx il-Biblijoteka u drajna nieħdu l-kotba u hekk nibtet fina x-xewqa u l-klubija tal-qari. Kont tarah b'liema ħeġġa u entużjażmu kien idawwar lill-barranin meta x'uhud minnhom kienu jiġu jżuru l-Biblijoteka bit-teżori tagħha.

Hekk għaddew erba' snin f'nofs in-nhar nisimgħu xi ċajta, naraw xi tbissima, nidħku xi daħka bla għajb ta' xejn u nitgħallmu xi ħaġa sewwa. Ngħid għalija kont inħoss soġġezzjoni minnu: dik il-ħarsa tinfdek; il-kelma rpusata; xagħar abjad qotna kien jidħol f'moħħok biex ma jmur qatt minnek.

Niftakar darba xi ħadd offendieh sewwa f'xi artiklu f'xi gazzetta; kien qiegħed igħid xi ħaġa fuqha lill-ħabib tiegħu. Kien jidher li kien inkwetat, iżda ma kontx tisma' minn fommu kelma waħda li tweġġa' jew toffendi d-dinjità tiegħu ta' qassis. Għandi idea wkoll ta' meta kien qiegħed jaħdem fuq is-*Sepolcri*; kien iħobb jiddiskuti x-xogħol ma' xi ħbieb u niftakar meta semma xi ħaġa li kien se jikteb poeżija bi tweġiba għaliha. Mur obsor li dik kellha tkun li *Jien u Lil Hinn Minnu* li snin wara kelli nikteb żewġ artikli twal fuqha.

Dik ix-xbieha ta' Dun Karm bil-qiegħda fuq is-siġġu, b'rasu tmil fuq il-mejda kontra l-isfond tat-tieqa, ma nsejtha qatt u għadha ħajja f'moħħi daqs kemm kieku kont rajtha lbieraħ.

Għadda ż-żmien. Dun Karm telaq mill-Biblijoteka mħabba l-età fis-sena 1936; tlett snin wara aħna ħallejna l-Liċeo biex bdejna nistudjaw l-Università. Kont ili ħafna ma narah; l-Università, imħabba li kont is-Segretarju ta' l-*Għaqda tal-Malti* (Università), kelli niltaqa' miegħu, jekk mhux ta' sikwit, ħafna iktar minn darba sgur. Mill-ewwel iġġennint għall-

poeżija tiegħu. Il-Liċeo konna diġà doqna xi ftit mill-benna tagħha bil-qari ta' l-antoloġija *Ward ta' Qari Malti;* dan ma kienx biżżejjed. L-ewwel-nett aħna ftit ilħaqna għamilna Malti; l-eżami tal-matrikola tal-Malti ma kienx bħal-lum u, terġa' u tgħid, il-ftit żmien li kien ikollna s-surmastrijiet, fosthom is-Sur Nin, kif konna insibu lil dak l-Imgħallem Kbir tal-Malti, illum Dr. A. Cremona, bir-raġun kollu kienu jaħluh fil-grammatka. Għal-hekk kien fl-Università l-iktar li bdejna nduqu sewwa l-benna tal-Kitba Maltija u, fuq kollox, il-ġmiel u t-tagħlim tal-Għana ta' Dun Karm. Għadni narah quddiemi wieqaf fuq ġenbejh dritt dritt jaqra l-poeżija *Progress* li mhix nieqsa min xi ċajta jew ironija fina fina. Kienet waħda mill-Laqgħat Akkademiċi li l-*Għaqda tal-Malti* (Università) konna nħobbu nagħmlu tista' tgħid kull xahar sakemm il-gwerra ma sfrattatilniex kollox. Niftakar ukoll meta konna ħsibna biex nirregalaw kwadru taż-żejt tiegħu lill-Università biex jiddendel fl-Aula Magna fost il-kwadri l-oħra ta' nies kbar Maltin, li għamlu ġieh u ġid lil Art Twelidhom. Konna inkarigajna lil Pittur Caruana Dingli u r-ritratt sar b'inkejja tat-taqlib li ġiebet magħha l-gwerra.

Il-poeżija ta' Dun Karm kont inħobbha u nitgħaxxaq naqraha. L-anqas id-dell ta' l-eżamijiet ma kien qatt mewwet il-ħeġġa li kelli għaliha. Kien dan li ġegħilni nikteb l-istudju komparativ fuq il-*Musbieħ tal-Mużew* u l-*Conchiglia Fossile* ta' Zanella. Dan kien l-ewwel frott tal-qari ta' l-għana tiegħu; u dan kien ħajjarni nidħol għal biċċa xogħol ta' studju serju fuq il-ħsieb u s-sengħa ta' *Il-Jien u Lilhinn Minnu.* Ikolli nistqarr li ma ħassejthiex ħaġa ħafifa; anzi ġew xi waqtiet li kont se nħalli kollox iżda fl-aħħar wasalt biex ktibt żewġ artikli twal ippublikati f'*Leħen il-Malti*: wieħed fuq is-Sengħa u l-ieħor fuq il-Hsieb ta' *Il Jien u Lilhinn Minnu.* Ma kontx ħadt pjaċir bil-ftit meta rċivejt ittra min għand Dun Karm stess, wara li kont bgħattlu kopja ta' l-artikli, li fiha qalli li kont dħalt ġmieli fil-ħsieb tiegħu. Kont ukoll qlibt għall-Ingliż il-poeżija *Non Omnis Moriar*; traduzzjoni ippublikata fis-*Sundial* ta' l-Università.

Minn dan jista' wieħed jaħseb id-dispjaċir li ħassejt meta mħabba t-taħwid tal-gwerra ma ltaqajtx iżjed ma' Dun Karm. Iżda ġie li kont niltaqa' miegħu l-Belt jew x'imkien ieħor. Laqgħa bħal din baqgħet ħajja f'moħħi. Kienet is-sena 1942 meta Malta kienet vittma ta' l-eqqel bumbardamenti mill-ajru. Konna fil-pjazza ta' quddiem il-Biblijoteka; madwarna ma kontx tara ħlief ġebel u terrapien taħt il-ħitan, u bini mġarraf fuq tliet naħat tal-pjazza: il-każin Malti, il-Palazz u l-bini ta' fuq il-loġoġ u r-Regina fin-nofs abbandunata mill-ħamiem. Niftakar kont mal-Professur Saydon meta Dun Karm lemaħna; resaq lejna u tana kopja stampata tas-sunett *Malta Wara Elfejn Attakk mill-ajru*, ġawhra tal-letteratura Maltija li tibqa' ħajja sakemm jibqa' jintkellem il-Malti. Qralna xi versi minnu hu u jħares

madwaru. Kemm ħarġu sbieħ dawk il-versi.

*'Mma jiena ma rajtek qatt bħal-lum sabiħa,*
*O Malta tiegħi, għax mil-libsa mċarrta*
*Stajt nara 'l sidrek u l-għeruq ta' ġewwa.*

Tlabtu jiffirmahieli u qatagħli xewqti dak il-ħin stess.

Meta niżel joqgħod tas-Sliema minn Ħaż-Żebbuġ fejn kien mar għall-kenn mill-bumbardamenti, ġie li mort għandu d-dar nitkellem daqsxejn miegħu. L-uffiċju tiegħu kien mgħammar b'mod sempliċi, għamara qadima, iżda sabiħa; skrittorju b'qafas b'kanarin fih; mejda fin-nofs, librerija bil-kotba; mejda żgħira bi xbieha tal-Madonna; pjanu bil-karti ta' l-Innu Malti miftuħa fuq il-leġiju. Mhux l-ewwel u t-tieni darba li daqq in-noti ta' l-Innu Malti jew l-innijiet Ewkaristiċi. Kien iħobb jirrakkonta kif saru dawk l-Innijiet hekk sbiħ li laqtu l-fantażija mhux biss tal-poplu Malti iżda tal-barranin ukoll. Mal-ħitan ta' l-uffiċċju kellu wkoll għadd ta' ritratti tal-ħbieb: fosthom kellu l-grupp ta' l-Ewwel Kumitat ta' l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti,* u ieħor tal-*Legion of Mary.*

Kien hawn, f'dan l-uffiċċju, meta fl-1944 stedintu biex jiktbilna xi sunett jew poeżija biex infakkru l-ġublew tal-fidda ta' l-ordinazzjoni ta' Dun Ġużepp Gonzi, li dik il-ħabta kien Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirklu ta' l-Azzjoni Kattolika San Ġwann Bosco, Tarxien. Hu malajr qalli iva u wara xi ftit ġranet wasalli bil-posta. Kien l-istess Dun Ġużepp li kien stiednu biex jikteb l-Innu tal-Lunzjata li għadna sallum inkantaw fil-Festa tal-Lunzjata Ħal Tarxien. Kien fis-sena 1935, meta d-drawwa ta' l-Innijiet Parrokjali kienet għadha ma daħletx.

Għaddew sentejn. F'dawn is-sentejn ma tantx stajt narah wisq għaliex kont is-Seminarju. Wasalt biex inqaddes u biex nagħmel il-festa ta' l-l-Ewwel quddiesa; stedintu ma' ħafna ħbieb oħra. U hekk narah ġej jifraħli l-għada tal-festa hu stess, raġel ta'ħamsa u sebgħin sena b'rigal speċjali: l-ewwel grammatka tal-Malti li ħareġ M.A. Vassalli bil-Latin fis-sena 1791. Qabel tahieli illegaha sewwa u awtografaha. Din il-grammatka għadha għandi, tagħnili u żżejjinli l-librerija flimkien ma' kotba oħra.

Minn dak in-nhar 'l hawn ma kontx tarah ta' sikwit, iżda ma qtajniex; daqqa kont narah il-Belt, oħra tas-Sliema, San Girgor, jew is-Salesjani jonkella d-dar.

L-aħħar li kelli x'naqsam miegħu kien meta bħala segretarju tal-*Christus Rex* megħjun minn Kummissjoni apposta, kelli nieħu ħsieb il-festa li għamilnielu fl-1959 f'għeluq il-ħamsa u sittin sena minn meta kien ilu li qaddes. Miskin kien diġà beda jmajna, iżda ma naqasx li jiġi għall-festa;

li joqgħod għar-ritratti biex ittiehed il-Film u biex jippoża għall-Iskultur Borg biex jaħdem il-bust. L-aħħar li rajtu kien tas-Sliema għand is-Salesjani tista' tgħid b'kumbinazzjoni u minn dak in-nhar ma rajtux iżjed.

Dun Karm kien wieħed minn dawk in-nies li ħalla fija impressjoni qawwija. Fih kont nara mudell ta' qassis li fuqu nista' nimxi: qassis Malti qalbu tixgħel bl-imħabba lejn Alla, lejn art twelidu, lejn għajru. Kienet il-Providenza li bagħtitu f'Malta fi żmien meta l-Gżira maħbuba tagħna kellha tara taqlib liema bħalu: x'ma għaddiex minn Malta f'dawn l-aħħar disgħin sena: mard, gwerer, taqlib soċjali, ekonomiku; pulitku, kriżijiet, reliġjużi u oħrajn ta' mitt xorta oħra. Kien Dun Karm li ħallielna dokument ħaj ta' din il-ġrajja tal-Gżira li ma' tulha għadda l-qadim biex daħal il-ġdid u Malta ma għadhiex Malta ta' disgħin sena ilu. F'dan iż-żmien twieldet u trawmet Malta ġdida. Dun Karm kien dak li wriena x'hemm ta' valur dejjiemi fit-tradizzjoni Maltija u x'hemm li jista' wieħed iwarrab biex nimxu 'l quddiem bla ma nitilfu l-bixra Maltija li tagħżilna minn ġnus oħra, ikbar jew iżgħar minna, iżda li għandhom wirt ieħor bil-wisq xorta oħra minn tagħna.

Dan kont nara f'Dun Karm u dan li jġegħlni minn żmien għal ieħor niftaħ il-kotba tiegħu biex inġedded it-tifkiriet ta' Malta ġenwina b'ruħ nisranija għax nisranija. J'Alla ż-żagħżagħ li għadhom fl-iskejjel jixtarru l-għanja ta' Dun Karm u bis-saħħa tagħha jitrawmu fl-imħabba ta' Alla u Art Twelidhom u l-kbar li għandhom f'idejhom it-trobbija taż-żgħar u t-tmexxija tal-pajjiż iħossu fihom is-sens tar-responsabilità għal dan il-poplu għażiż għal qalb ta' Alla u Marija.

## DUN KARM – TIFKIRIET

Ta' Ivo Muscat-Azzopardi

B'dan l-isem kont nafu qabel ma tlaqt għall-Eġittu fil-1919, hekk bqajt nafu kull meta kont niġi Malta għal xi żjara qasira u hekk issoktajt ngħożżu meta fil-1946 ġejt lura Malta għal kollox. Għext fl-Eġittu għal-sitta u għoxrin sena, imma minn Dun Karm ma inftamt qatt. Meta ġejt lura għal kollox ma kontx inżuru ta' spiss, imma kultant kont naqbeż qabża sa għandu u kont noqgħod niċċaċċra miegħu qisna żewġt iħbieb tal-iskola. Fija kien jara r-rifless ta' missieri. Missieri u Dun Karm kien jinħabbu ħafna ħafna: bħala Maltin, bħala poeti, bħala kolonni tal-letteratura Maltija.

X'kellu Dun Karm biex tant tħabbeb mill-Maltin? Is-saħħa fil-poeżija? Iva, imma mhux din biss għenitu biex isir popolari... mingħajr ma jidher fil-pubbliku. Kien raġel minn tagħna, qassis l-aktar eżemplari u fuq kollox umli.

Se nagħtikom prova l-aktar ċara li ħadd ma jaf biha.

F'waħda mill-aħħar żjarat li għamiltlu f'daru – kienu il-5 ta' Aqissu 1956 – urieni ktieb li kien għadu kif ħareġ. Kellu żewġ kopji u tani waħda minnhom. Qabel tahuli kiteb fuqu kelmtejn. Kienu dawn:

"Lil Ivo Muscat-Azzopardi P.L. b'tislima ta' l-Imgħallem (Dun Karm) lit-tifel ta' l-Għalliem – 5 ta' Awwissu 1956"

Dan il-ktieb kien fih ġabra ta' Innijiet popolari miktubin mis-Surmast Giuseppe Caruana, ħabib kbir kemm ta' missieri kif ukoll ta' Dun Karm, mimli bil-kliem u l-mużika fosthom bosta ta' Dun Karm u xi ftit ta' missieri.

Kieku Dun Karm ma kienx umli min-natura ma kienx juża dak il-kliem li kiteb fid-dedika ċkejkna li kitibli fuq il-ktieb. Hawn min ħarbex erba' versi u ħaseb li laħaq is-sema b'idu. Imma Dun Karm le. Sejjaħ lilu nnifsu "l-istudent" u lil missieri "Is-surmast". Il-poeta nazzjonali tagħna jsejjaħ lilu nnifsu "l-istudent". Eżempju kbir li bosta jmisshom iħaddnu.

Ta' min ifakkar ukoll li l-Muża ta' Dun Karm rabbiet il-ġwienaħ u taret wisq 'il barra mix-xtut ta' gżiritna. Għallanqas din hija ħaġa żgura għal dik il-biċċa art li tissejjaħ Eġittu u li fiha kienu jgħammru qabda patrijotti Maltin li dejjem għollew kemm felħu isem Malta u l-Maltin. Fil-*Qari Malti*, rivista maħruġa f'Port Said, bosta drabi dehru poeżiji u artikoli fuq Dun Karm u sa fejn naf jien l-ewwel waħda dehret tlieta u erbgħin sena ilu, fl-1930 *L-Għanja tar-Rebħa.* U fl-għadd ta' Lulju 1944 deher artikolu f'għeluq il-ħamsin sena ta' l-ewwel quddiesa ta' Dun Karm. U f'Awissu 1944 studju ta' Ġużè Chetcuti u f'Novembru tal-1945 it-taħdita li kien għamel il-Professur Ġużè Galea meta lil Dun Karm tawh il-grad ta' D.Litt.

Dun Karm lill-Maltin ta' barra kien igħożżhom bosta u ċertu rigal (Dgħajsa bil-qlugħ) li kien tah darba l-ħabib Ċikku Camilleri ta' Port Said baqa' jurihuli kull meta kont immur għandu. Imma xi ngħidu imbagħad għar-rabta ta' qima li kellu għas-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar ta' Lixandra (illum tinsab tgħix f'Londra wara l-kriżi tas-Swejz) li kienet taħseb fih f'kull okkażjoni xierqa.

Lil Karmen baqa' jgħożżha sa l-aħħar jiem ta' ħajtu u jekk l-ittri li kien jiktbilha baqgħet tgħożżhom, tista' tgħid li għandha f'idha teżor. Jien naf li f'Lulju tal-1961, meta kulħadd kien jaħseb li rasu għejjiet għal kollox, kitbilha ittra ta' ħajr li se nagħmel mill-aħjar biex inġagħla tidher

x'imkien iehor f'dan il-ktieb.

L-aħħar ittra, bizzejjed twila, li jien għandi tiegħu se nġibha hawn taħt:

18, Lower Victoria Terrace,
Sliema, Malta.
16 ta' Lulju, 1955.

Għażiż Ivo,

Naħseb li kellek biċċa xogħol iebsa biex tiġbor u tkebbeb dawk il-gladjoli u dawk il-fjuri kollha f'bukkett wieħed u torbtu tajjeb biex ma jinħallx, u tgeżwru f'żewġ folji karta, ta' fuq trasparenti biex il-lwien jidhru sewwa u t-trab u l-għabra ma jidħlux fuqhom.

Naħseb li dan kien ħsieb u ħrara ta' Karmen Mikallef Buħaġar, li ma tħallix tgħaddi waħda mill-ġranet tat-tifkiriet tiegħi – is-16 ta' Lulju, it-18 ta' Ottubru u t-18 ta' Mejju – bla ma tibgħat xi ittra sabiħa, xi ħelu u xi tifkira oħra. Naħseb li qabbdet lilek b'din il-biċċa xogħol tal-fjuri, li għaliha kienet ħaġa iebsa bla tarf, jekk ukoll mhix impossibli.

Jiena niżżikħajr mill-bukkett fjuri sabiħ u għani li inti bgħattli f'isem Karmen Mikallef Buħaġar, u bħala għelm ta' qima u ta' mħabba u ta' ġieh lili, biex skond il-fehma tiegħek, jiena nibqa' ngawdi l-frott tal-Poeżija li biha jien għaraft inżejjen il-Lsien għażiż tal-Gżira ta' Malta – l-Omm li tagħtna isimha.

Kont qiegħed nikteb l-aħħar versi, meta wasal il-postin li ġiebli telegramm ta' Karmen Mikallef Buħaġar, miktub bil-Franċiż i.e. "*La Reine du Carmel et de Malte daignera sourire, en ce jour, repandre des graces abondantes sur vous et sur grandes saintes oeuvres auxquelles vous donnates une si génereuse impulsion.*"

Tifla tal-għaġeb dik Karmen. Issa nfittex nibgħathtilha xi ħaġa għall-gosti tagħha.

Narġa' niżżikħajr minn kollox u nitlob lill-Madonna tal-Karmnu li żżommok f'saħħtek u mogħni b'kull ġid.

Tiegħek fil-qalb ta' Marija,

Dun Karm

Il-kommenti tiegħi għal din l-ittra li kitibli Dun Karm ma hemmx ħtieġa tagħhom. Proża poetika, ħsibijiet safja, ħajr ħiereġ minn qalb tassew Maltija u diretti għall-qalb mija fil-mija Maltija.

Hekk kien Dun Karm fiż-żgħożija tiegħu, hekk baqa' meta missieri talbu

biex jikteb xi poeżija bil-Malti u huwa sama' minnu, u hekk għalaq għajnejh ta' disgħin sena: Poeżija, poeżija, poeżija.

Karmen Mikallef Buħaġar Maltija sa ruħ ommha, avolja lil Malta qatt ma ratha, is-sena l-oħra talbitni biex inħejjilha xi "Biljetti tal-Milied" oriġinali biex tibgħathom lill-ħbieb tagħha mxerrdin mad-dinja, l-aktar issa wara l-kriżi tas-Swejz. Insistiet li d-deskrizzjoni tal-post li jidher fil-kartolini mlewna ikunu bil-Malti u jien, ma ngħidu xejn, qdejtha u riedet ittir bil-ferħ meta għidtilha li l-kliem sa jkun jikkonsisti f'poeżija żgħira li Dun Karm bosta snin ilu kien kitibli wara santa u bgħathieli flok *Christmas Card*. Naħseb li dawn il-ftit versi ma dehru f'ebda ktieb:

*Nixtieqlek ward il-hena*
*Li ż-żmien ma jagħmelx bih*
*U minn Milied għal ieħor*
*Iżommok qawwi u sħiħ.*

Hi baqgħet tgħożż lil Dun Karm sa l-aħħar jiem ta' ħajtu u l-għada li miet waslitli ittra minn għandha li taqsam il-qalb: qaltli li ħolmot bih, talbitni bi ħniena biex immur narah, inbuslu idejh, titolbu jibża' għal saħħtu, tagħtih it-tislijiet kbar tagħha. Imma jien dan ma stajtx nagħmlu għax Dun Karm ma kienx iżjed fostna. Il-qalb teħber! Tassew!

L-għada wasalli biljett tagħha biex tixtieqlu kull hena u ġid u jien dal-biljett se nżommu bħala tifkira tal-qima kbira li kellhom xi Maltin ta' barra għall-Poeta Nazzjonali tagħna:

MALTA F'KOLLOX U FUQ KOLLOX

18 ta' Ottubru 1871
18 ta' Ottubru 1961

Lill-għażiż Poeta ta' Malta Maltija
Lil Dun Karm Psaila

KARMEN MIKALLEF-BUHAGAR

twassal fuq ġwienaħ il ħsieb ħieraq
tagħha l-oħla xewqat. Ittenilu li
taħseb Fih ħafna u li tħobbu b'qima
kbira, għax f'qalbha jibqa' dejjem
ħaj min ħadem fil-qasam ta'
l-Ilsien Malti u l-iktar min
għanieh *Bħalek*, maħbub Poeta Malti.

# IL-GĦANJA TAD-DISGĦIN

## META DUN KARM KANTALI *O SOLE MIO*

Ta' N. Biancardi

L-ewwel darba li ltqajt u kellimt lil Dun Karm kien sebgħa u tletin sena ilu. Kellu biss għoxrin sena. Mimli ħerqa u mħeġġeġ mill-kitba tiegħu, jiena kont insiġt poeżija bl-isem ta' *Ommi* bi vrus maħlulin u magħżulin, u iddedikajtha lilu: *B'qima lil Mons. C. Psaila.* Qabel inxandarha xtaqt nurihielu flimkien mad-*Dedika.* Ma kont għadni kellimtu qatt, għad li kont narah sikwit għaddej mit-toroq tal-Belt Valletta fejn kien igħammar dak iż-żmien. Imma kif nagħmel? Stħajt nidher quddiemu u wisq inqas nurih xogħol letterarju tiegħi. Bżajt li jidħaq bija.

Fl-aħħar sibt ħabib, imdaħħal fiż-żmien, li kien jafu sewwa. Qalli: "Dun Karm jieħu pjaċir bik; huwa bniedem ħelu, minn tagħna, u jħobb jagħmel il-qalb lil dawk iż-żgħażagħ kittieba li fihom jara xi tama". Jum fost l-oħrajn Dun Karm kien nieżel minn Triq Santa Luċija minn fejn kien igħaddi biex imur ġo daru. "Hawn hu", qalli ħabibi. "Tini l-poeżija". Nirtogħod kollni kemm jien u kiesaħ silġ, daħħalt idi fil-but u newwiltlu l-karta li fuqha kelli minsuġ dak li kellu jkun għalija sentenza ta' mewt jew ħajja fil-qasam lettararju Malti.

Meta qorob lejna rsaqna fuqu. Habibi qallu: "Monsinjur, dan Nikol Biancardi, dilettant tal-kitba. Iħobb jistudja ħafna u qara bosta minn dak li ktibt int. Xtaq jurik poeżija li kiteb fuq ommu. Iddedikata lilek".

Dun Karm taptapli fuq spallti u tbissem b'nofs fiduċja. "Mela le", wieġeb. "Naraha bil-qalb kollha. Tista' tagħtihieli għal xi jumejn?" "Mela le", għedtlu mimli ħerqa. Reġa' qalli: "Pitgħada, għal ħabta ta' nofs in-nhar jien inkun nieżel minn hawn. Stennieni ħalli ntik lura l-poeżija tiegħek bil-fehma tiegħi. Hux hekk tixtieq?"...

Għaddejt jumejn martirju. Ma għalaqtx għajn ma' għajn. Ommi tħassbet. Waħħlet f'rasha li kont għaddej minn xi ġrajja ta' mħabba ma' xi tfajla. "Le, Ma", serraħtilha rasha. "Dik il-poeżija li ktibt fuqek qiegħda għand Monsinjur Psaila biex jagħtini l-fehma tiegħu u forsi jsewwili xi ħaġa fiha".

Jumejn wara, ma' nofs in-nhar bomm, Dun Karm deher nieżel minn Triq Santa Luċija. Sellimtlu mriegħed u mort fuqu. Ridt nibda xi kliem, imma ma flaħtx. "Eh...inti Biancardi?", qalli. "Mhux ħażin...mhux ħażin. Ibqa' ikteb; u aqra kemm tiflaħ. Missejtlek xi vrus fi tmiem il-poeżija li tajtni. Jimporta?"...

Raddejtlu ħajr għas-sabar li kien ħa bija. Mort niġri għand Willie Arena l-Editur ta' *Il-Hmar*, u għedtlu li kelli poeżija għax-xandir li kien ġa raha Monsinjur Psaila. U l-poeżija *Ommi* dehret f'dak il-folju mexxej f'nofs Frar tal-1924, jiġifieri sebgħa u tletin sena ilu. Din ma kenitx l-ewwel kitba tiegħi. Imma dak in-nhar li rajtha mitbugħa ħassejt ferħ li żagħżugħ ta' għoxrin sena biss jista' jfisser. Fost il-kittieba tal-lum, naħseb, huma ftit dawk li qrawha. Jiena dejjem kont nemmen fil-ġumali fejn għexieren ta' poeżijiet u novelli tiegħi jinsabu mxandrin. Dejjem fhimt li bil-gazzetti nistgħu iżjed innisslu mħabba għall-Malti fost il-poplu.

Ma tkunx ħaġa żejda jekk infisser li l-poeżija *Ommi* ma għandhiex x'taqsam mal-poeżija *Lil Ommi* li kienet ixxandret fil-Pronostku Malti tal-1930 u li kienet ħadet wieħed mill-premjijiet fil-Konkors li kienet nediet id-Ditta Muscat ta' Triq il-Merkanti tal-Belt.

*Sunetti... u Sunetti*

Wara l-ewwel laqgħa li kelli ma' Dun Karm nista' ngħid li ma ġietx ġimgħa li ma rajtux u ma kellimtux x'imkien. Tislima u tbissima ma naqsux ma' tul is-sebgħa u tletin sena li għaddew sa ġimgħa qabel miet fl-Isptar tal-*Blue Sisters* fil-għomor ta' dwar disgħin sena.

Iżda, imbagħad, ikun hemm ġrajjiet fil-ħajja tal-bniedem li jibqgħu f'moħħu iżjed minn oħrajn. Se nerġa' nsemmi l-Konkorsi tal-Pronostku Malti li fihom kienu jieħdu sehem l-aqwa kittieba żgħażagħ u li kienu saru popolari kemm jista' jkun. Fil-Konkors tal-1933 jien irnexxieli nieħu l-Ewwel Premju bit-tliet sunetti marbutin *Lil Żagħżugħ Raħli*. Wara r-riżultat Dun Karm kien rani l-Bibljoteka u ferraħli, u xi ftit pariri ma naqsux. Minn kliemu, mimli qies u ħlewwa, intbaħt li wħud minn dawk li kienu ħadu sehem fil-Konkörs tal-1933 kienu marru jgemgmu miegħu fuq ix-xorti ħażina li messithom, imma jisgħobbija ngħid, Dun Karm, wara, kien kiteb artiklu f'*Il-Malti* tal-*Għaqda tal-Kittieba* dwar ir-riżultat li fih ipprova jdewwi lil dawk li kienu gergru miegħu. Ferħan kif kont bir-rebħa tiegħi, jiena deherli li bniedem għaref u prudenti bħal Dun Karm ma kien imissu qatt jidħol bejn il-basla u qoxritha, u kont bgħattlu ittra iebsa.

Wara din il-ġrajja ftit kerha domna xi ftit merfugħin minn xulxin. Ma' tul dan iż-żmien ir-Rev. Edmund Sutcliffe, S.J., Professur ta' l-Ilsna Orjentali u tat-Testment il-Qadim fil-Kulleġġ ta' Heythrop, kitibli minn l-Ingilterra u talabni permess biex ixandar is-sunetti tiegħi fil-Grammatka li kien fi ħsiebu joħroġ u li issa taħt l-isem ta' *A Grammar of the Maltese Language* tinsab f'idejn l-istudenti universitarji tagħna. Tant ġew imxandrin u stampati dawk it-tliet sunetti li wasalt biex niddejjaq għax ħassejtni qisni m'għandix ħliefhom.

Iż-żmien ifejjaq u jnessi. Għalkemm aħna qatt ma konna għedewwa, wisq il-bogħod minn hekk, il-ħbiberija bejn il-Poeta Nazzjonali u l-Poeta Dilettant reġgħet bdiet tissaħħaħ f'laqgħat fil-Bibljoteka.

Għadda ż-żmien u kellhom ikunu tliet sunetti oħra tiegħi li reġgħu xellfu din il-ħbiberija, sunetti li kienu ġew imxandrin f'*Il-Berqa* fis-17 ta' Ottubru, 1938, bl-isem ta' *It-Trijumvirat tal-Malti.* Bi ftit pinzellati jiena pinġejt b'vina semisatirika lil (1) Dun Karm; lil (2) Ninu Cremona; u (3) lill-Professur Saydon, li kont inqis bħala l-aqwa tliet kolonni ta' lsienna.

Is-sunett dwar Dun Karm kien dan:

XBIEHA BIL-KITBA

*Żebbuġi. Għax fil-bliet. Dħuli, minn tagħna.*
*Fil-kitba magħruf b'Dun. Hu Monsinjur.*
*Jikteb bil-Malti. Kliemu la Taljana.*
*L-aqwa Poeta. Profs. Ta' lsienna sur.*

*Dejjem nadif. Jitbandal mas-suttana.*
*Jitbejjem fit-tifħir. Iħobb il-bħur.*
*Irqajjaq. Aktarx twil. Ħabib il-għana.*
*Fil-kliem meqjus. Wisq rari biex ifur.*

*Ex-Assistent Bibljotekarju. Il-kotba*
*ta' hemm ġew jafhom kollha bl-isem tagħhom.*
*Hareġ bil-pjazza bla ma rabba ħotba.*

*Iħobb kittieba jara qed ifaqqsu.*
*Hu l-qroqqa. Huma l-frieħ. Bħal missier magħhom.*
*Jixtieqhom jikbru basta, iżda, m'hux daqsu.*

Dawn is-sunetti (flimkien mat-tnejn l-oħra dwar Cremona u Saydon) kienu qanqlu agħa kbira minħabba l-istil tagħhom m'hux komuni fi lsienna. Bdew ġejjin ittri ta' ferħ minn kull rokna ta' Malta u Għawdex u, saħansitra, min ħbieb barra mill-Gżira, fosthom waħda minn għand il-Professur Ġużè Aquilina li kien għadu qiegħed jistudja l-ilsna orjentali f'Londra.

It-ton ta' l-ittri kien: "Prosit. Kompli kabbar dan l-istil". X'inkompli? ... Mela jien miġnun? għedt f'qalbi. Kull min studja xi ftit il-psikoloġija tal-kittieba Maltin jaf tajjeb li r-ruħ ġentili tagħhom tħoss għasel kull tifħira li ssirilha, iżda ħażin għaliħ min jipprova jiċċajta bħali.

Mat-tliet sunetti tat-*Trijumvirat tal-Malti* kont għażilt ħmistax oħra,

kollha ħbieb tiegħi u kollha kittieba magħrufin, iżda wara li lestejt xi ftit sunetti b'dak l-istil dwarhom deherli li dak li jgħodd għalihom l-iżjed m'hux it-tifħir li jsibu fiż-żewġ kwartini tas-sunett, iżda ċ-ċajtiet niggieża li jsibu fiż-żewġ terzini. Għaliex ħbieb, li jiena nħobb u nqim, għandhom iduru għalija? U qattajt kollox. Hawn nies li moħhom jesa' Bibljoteka sħiħa, imma meta tmissilhom il-kburija tagħhom isiru qishom bħima ta' Ċirku waqt id-daqqiet ta' frosta tad-domatur tagħha.

Il-poeti qishom tfal: jifirħu u jinsew malajr. Għallinqas din hija l-psikoloġija tal-kotra l-kbira. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien iżjed l-imħabba u l-qima tiegħi lejn Dun Karm bdew jikbru u jiżdiedu. Konna noqogħdu l-Belt fl-istess żmien u, tista' tgħid, ġejna ngħammru f'tas-Sliema fi żmien wieħed ukoll. Min jaf kemm-il darba mort inżuru ġo daru u huwa, bi ħlewwa ta' missier, kien dejjem jagħtini pariri ta' l-akbar fejda.

Hadt sehem minn l-ewlenin fil-laqgħa ta' meta kien għalaq sebgħin u l-istess għamilt meta għalaq tmenin sena. Fiż-żewġ okkażżjonijiet Dun Karm kien qralna *Il-Għanja tas-Sebgħin* u *Il-Għanja tat-Tmenin* b'dik il-ħlewwa ċajtiera tiegħu. Imma meta, f'Ottubru li għadda, mort narah fl-Isptar tal-*Blue Sisters*, San Giljan, Dun Karm kien għajjien u l-fakra bdiet tħalliħ. Biex jagħlaq disgħin sena kien għad fadallu ftit jiem biss.

Daħħlitni ħdejh Soru Ingliża. Malli rajtu ħtaft idu ġo idu u bisthielu "Kif int, Dun Karm? Għaraftni?" Staqsejtu. Dun Karm ma weġibx. Hares lejja ħarsa mejta. Għajnejh kienu mimlijin bi żlieġa tad-dmugħ. Imbagħad f'daqqa waħda beda jkanta *O Sole Mio* ta' Di Capua. "Għarafni", għedt f'qalbi, "jaf li jiena nħobb it-Teatru". Imma ma kienx hekk. Il-Poeta Nazzjonali tagħna kien wasal biex iħallina kif b'qasma ta' qalb ġara ftit jiem wara li rajtu.

Meta ħriġt minn dak l-Isptar kollni mhewden moħħi beda jtextex u f'widna waħda bdejt nisma' d-disk ta' *O Sole Mio* li għandi ta' Caruso, b'dak il-leħen qawwi u sabiħ tiegħu, u fl-oħra bdejt nisma' l-leħen miksur u mitfi ta' Dun Karm ikanta minn taħt ilsien dik il-kanzunetta famuża Naplitana.

Dun Karm baqa' jgħanni sa tmiem ħajtu u baqa' jkanta l-innijiet tiegħu lix-Xemx u lin-Natura. Is-*Sole Mio* tiegħu kienet għalija u għalih: *Il-Għanja tad-Disgħin.*

## TIFKIRIET DWAR DUN KARM

Ta' Chev. J.P. Vassallo, O.B.E.

Dun Karm kien iz-ziju tal-mamà, imma jien u ħuti dejjem konna nafuh u

ngħajtulu z-ziju Dun Karm.

Fil-ħajja twila tiegħu, jien naturalment kelli ħafna okkażjonijiet li narah fil-viċin ħafna, fl-intimità tal-familja. Il-qawl Ingliż igħid *Familiarity breeds contempt,* imma jien nista' ngħid li l-familjarità tiegħi maz-ziju dejjem saħħitli u kabbritli r-rispett lejh għax hu kien persuna li anke fl-iktar att insinjifikanti kien jispira mħabba u rispett.

L-ewwel memorja li għandi tiegħu tmur lura sal-Kungress Ewkaristiku tal-1913. Dak iż-żmien kien għad għandi biss sitt snin u jien niftakru jiġi għand iz-zijiet Strada Zecca, kantuniera ma' Strada Vescovo u jisma' 'l ħija jkanta l-Innu Ewkaristiku *Te Adoriam* bħala thejjija għall-ewwel tqarbina.

Hu kien fih raġel u jien kont ċkejken ħafna u niftakar li dak iż-żmien kont kważi nibża' minnu, imma hu dejjem kien ikellimna bi ħlewwa kbira.

Meta jien u ħija dħalna l-Liċeo, kull nhar ta' Ħadd konna nagħmlu żewġ visti: waħda lill-Professur Cuschieri tal-Karmnu li kien ħabib tal-familja u l-oħra liz-ziju Dun Karm.

Dak iż-żmien iz-ziju kien igħix fit-tielet pjan mal-lemin ta' Bartolo's Palace, Strada Forni. Kien *flat* aktarx żgħir imma mdawwal u jiġbdek. Għadni niftakar kemm kien miżmum tajjeb dak il-*flat*, kollox bl-ordni, b'sempliċità l-aktar kbira. Il-kamra tas-sodda kienet kbira ħafna u kienet isservi wkoll bħala studju. Hu dejjem kien iħobb l-ordni u l-indafa. Għalih id-deskrizzjoni ta' L-*Otia Aestiva* tapplika f'kollox:

> '......................... *nitfa ta' kċina*
> *Għamara bla tlellix u bjankerija*
> *Nadifa, iżda mingħajr tiftix ta' żina*
> ...................................
> *Li ma ġġegħlnix la nistħi u la niftaħar.*

Dawk it-tlett kwarti jew siegħa li konna nagħmlu miegħu kienu ħin l-aktar sabiħ u prezzjuż, u nista' ngħid li kienu jkunu l-essenza ta' edukazzjoni liberali. Ma kenitx toħroġ kelma minn fommu li ma kenitx iddawwal il-moħħ jew tqanqal il-qalb u kollox b'sempliċità li tgħaxxaq.

Kien ikellimna fuq l-istudji tagħna u mhux ta' lingwi jew letteratura biss għax hu kellu passjoni kbira għall-kultura.

Kien hu fost affarijiet oħra li qanqlilna l-imħabba lejn in-natura u l-univers. Kien ikellimna fuq id-dinja, is-sema, il-kwiekeb, il-pjaneti, il-kostellazzjonijiet, u niftakar li kien tana ktieb bit-Taljan fuq l-Astronomija adattat għat-tfal li kien jismu *Libro del Cielo* – l-isbaħ introduzzjoni li qatt qrajt għall-istudju ta' l-Astronomija.

M'hemmx għalfejn ngħid li l-poeżija u l-letteratura kienu temi ta' konversazzjoni ta' spiss; nista' ngħid li hu kien għalija l-ewwel gwida fl-istudji letterarji tiegħi u qanqal fija l-imħabba tal-poeżija li għadha tħabbat ġo fija sal-lum.

Dak iż-żmien kien ġa ippublika poeżiji bit-Taljan *Foglie d'Oro* u aktar tard beda jippublika poeżiji bil-Malti. Ħafna drabi kien jaqralna xi poeżija li jkun għadu kif spiċċa, jew qiegħed jipperfezzjona għax hu kien iħobb dejjem jipperfezzjona u ma kienx jistmerr l-*Amor Limae et Mora* ta' Oratio.

Għalkemm aħna konna ġuvnotti, hu kien joqgħod jispjegalna kif poeżija nibtet, x'kienet u kif ġietu l-idea oriġinali u kif żviluppaha, għax iz-ziju ma kienx minn dawk il-poeti *scapigliati* ta' xagħarhom imħabbel, imma il-poeżija fih kienet titnissel bil-passjoni u tikber bħal tarbija qabel ma tara d-dawl tal-ġurnata.

Il-poeżija tiegħu kienet organika, jew biex ngħid hekk, arkitettonika. Kull poeżija kellha s-sisien li fuqhom kien jibni l-idejiet u s-sentimenti biċċa biċċa bl-ordni sa ma jispiċċa l-bini skond l-intwizzjoni ordinarja. Għalhekk kien jieħu poeżija u jagħmlilna l-analisi tagħha biċċa biċċa u mbagħad jispjegalna għaliex uża ċerti kliem jew espressjonijiet.

Il-poeżija għaz-ziju Dun Karm ma kenitx ġabra ta' kliem sabiħ biss, iżda kien irid ikun hemm xi verità traxxendenti għaliex hu kien igħidilna li kienet il-verità li tnissel is-sbuħija.

Poeżiji u versi li jdoqqu sabiħ imma mingħajr sens ma kinux għal qalbu. Jien kont nibqa' msaħħar bl-ispjega u bit-tagħlim tiegħu u kont nipprova nikteb xi poeżija wkoll bl-Ingliż jew bil-Latin u hu kien jieħu paċenzja jikkritikaha u jagħtini xi parir, imma qatt ma kien jitfa' l-ilma fuq idxejn ta' nar tiegħi.

Kull tant kien ikun xi ftit imdejjaq sew mħabba l-qagħda finanzjarja tiegħu, qagħda li tjiebet meta għamluh Assistent Bibliotekarju, kemm imħabba l-kritika ħarxa jew malizzjuża ta' ċerti nies li ma ħadux gost li beda jikteb bil-Malti, iżda fuq dan is-suġġett kien juża retiċenza kbira. Qatt imma ma kasbar lil min ipprova jkasbru.

Il-kanarin li fuqu kiteb poeżija tant sabiħa jien kont nafu tajjeb. Meta konna nidħlu fl-appartament, l-ewwel ħaġa li kienet tolqotna kien il-għana ta' dan il-kanarin li z-ziju tassew kien iħobb, u arah iz-ziju jagħtih zokkra u jdeffislu subgħajh fil-gaġġa biex jittantah u l-għasfur li kien jinduna biċċajt taz-ziju kien joqgħod jigdimulu b'munqaru u mbagħad iħoll kadenza ta' noti mill-isbaħ biex jurih il-ferħ tiegħu.

Ma' rridx intawwal għax għandi tifkiriet oħra ta'żmenijiet oħra, iżda jiena nista' ngħid li mill-esperjenza familjari li kelli miegħu, jien dejjem

rajt fih erba' kwalitajiet speċjali. Kien qassis qaddis, surmast ispirat, poeta awtentiku u patrijotta sinċier.

## DUN KARM FIL-GHABEX TIEGHU

Ta' Ġużè Cardona

GHALKEMM twelidt u qattajt l-ewwel sebgħa u għoxrin sena ta' ħajti Hal Qormi, għaddejt l-aħħar tlettax-il sena Tas-Sliema, fejn ftit li xejn għamilt ħbieb, u dejjem żammejt ruħi maqtugħ mill-ħajja Slimiża. Imma din il-belt ġdida kellha seher kbir għalija, għax fiha kien igħammar ukoll il-Poeta Nazzjonali, Dun Karm. Dejjem xtaqt immur inżuru, u nurih il-ġibda li ħassejt għal Ilsienna sa mis-sena 1945, meta dħalt l-ewwel darba l-Università... imma kull darba li kont naħbat niġbed għat-triq tiegħu, kont inħossni żgħir wisq biex nersaq quddiem dak il-Ġgant tal-Letteratura Maltija. Bżajt li bniedem bħalu ma jsibx ftit sigħat biex joqgħod ikellimni fuq il-ġmiel ta' vrusu, u fuq it-tqanqiliet li ġegħluh jikteb dawk il-poeżiji kbar, bħal *Non Omnis Moriar, Il-Jien u Lilhinn Minnu* u oħrajn. Kull darba li waħħalt f'moħħi li mmurlu, fl-aħħar waqtiet il-ħila marritli u għaddiet sena wara oħra bla kellimt lil Dun Karm.

Imma, ix-xorti għenitni u, xi sentejn ilu, inzertajt is-Sależjani x'ħin wasal Dun Karm, li kienet drawwa tiegħu jqatta' hemm xi sagħtejn kull filgħaxija, ikellem lir-roqgħa ħbieb li kienu jinġabru madwaru biex jisimgħuh jirrakkonta bis-semplicità u bil-ħlewwa tiegħu ġrajjiet ta' min jaf kemm-il sena qabel. Jiena għoxejt għal kliemu u ftaħt widnejn daqsiex... imma wara ftit Dun Karm biddel il-kliem u qal 'Illum irrid nurikhom kif *O.K.* ġejja mill-Malti!' Għalxejn xi ħadd wieġbu li dik kienet abbrevjazzjoni Amerikana, u *O* ġejja minn *All,* waqt li *K* hi l-ewwel ħoss tal-kelma *Correct,* Dun Karm sostna li *O.K.* tnisslet mill-Malti u b'ħafna argumenti komplikati ried jikkonvinċi lis-semmiegħa.

X'ħin erġajt lura lejn id-dar, ftakart li kien Guglielmo Marconi li uża għal l-ewwel darba l-abbrevazzjoni *O.K.* biex iħabbar li l-esperiment tal-*wireless* kien irnexxa, u ma stajtx inniżżel it-teorija ta' Dun Karm. Meta, ħabib tiegħi, is-sur Michael Zammit, li tista' tgħid dejjem għand is-Sależjani tarrafli li Dun Karm ħadha drawwa li jispjega t-tnissil mill-Malti ta' *O.K.,* bdejt nitħasseb bis-sħiħ. Għidt f'qalbi, miskin Dun Karm beda jegħja, u jekk nixtieq inkellmu aħjar inħaffef, qabel ma jkun tard wisq. Bla ma naf kif ftakart fis-sitt taqsima ta' *Non Omnis Moriar:*

*Issa bdejt nieżel:*
*għaddew sitta u ħamsin xtiewi minn fuqi*
*u kull waħda*
*ħalliet radda ta' ħsara*
*ġewwa l-għalqa ta' ħajti.*

Kienu għaddew mhux sitta u ħamsin imma disgħa u tmenin xtiewi minn fuqu.

Minn imkien ieħor kont smajt li l-Poeta Nazzjonali tagħna kien sikwit imur jistaqsi għal xi qarib tiegħu, u meta n-nies ta' l-uffiċċju kienu jweġbuh li qaribu msiefer u jdum ħafna ma jiġi lura, Dun Karm bħal wieħed li ma fehem xejn, kien jistrieħ fuq is-siġġu biex jistennieh bis-sabar kollu.

Issa ntbaħt li kont stennejt ħafna biex nara lil Dun Karm, u ġietni x-xoqqa f'moxtha u qtajt xewqti.

Kont ġejt magħżul surmast tal-Malti fil-Liċeo, u mit-tnax-il klassi li kelli, erbgħa minnhom kellhom fis-sillabu l-*Antoloġija* ta' Dun Karm. Xtaqtu jispjegali x'kien li nebbhu jikteb dawk il-poeżiji li kelli ngħallem lill-istudenti tiegħi, u għalhekk fi Frar 1960, nhar ta' sibt għal xi s-sitta ta' filgħaxija mort għandu.

Il-bieb sibtu magħluq u minn ġewwa ma kien jidher ebda dawl. Għidt: ġejt għal xejn, għax laħaq ħareġ. Billi kont naf fejn ipoġġi, mort staqsejt għalih is-Sależjani, imma qaluli li ladarba ma ġiex sa dak il-ħin, aktarx li nqalagħalu xi ħaġa. Ma xtaqtx immur lejn dari b'xiberimnieħer.

Stennejt xi nofs siegħa wara biebu bħal ruħ tal-Purgatorju, imma kif igħid il-Malti min jistenna jitħenna, għax fl-aħħar persuntu wieqfa, twila, dinjituża, b'dak il-pass ritmiku bħal versi sbieħ tiegħu, bdiet tieħu s-sura fid-dalma, sakemm fl-aħħar wasal wiċċ-imb-wiċċ miegħi.

Sellimna 'l xulxin u staqsieni x'ridt; weġibtu li xtaqt inkellmu fuq xi poeżiji tiegħu. Ħareġ mill-but iċ-ċavetta, imma billi f'idejh kellu borża bajda, ma setax jiftaħ, u offrejtlu li nżommlu l-borża. Qalli li kien jinsab waħdu u ħtieġlu jmur jixtri r-razzjon taz-zokkor mill-ħanut, u ma tantx kien jilqa' nies. Issuktajt insus li xtaqtu jgħidli xi ħaġa fuq il-poeżiji tiegħu, għat-tfal li kelli l-Liċeo, u malli sema' l-kelma Liċeo dar fuqi f'daqqa u qalli: 'Isma' ibni, jekk ġejt għal xi privat tal-Malti biex tidħol il-Liċeo, jiddispjaċini ngħidlek li m'għadnix nagħti privat.' Ittantajt infehmu li kont surmast tal-Malti u mhux student; semmejtlu l-poeżiji tiegħu li kelli fis-sillabu; urejtu kif nitgħaxxaq naqra s-sunetti kbar tiegħu, *Il-Jien u Lil hinn Minnu, Alla Mhux Hekk, L-Oqbra*, u komplejt inredden u nfaħħar il-versi tiegħu. Hawnhekk, għajnejn il-poeta bdew jibbru, imdawlin bil-ħeġġa ta' żgħożitu; l-istar li ksielu l-imgħoddi ħabat jintrefa'; għadda l-pala ta' jdejh xi tliet darbiet fuq moħħu bħallikieku biex iġib lura l-fakra, għamel ħiltu kollha biex jiftakar... imma flok kelma minn fommu, qab-

żitlu demgħa u kliemu kien tnehida: 'Ibni, nixtieq naqtagħlek xewqtek... imma tinsiex li għandi 89 sena... u f'ħajti rajt u batejt ħafna... moħħi beda jegħja... il-memorja ħarbitli... bdejt ninsa... u bilkemm ma ngħidlekx li nsejt xi ktibt.. Insejt kollox... Imma la għidtli li inti surmast tal-Malti... għallem lill-istudenti jħobbu Lsienna, il-Bambin jieqaf miegħek u jien inbierkek b'idejja t-tnejn. Daqshekk nista' ngħidlek... għax millbqija nsejt kollox.'

Dak il-ħin ħassejt qalbi tingħasar; għajnejja bdew ileqqu bid-dmugħ, xtaqt insabbru u ngħidlu li x-xogħol kien temmu, u l-moħħ bħall-ġisem, bil-ħidma bla waqfien bħal tiegħu, bilfors li jċedi, u ma kellux għalfejn jitnikket, għax kien ħallielna patrimonju letterarju tal-għaġeb. Bistlu idu bil-qima, għafasthielu f'tislima aħħarija u fil-bieb qabel ma għalaq warajja, lissintlu; "Monsinjur, inti nsejt xi ktibt, imma aħna ma ninsew qatt!"

Mort lejn id-dar imdejjaq, għax deherli li l-moħħ brillanti ta' Dun Karm ma kellu jeħda qatt, u kif kont qalbi sewda, tħajjart nuri s-sentimenti li kelli f'qalbi dak il-ħin fil-versi li ġejjin, u li semmejt

INT INSEJT... IMMA AĦNA MA NINSEWX!

*Żortok m'ilux, Sultan il-Vrus Maltija,*
*Biex nieħu leħnek għat-tfal tal-Liċeo;*
*Stqarrejtli mħawwad: 'Ċajpret ix-xjuħija*
*Il-ħsieb... insejt...', x'ħin qalbek int ftaħt miegħi,*

*Disgħa u tmenin fil-ħidma l-wisq mgħoddija*
*Bilfors itaqqlu l-ħsieb, iġegħluk tinsa,*
*Missier Meqjum, Saħħar ta' Vrus Għaslija,*
*Imm' aħna ma ninsewx u inżommu sħiħa*

*F'ulied uliedna l-vrus kollha armonija*
*Li sebbħu Lsienna, ismek xerrdu barra*
*U sirt magħruf u miegħek l-art Maltija,*

*Igerbu s-snin, Dun Karm, mitejn, tliet mija*
*Imm' ismek ma jħassrux 'Għax l-Għanja Tibqa',*
*Tisboq l-irħam, l-azzar... hekk hi qawwija!*

U l-qalb u l-moħħ ta' Dun Karm fl-aħħar għejjew għal kollox u fit-13 ta' Ottubru tal-1961 ħalliena. Il-wegħda li għamiltlu sena qabel ma nsejthiex, għax f'mewtu għamilt li stajt biex aħna l-istudenti taħt it-tmexxija

tal-Prof. G. Aquilina u flimkien mar-Rettur u s-Senat, naghmlulu kommerazzjoni xierqa. Weghedtu li ma ninsewhx u ghal din ir-raġuni l-Għaqda tal-Malti (Università) bil-kooperazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni qiegħda tagħmel taħditiet fuqu fl-iskejjel u turi films biex l-istudenti tal-lum, li għad ikunu l-ġenerazzjoni ta' għada, iżommu ħaj lil Dun Karm f'qalbhom u f'moħħhom u jgħaddu t-tifkira tiegħu lil uliedhom u lil ulied uliedhom.

## IL-ĠAR TIEGHI, IL-MONSINJUR DUN KARM PSAILA

Ta' CAPTAIN J.L. PACE

SEW sew ħamsa u għoxrin sena ilu, il-Monsinjur Psaila ġie joqgħod fid-dar ta' ħdejja, dar li kienet għadha kif inbniet u li wara suġġeriment tiegħu ġiet imsejħa 'Dar Is-Sliem' u hawnhekk Dun Karm baqa' jgħammar sa kemm miet.

Id-dar tiegħu u tiegħi jmissu ma' xulxin u minn dak il-mument li Dun Karm ġie jgħix f'din id-dar jiena kelli minnu ġar mill-aħjar, ġar li ma jagħti fastidju lil ħadd.

Dun Karm kien bniedem metodiku ħafna, u tista' tgħid li hu kien irsir tal-ħin għaliex minn jum għal ieħor ma kienx jitbiegħed xejn mid-drawwiet tiegħu, u wieħed kien jista' mingħajr biża' ta' xejn iżomm il-ħin tal-ġurnata b'dak li Dun Karm kien ikun qed jagħmel f'dak il-ħin.

Għall-ewwel li ġie fid-dar, hu kellu lin-neputija tiegħu Ġannina ddur bih, imma din tilifha wara xi żmien għaliex marda qalila ħasditha minn din l-art. Dun Karm ħassha ħafna t-telfa tagħha, u hu li kellu d-drawwa wara l-ikla ta' nofs in-nhar li jqatta' xi nofs siegħa jdoqq il-pjanu wara l-mewt tagħha għall-iktar minn xahar id-daqq tal-pjanu ma nstemax, u wara xi ftit tpoġġa ritratt tagħha ftit u xejn imdaqqas fuq dan l-istess pjanu.

Haġa li kienet imlietu b'ferħ kbir kienet dik tal-bxara li l-Università kienet ħatritu 'D.Litt. honoris causa'.

Jiena li dak iż-żmien kont Segretarju ta' l-Università, kont naf żmien qabel b'dak li kien sejjer isir għaliex il-Professur Ġużè Aquilina kien ilu jħeġġeġ biex lil Dun Karm tiġi mogħtija onorifiċenza xierqa għall-ġieh li dan kien tefa' fuq l-Ilsien Malti, u wkoll bħala l-poeta nazzjonali. Hu kien ukoll ressaq quddiem l-Onorevoli Professur Robert V. Galea, li dik il-ħabta kien Rettur ta' l-Università u li kien ħadem ħafna biex idaħħal l-istudju tal-Malti fl-Università, mozzjoni biex Dun Karm jiġi maħtur l-ewwel

Duttur tal-Letteratura 'honoris causa' ta' l-Università Rjali ta' Malta.

Jekk wieħed kien igħaddi minn quddiem id-dar ta' Dun Karm fil-ħin meta hu ma kienx jkun jew il-knisja jew fil-passiġġata, kont tarah rasu mgħad-dsa fuq l-iskrivanija jikteb, jew jaqra, għaliex ma kienx jaf joqgħod ma jagħmel xejn u qatt ma qata' mill-istudju u mill-kitba.

Dun Karm, fuq kollox, kien iħobb it-tfal, u meta dawn fit-triq kienu jersqu lejh biex ibusulu idu, hu ma' kienx jikkuntenta biss li jmelsilhom xagħarhom, imma kien jieqaf jitkellem magħhom u jgħidilhom xi ċajta ukoll.

F'kelma waħda, Dun Karm kien il-ġar ideali. Bniedem kwiet, pulit, edukat u lest dejjem biex igħin lill-proxxmu, bniedem li t-telfa tiegħu waqqgħet f'niket lil kull min kien jafu.

U issa huwa spiċċa u mar; imma jien għalija d-dar li fiha kien igħammar għal tant żmien għalkemm issa jinsab ħafna 'il bogħod minna, dejjem nibqa' nsejhilha d-dar ta' Dun Karm.

## TIFKIRIET DUNKARMJANI

### Ta' Ġorġ Pisani

Kont għadni kemm ippublikajt il-poeżija tiegħi *Lil Palma Xiħa*. Għodwa waħda tal-posta newwilli ittra. Ftaħtha, u bħas-soltu, għajnejja ġrew dritt fuq il-firma. Dak il-ħin minn fommi ħarġet għajta ta' ferħ: Dun Karm, il-bniedem li kont tant nammira u li kont għadni ma rajt qatt, kien kitibli. Qalbi bdiet tgħaġġel tgħaġġel bil-ferħ. X'kien fiha l-ittra? Qrajt il-versi tiegħek *Lil Palma Xiħa* – qalli Dun Karm. – Għoġbuni. Jidher illi inti taqra bil-ġabra u bil-ħerqa. Nixtieqek illi xi darba, meta tkun tista', tiktibli xi versi bħal dawk għar-rivista *Il-Malti*.

Għall-qalb tarja ta' żagħżugħ ta' mhux iktar minn sittax-il sena, din kienet ferħa illi wieħed bilkemm jista' jissaporti l-ħlewwa kollha tagħha. L-ittra ta' Dun Karm kienet żergħet ġo ruħi l-ewwel xitla ta' dik ir-rabta ta' bejnietna illi, aktar tard, kellha ssir siġra f'saħħitha u li kellha tnis-sel ħafna frott. Bqajt għal bosta żmien mingħajr ma nista' nara u nkellem lil Dun Karm. Ftit taż-żmien wara, jiena ippublikajt il-poeżija tiegħi *Ħaġar Qim*. Meta qara din il-poeżija, Dun Karm ma kitiblix biex ifissirli l-għoġba tiegħu, iżda għalkemm ma niżżilx ismu, kiteb kelmtejn fir-rivista *Il-Malti*.

Il-fehmiet li fisser fuqi Dun Karm f'dawn il-kelmtejn komplew imlewni

bil-kuraġġ u l-ħila biex nissokta nterraq fit-triq tal-poeżija. Darba waħda fil-għaxija, jiena sibt ruħi quddiem il-Poeta fl-uffiċċju tiegħu tal-Biblijoteka Rjali tal-Belt. Kont mort biex nirringrazzjah għal dak kollu li kien għamel għalija. Minn dak in-nhar 'l hawn bqajt immur regolarment għand Dun Karm, nisma' l-kelma sabiħa tiegħu u naħżen il-pariri u t-twissijiet siewja li kien jagħtini. Dik il-ħabta l-Muża ta' Dun Karm kienet fl-aqwa tagħha. Kien f'dan iż-żmien li ħarġu mill-pinna tiegħu l-aqwa poeżijiet illi kabbru l-letteratura tagħna u fewħu lil dawn il-gżejjer bil-balzmu tal-għanja tabilħaqq Maltija.

Iżda dawk kienu wkoll ġranet ta' taħbit u ta' sarâr għall-ideal tagħna. Dak iż-żmien il-Moviment tal-Malti ma kienx biss moviment letterarju u akkademiku, imma kien ukoll għaqda militanti kontra fehmiet imgħawġa u mħassra illi, mill-għalqa tal-pulitka, ħarġu barra u daħlu u ndiehsu f'kollox. Dak iż-żmien kellna taqbida qawwija biex niksbu dawk il-jeddijiet illi kellu jkollu l-Malti bħala lsien tal-poplu, biex inġiegħlu lil kulħadd jaċċetta l-ortografija xjentifika tal-Għaqda tal-Kittieba, biex nagħtuh il-ġieh u d-dinjità ta' Ilsien Nazzjonali. It-taqbida kienet ħarxa u qalila kemm jista' jkun. Iżda, fost it-tbatija ta' dawn it-taqbidiet ma' ħutna stess, aħna konna nsibu faraġ u kenn fil-figura dinjituża ta' Dun Karm. Il-personalità qawwija tiegħu, il-prestiġju u l-popolarità li kien igawdi, kienu jagħtuna saħħa u enerġija biex negħelbu t-tfixkil u n-nasbiet ta' dawk illi, jaħasra, ma setgħu qatt jifhmuna.

L-editorjali prezzjużi li kien jikteb Dun Karm dak iż-żmien fir-rivista *Il-Malti*, editorjali illi, għalkemm miktuba b'kelma fina, diplomatika u meqjusa, kienu, b'danakollu, isawtu bla ħniena lil dawk illi, kontra kull sens ta' patrijottiżmu, kienu ħaduha, b'qawwa ta' ljuni, kontra l-ilsien li xorbu ma' ħalib ommhom. Dun Karm, mingħajr ma jwaġġa' u l-anqas jidrob, b'loġika sempliċi u effettiva, kien juri lil kulħadd illi l-iżvilupp tal-Malti bħala lsien letterarju kienet ħaġa li ħadd ma jista' jwaqqafha f'dan is-seklu fejn kulħadd qiegħed jagħmel minn kollox biex jeqred l-injoranza, igħallem lill-poplu u jgħolli kemm jista' l-livell kulturali tiegħu.

Dawn l-editorjali elokwenti ta' Dun Karm, flimkien mal-poeżiji għoljin li kien jikteb dik il-ħabta fir-rivista *Il-Malti* u *Leħen il-Malti* ta' *l-Għaqda tal-Malti (Università)*, kienu jimlew sidirna ż-żgħażagħ bin-nifs tal-kuraġġ u ta' l-inizjattiva. Konna ftit, imma konna niswew ħafna. Fuqna kellna xemx illi ssaħħanna kontinwament bir-raġġi fejjieda tagħha sabiex inkomplu niktbu, nitqabdu u nirbħu. U l-Malti rebaħ tabilħaqq. Dun Karm kellu jara matul ħajtu t-trijonf tal-Malti kif ukoll tal-poeżija tiegħu. Ilsienna daħal fil-Qrati, fl-iskejjel elementari u sekondarji u, saħansitra, kiseb l-ogħla ġieh li jkollu l-katedra tiegħu fl-Università Rjali ta' Malta. Mat-

trijonf ta' l-Ilsien Malti bdiet tittrijonfa wkoll il-poeżija ta' Dun Karm, bħala l-aqwa prova kemm dan l-Ilsien jista' jrodd tajjeb meta jkun maħdum minn moħħ imdawwal u minn id tas-sengħa.

Malta baqgħet tqim lil Dun Karm sa l-aħħar. Hija tagħtu dak il-ġieh kollu li kien jistħoqqlu bħala kewkba li dehret tixgħel fis-sema kaħlani ta' dawn il-gżejjer, bħala ġgant fil-letteratura tagħna, bħala ġieh u glorja tal-ġenju Malti. L-isem ta' Dun Karm baqa' jissemma fil-gazzetti, fl-iskejjel, fiċ-ċirkoli letterarji u kullimkien. Il-poplu wkoll sar iħobbu u jqimu bħala bniedem illi sawwar f'ilsienu l-isbaħ xogħlijiet ta' l-intelliġenza li biha l-Mulej għoġbu jagħnih. U din il-qima ta' dawk li jafu japprezzaw il-ġenji ta' pajjiżhom, kif ukoll tal-poplu in ġenerali, ma tispiċċa qatt. Dun Karm, imdawwar bl-awreola tal-poeżija, jibqa' jgħix fil-qlub tal-Maltin kollha bħala l-bniedem illi, b'mezz tal-versi qawwija u għoljin tiegħu, għolla l-ġieh tan-nazzjon u saħħaħ u rifed it-tempra tal-karattru Malti.

Meta, dak in-nhar tal-funeral tal-Poeta, jiena kont fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ nassisti għall-aħħar tislima li konna sejrin nagħtuh, dak il-ħin jiena ħassejt illi kelli ninżel għarkobbteja quddiem il-katavru tiegħu u, f'isem il-Maltin kollha, intenni l-aħħar terzini ta' dak is-sunett li kont ktibt fuqu u li bihom sejjer nagħlaq dawn il-kelmtejn ta' tfakkira li ħarġu iktar minn qalbi milli minn moħħi:

*Għalhekk, mingħajr ma rrid, bħala tislima,*
*quddiemek, għarkobbtejja fl-art Maltija,*
*ninżel ma' ħuti b' qalb imriegħda.*

*U nbusħom kemm-il bewsa bl-akbar qima*
*lil dawk l-idejn li ħolqu tant sbuħija,*
*idejn ta' Saċerdot u ta' Poeta.*

## X'NAF FUQ DUN KARM

Ta' Dun Karm Farrugia, D.D., B.L.Can.

Sirt naf lil Monsinjur Dun Karm Psajla, il-poeta nazzjonali, magħruf bl-isem ta' Dun Karm, madwar ħamsin sena ilu, meta dħalt student is-Seminarju. Għadni qisni qiegħed narah illum, hemm fil-kuritur tas-Seminarju, jippassiġġa minn tarf għall-ieħor, flimkien ma', Alla jagħtihom il-ġenna,

Mons. Dun Mikiel Barbara, professur tal-Latin, u ma' Dun Eliseo Del Ricco, professur tat-Taljan, li kien ukoll Viċi-Rettur. Dak iż-żmien tant Dun Karm kemm ukoll Dun Mikel kienu jgħixu fis-Seminarju. Fl-għaxijiet, għalhekk, wara ċ-ċena, arahom t-tlieta jiltaqgħu u jibdew jispassiġġaw flimkien, ma tulek, ja kuritur, sa ma jdoqq għall-irqad. It-tlieta kont nammirahom, kont nieħu pjaċir narahom għaddejjin donnhom tliet bastimenti, għax it-tlieta kien fihom persuna kbira u mimlija; iżda, minn dak iż-żmien, l-aktar li kien jiġbed l-attenzjoni tiegħi kien Dun Karm. Ma nistax ngħid preċisament għaliex, iżda naħseb li aktarx mħabba li huwa kien aktar wieqaf u l-pass tiegħu kien aktar meqjus u sod. Il-ġibda li kelli lejhom kienet hekk qawwija li xi drabi kont infittex l-okkażjoni biex ngħaddi minn ma' ġenbhom, ħalli nosservahom sewwa. It-tlieta, meta kienu jindunaw biha, kienu jagħmluli xi sinjal ta' approvazzjoni; iżda Dun Karm kien aktarx iwaqqafni biex igħidli kelma ta' żegħil jew ta' inkuraġġiament. Dawk il-ftit kelmiet tiegħu kienu jinżluli f'qiegħ qalbi u għadni, biex ngħid hekk, inħoss il-ħlewwa tagħhom.

Sirt nafu iżjed mill-qrib meta tlajt fit-tielet klassi, fejn kien jgħallem it-Taljan. L-impressjoni l-iżjed ħajja li għad baqagħli ta' dak iż-żmien hija din, li huwa kien donnu irid idaħħallek it-Taljan f'moħħok b'qawwa hekk kbira li bilkemm kellek għalfejn tagħmel l-iċken sforz inti. Dana huwa kien ifittex jagħmlu billi jinkuraġġik tistudja u billi jurik kemm jista' jkun il-ġmiel tal-lingwa li kien igħallem. L-aċċent kommoss li bihom kien jaqralna xi poeżija ċkejkna kien jurina hekk fil-ħaj is-sentimenti ħelwin ta' dik il-poeżija li, nista' ngħid, minn dak iż-żmien ħassejt il-qalb tiegħi tinfetaħ għal ġmiel tal-versi. X'ma kienx jagħmel, mbagħad, biex iqajjem ftit fuq tagħlim lil dawk li kienu xi ftit għajjenin, u biex jħeġġeġ lil dawk li kienu juru intelliġenza aktar sviluppata u rieda aktar tajba minn tal-oħrajn? Għal dawn kien ifittex kull okkażjoni biex igħidilhom xi kelma ta' approvazzjoni u ta' inkoraġġiament; spiss kien iniżżilha bil-miktub fil-korrezzjoni tal-komponimenti. Għall-oħrajn il-kliem ta' żegħil u ta' twiddib kien ikun magħmul bil-ħeġġa l-aktar kbira ta' missier li jħoss ħasra għal uliedu. Xi drabi kien jinżel minn fuq il-kattedra biex iħeżżiżhom ftit b'idejh. Dana kien jagħmlu b'imħabba hekk sinċiera li l-istudenti kollha kienu jieħdu gost bih u jgħodduh kważi privileġġ. Iżda dan il-kuntatt miegħu hekk fil-qrib ma kellux idum wisq, għax mar-riforma tas-Seminarju li twettqet mill-Kardinal La Fontaine, Dun Karm ma baqax igħammar iżjed fis-Seminarju u fil-ħames klassi sibt lil sumast ieħor li kien igħallem it-Taljan. L-ewwel żmien li, imbagħad, irġajt iltqajt miegħu fil-qrib kien wara l-aħħar gwerra dinjija, meta, hekk kif din spiċċat, ġie jgħammar fil-parroċċa ta' San Girgor tas-Sliema, fejn jiena kappillan.

L-aktar li laqatni f'Dun Karm fil-ħmistax-il sena li dam fil-parroċċa hija s-sentiment profond tal-umanità li biha kien jagħmilha ma' kulħadd u ma' kulħadd jittratta b'maniera l-iżjed ġentili, li nista' nsejħilha fina, jixtieq jagħti pjaċir lil kulħadd u lil kulħadd, kemm jista' jkun, jaqdi, igħallem, jinkuraġġixi u bi kliem ħelu, ta' qalb tajba, lil min ikun imnikket ifarraġ. Għalih ma kienx hemm fqir jew għani, tifel, żagħżugħ jew xiħ, tal-iskola jew bla skola. Għalih kulħadd kien ħabib, kulħadd bniedem li jista' jagħmillu l-ġid. Għalhekk, arah jieqaf ikellem lin-nies li jkunu jixtru minn għand tal-karettun jew lill-ħaddiema li jkunu jaħdmu fit-triqat jew lit-tfal li jkunu ġejjin mill-iskola. Kull fil-għodu, għal ħabta ta' xi l-għaxra kien iħobb joħroġ jagħmel dawra mall-inħawi tiegħu, u issa jidħol għand il-parrukkier, issa għand l-ispiżjar, issa għand il-bejjiegħ tal-ħwejjeġ, dejjem ħsiebu biex igħidilhom xi kelma tajba, xi kelma ta' faraġ, ta' tagħlim jew ta' inkoraġġament. Għalhekk, in-nies kollha tal-parroċċa saru jafuh, jirrispettawh u jħobbuh bħala ħabib jew bħala missier. Wara nofs in-nhar kien aktarx iqattagħha fl-Oratorju tas-Salesjani. Għal ħabta tas-sitta kien joħroġ biex imur għar-rużarju u l-barka jew fil-knisja tal-parroċċa jew fil-knisja tas-sorijiet Orsolini u mbagħad, arah sejjer l-Oratorju fejn kien jiltaqa' maż-żagħżagħ biex jew jarahom jilagħbu jew ipaċpaċ magħhom, bħal ħabib u bħal surmast. Meta kien għadu jiflaħ kien ukoll jilgħab xi logħba billiard magħhom, qisu wieħed minnhom.

Biex jaqdi lill-parroċċa xejn ma kien isibha tqila li joqgħod għal dak il-ħin tal-quddiesa li jkun mixtieq mill-kappillan. Il-preċiżjoni li biha kien iżomm dan il-ħin kienet perfetta. Biex jassigura ruħu minnha, arah jiġik il-knisja għallanqas nofs siegħa qabel. F'dik in-nofs siegħa joqgħod bil-kwiet u mingħajr għaġla ilesti ħwejġu, igħid xi orazzjoni, u mbagħad, xi kwarta qabel, jibda jilbes. Meta jkun libes, bl-arloġġ tal-but, antik, ta' missieru, f'idu, jibda jistenna l-ħin, biex mis-sakristija joħroġ ftit minuti qabel ħalli jilħaq fuq l-artal fil-ħin preċiż. Hafna drabi, biex ngħid is-sewwa, kien jasal fuq l-artal qabel il-ħin, għax ma kienx jieħu żmien biex jasal daqs kemm jaħseb u għax l-arloġġ tiegħu ma kienx ikun preċiż. Hu kien iħobb idawru bejn ħamsa u għaxar minuti 'il quddiem. Iżda f'dana kollu l-għan tiegħu kien dejjem il-preċiżjoni.

L-idea tal-preċiżjoni kienet f'Dun Karm, qisha natura oħra. Għal preċiżjoni fil-ħinijiet kont tista' tgħid li huwa arloġġ ambulanti. Arloġġ fil-ħin tal-qawmien, tar-reċta tal-Uffiċċju Divin, tal-ħruġ, tad-dħul, tal-ikel u hekk fit-taqsim kollu tal-ġurnata u tal-ħajja kollha. Mur għandu, meta trid u x'ħin trid, u ara qattx issiblu karta barra minn postha. Jirċievi ittra, minnufih jaħseb iwieġeb. B'din il-preċiżjoni huwa kien josserva sa l-iċken irqaqat il-preskrizzjonijiet tat-tobba u tad-dieta. Għalhekk ta' xejn tħajru

biex jieħu xi ħaġa, xi ħelwa jew xi xorb, barra mill-ħin. Biex ma jiksrekx u biex ikompli miegħek, kien forsi jaċċetta u jieħu gallettina waħda biss jew daqs nofs sabgħa vermouth, wara li jkun uriek b'subgħajh id-daqs ċkejken li jaċċetta jieħu; iżda, iżjed minn hekk, kollu ta' xejn.

Il-ħajja tiegħu fis-sakristija kienet bħal ta' missier tajjeb, u kważi twajjeb, imdawwar minn uliedu. Il-qassisin kollha kien jieħdu pjaċir jinbxuh xi ftit, biex jisimgħu minn għandu xi ċajta. Nieħu gost inżid li qatt ma kien jieħu għalih, imma dejjem kien ikompli bil-ħlewwa li biha kien jixtieq iferraħ lil dak li jkun. Darba, beżgħan jiena li forsi xi ħadd seta' jdejqu xi ftit billi kien jinbxu sikwit fuq l-ilsien malti, saqsejtu jekk kienx ha għalih. "Le" huwa weġibni "nieħu gost narahom jiċċajtaw u jifirħu".

Bix-xewqa kbira li jaqdi u jgħin lil kulħadd, araħ, hawn fis-sakristija, fl-għomor tiegħu ta' sebgħin, tminin u wkoll kważi disgħin sena, malli xi ħadd jitolbu jqarru, joqgħod bil-qiegħda jisimgħu, ikun min ikun, anki jekk ikun tifel ta' seba' jew sitt snin. Dan baqa' jagħmlu sa kważi l-aħħar ġranet ta' ħajtu, meta il-ħidma tal-moħħ kienet saret tqila sewwa.

Qabel ma jidħol fis-sakristija, drawwa ħelwa li huwa kellu u li ma kien iħalliha qatt, kienet din. Hu u għaddej mill-kor sewwa jekk ikun dieħel u sewwa jekk ikun ħiereġ, wara li jinvista lil Ġesù Sagramentat, kien jieqaf bil-wieqfa quddiem ix-xbieha tal-Madonna, li hemm minn wara, f'dahar is-salib il-kbir ta' fuq l-artal, u hemmek araħ jitħaddet, mhux biss b'fommu iżda wkoll b'idejh, mal-Madonna. Din it-taħdita kienet tkun hekk mħeġġa u intima, li tistħajlu qiegħed jitħaddet ma' xi persuna ħajja. Darba waħda xi ħadd saqsieh xi jkun igħidilha lil Madonna, waqt li jkun jirraġuna magħha. Wieġbu li jkun igħidilha hekk: "Madonna, jiena tiegħek. Agħmel bija dak li jogħġbok. Jekk wara mewti, trid tħallini f'rokna, waħdi, fid-dlam, fejn ma nara'l ħadd, sa l-aħħar tad-dinja, ħallini. Basta, imbagħad nara lilek u ddaħħalni miegħek fil-ġenna. Madonna, ftakar li inti ommi".

## DUN KARM U JIEN

### Ta' Godfrey Zarb Adami

GĦALKEMM ma nistax ngħid li l-aħbar tal-mewt ta' Dun Karm ħaditni għall-għarrieda, b'dana kollu nistqarr li ħasditni għaliex kienet tfisser għalija telfa l-aktar kbira.

Imħajjar minn ħabibi, il-mibki Professur Dun Ġwann Theuma-Relf, sa

minn żgħożiti kont bdejt ninġibed lejn l-ilsien Malti; u niftakar li bdejt nagħraf sewwa l-ġmiel u l-ħlewwa tiegħu meta qrajt dawk il-ftit versi ta' Dun Karm li jibdew "Xtaqt nisma' kelma minn fommok", versi ħfief, imma għalija mirqumin b'liriċiżmu li jsaħħar. U minn dak iż-żmien bdiet tikber fija x-xewqa li nsir naf lil dak li fost il-ħbieb tal-Malti kien ġa magħruf bħala l-Prinċep tal-poeti Maltin.

Iżda kont għadni qed inbexxaq għajnejja għall-ġmiel u n-niket tal-ħajja meta kelli nħalli l-Gżira tagħna u nitturufna ruħi 'l bogħod minn hawn biex nissokta fl-istudji; u kien għalhekk biss fil-bidu tal-1935 li bdejt insir xi ftit midħla ta' Dun Karm. Wara li kien ra xi kitba tiegħi, hu ħajjarni ħafna nissokta nikteb, u kemm fraħt meta għall-ewwel darba dehret stampata kitbiti bil-Malti – kien sewwa sew Dun Karm li kien ħa ħsieb juriha d-dawl!

Minkejja l-ħlewwa li biha kien jilqagħni (hu kien jaf ħafna lil ħu missieri, qassis bħalu u kittieb ta' versi sew bit-Taljan kif ukoll bl-Ingliż, imma miskin ftit nevrasteniku) u l-merħba bik li dejjem kellu lest għalija, billi fil-fehma tiegħu Dun Karm kien ġgant hekk kbir u jien kont nanu hekk żgħir, għalkemm kont nixtieq insir nafu aktar, b'danakollu bqajt dejjem xi ftit imgerrex minnu u ż-żjarat tiegħi lilu f'dak l-uffiċċju ċkejken li kellu fil-Biblijoteka, il-Belt, ma kenux ta' sikwit. Riedet tkun il-gwerra (kull deni ħudu b'ġid) biex ressqitni aktar lejh għax morna noqogħdu f'raħal wieħed, u Dun Karm sar tassew *mio donno e maestro* f'dak kollu li jaqsam mal-ħajja tar-ruħ jew tal-moħħ.

Konna niltaqgħu ta' kuljum (jew kważi) u mmorru nagħmlu żewġ passi flimkien. Meta ma kienx isibni fil-misraħ nistennieh kien jiġi għalija d-dar – b'hekk sar midħla ma' tad-dar tiegħi wkoll.

Darba kont qiegħed nistennieh bħas-soltu u narah ġej b'ċerta tbissima fuq wiċċu mhux tas-soltu; meta wasal qribi, it-tbissima nfexxet f'kważi daħka u qalli: "Ara x'waħda din illum! Mort nixtri xi ħaġa minn għand nies li ili nafhom ħafna u dawna saqsewni kif kien li kont waħdi u mhux ma' dak għall-qassis li dejjem ikun miegħi. Għall-ewwel", issokta, "ma ndunajtx għal min riedu jgħidu u saqsejthom min kien dak il-ħabib." "U dak li jkun dejjem miegħek, qasir, u daqsxejn ħamrani, li joqgħod il-misraħ", weġbuni. F'daqqa waħda ntbaħt li għalik riedu jgħidu. "Imma dak mhux għall-qassis", weġibthom; "dak miżżewweġ u ġa għandu żewġt itfal (l-isem tat-tifla kien għażilhuli hu). Mela kull min ikun mal-qassisin ikun ser isir qassis!"

Dun Karm kien miegħi fi żmien ta' biża' u ta' tweġħir u dejjem sibt fih għajn ta' faraġ, imma l-aktar meta metitli ommi. Ma kenitx damet marida fis-sodda; ġurnata waħda ġie professur jaraha u ordnalha ċerti pilloli li ma konniex sibnielha għax kien żmien il-għaks. Ma nafx għaliex, imma lil Dun Karm għedtlu b'dan u hu ma weġibni xejn; imma l-għada rajtu ġej

kollu ferħan: f'idu kellu kaxxa b'dawk il-pilloli; li kienu ordnawhomlu wkoll; kellu minnhom, u tahomli għal ommi!

Biż-żmien għaraft sewwa x'kien il-karattru ta' Dun Karm; kien raġel tarruħ, metikuluż; kollox f'ħinu u f'waqtu; għex b'ċerta ekonomija, iżda qatt ma ħema wara l-flus u qatt ma nbiegħ – la għall-flus u l-anqas għall-unuri.

Kif wieħed jista' jaħseb, it-taħdidiet tagħna ta' kuljum għal kważi tliet snin kienu dwar suġġetti l-aktar varji, iżda minn awl id-dinja li ta' spiss id-diskors kien jaqa' fuq il-letteratura, b'mod speċjali l-poeżija Maltija; il-Malti u s-siwi tiegħu għalina; il-gwerra u l-għoli tal-ħajja.

Ma għandix għalfejn ngħid li t-tbatijiet u n-nuqqasijiet tal-gwerra ma mewtux il-pinna ta' Dun Karm, anzi kenulu ta' ispirazzjoni biex jikteb dik l-epika lirika bħalma hi l-poeżija *E Boats*, is-sunetti qawwija *Lil Malta – fuq il-Fruntiera* u *7 ta' Mejju, 1941,* dak il-poema qasir imma sublimi *Paċi u Gwerra*, kif ukoll xi oħrajn li kienu jidhru minn żmien għal ieħor x'aktarx f'*Il-Malti*, li minkejja t-tweghir kollu *L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* baqgħet dejjem toħroġ. Ma' dawk li semmejt Dun Karm kiteb oħrajn ukoll; ta' sikwit kien jaqrali dak li jkun ħarbex ma' tul il-jum u li wara kien jorqom; il-kopji ta' xi waħda jew tnejn minn dawn baqgħu għandi sallum għax tahomli u jien għożżejthom. Din bl-Ingliż (li skond kif qalli f'waħda mill-ittri li kitibli ma fiha ebda valur letterarju!):

### To the Sons of Malta

'Hope within and God o'erhead'.
*Longfellow*

*'Let us go forward together'*
*Towards the top of Honour's hill;*
*We have stood many a fierce battle,*
*But stern Duty is calling still.*

*Never boast, brave Sons of Malta,*
*Empty pride impairs the story;*
*Let us go forward together*
*Till we reach immortal glory.*

Dawn it-tnejn bil-Malti baqgħu, sa fejn naf jien u bla ma naf il-għala, qatt ma dehru:

## Ir-Rebbiegħa

*Merħba bik, ħuttafa ċkejkna*
*Max-xemx ħelwa tar-Rebbiegħa!*
*Kollox jerġa' jieħu l-ħajja*
*Malli terġa' din is-siegħa.*

*Ġewwa l-ġonna s-siġra tiżhar*
*Hemm idur bl-eluf in-naħal;*
*Il-ward kollu jiftaħ sidru*
*Fl-isbaħ dawl ifuħ ir-raħal.*

*Ir-Rebbiegħa! Dalwaqt Mejju*
*Bl-isem tiegħek, o Marija:*
*Dalwaqt tibda s-silla tħammar,*
*Ġieb u riżq ta' l-art Maltija.*

*Imbagħad jibda' ż-żara' jmewweġ*
*Tibda l-għanja fuq il-qiegħa...*
*Fik is-saħħa, fik il-barka,*
*Xemx sabiħa tar-Rebbiegħa.*

Lil Malta
(Wara l-Ġieh tal-*George Cross*)

## Sunett

*Maħbuba Malta tiegħi, meta jiena*
*Nifli ġrajjiet li għaddejt minnhom int*
*U nara f'kull tiġrib kemm sfaw qalbiena*
*Uliedek, u bil-ġieh kemm iżżejjint,*

*Toħroġ għajta minn qalbi: 'Alla tal-Ħniena,*
*Kemm ħabbejtha 'l din l-art! Għax jien emmint*
*Dejjem li saħħtek mill-Mislub li fdiena*
*Mislub li int għaraft, ħabbejt, kennint.*

*Malta rebbieħa tħenna; iżda f' qalb ġensek*
*Tħallix tibred dik l-Emmna u dik l-Imħabba*
*Li fil-qalil ta' ħajtek kienu wensek.*

*Għaliex nibża' li l-kelma tal-foħrija*
*Titbiddel f'oħra li kull ġniel ittebba';*
*Jekk trid tibqa rebbieħa, ibqa' Maltija.*

..................

U jekk ta' sikwit kont niftaħ qalbi miegħu, hu wkoll ġie li wrieni l-għomma ta' qalbu, u mhux darba u tnejn kellimni fuq ħajtu u l-imrar li ġegħlitu jixrob; fost l-oħrajn semmieli l-inċident tas-Seminarju u qalli ħafna rqaqat x'aktarx mhux magħrufa mill-kotra, iżda rabatni b'kelma ta' raġel li ma ngħid xejn tul ħajtu. Billi għadhom ħajja xi nies li kellhom sehem f'dak l-inċident u kienu forsi l-kawża innoċenti ta' xi passi bla għaqal li ttieħdu, inħoss li għadni marbut bil-kelma li kont tajtu u ser inżomm ħalqi magħluq. Imbagħad, x'ġid hemm li wieħed jerġa' jqanqal il-ħama?

Iżda mhux dak l-inċident biss weġġagħlu qalbu lil Dun Karm. Hu wrieni artikolu li fl-1934 kien deher f'gazzetta stampata Malta; dan l-artiklu kien iddedikat lilu u mimli tgħajjir kontrieh, fost l-oħrajn li hu — forsi bla ma jaf — kien qed iwitti t-triq għall-Protestantiżmu billi kien jikteb bil-Malti, u b'hekk kien qed joftom il-Maltin mit-Taljan li minnu kienu jixorbu l-Kattoliċiżmu tagħhom!

Ġie li kont miegħu wkoll meta kien jersaq xi ħadd fuqu u b'ton ta' wieħed irid igħaddi ż-żmien isaqsih kif għandek tgħid it-tali ħaġa bil-Malti. Kont nammira s-sabar u l-umiltà ta' Dun Karm li għall-inkejja ta' "Dipi" hu *molto più grande dei suoi colleghi, Goldoni e Tommaseo,* bil-mod li bih kien iwieġeb. Darba għidtlu li kienu jsibuh tajjeb iżżejjed u li għalhekk kienu jażżardaw, u hu bi tbissima li tiġi biss minn qalb safja wissieni li bil-ħlewwa l-għedewwa jintrebħu u mhux bil-ħerra.

F'Diċembru tal-1945 Dun Karm kitibli (għax wara li nfridna bqajna għal żmien ġmielu niktbu lil xulxin) li kien tħajjar jiġbor il-poeżiji tiegħu bit-Taljan u jistampahom fi ktieb "b'daqsxejn ta' prefazzjoni minn għand Giovanni Papini"; kellu wkoll ix-xewqa li jara stampata ġabra jew għażla "mill-proża tiegħi fi ktieb, għax naħseb li jistgħu jkunu ûtli ħafna biċċiet minnhom". Kif jaf kulħadd, bis-saħħa tal-avukat Giovanni Curmi fl-1952 ħareġ *Liriche* u b'hekk intemmet parti mix-xewqa ta' Dun Karm; forsi għad isseħħ il-biċċa l-oħra wkoll!

La semmejt xi okkażjoni meta, għalkemm bla ma jixraqli, kelli x-xorti

naqsam ma' Dun Karm fin-niket tiegħu, ma rridx inħalli ma nsemmix li kelli wkoll ix-xorti sabiħa naqsam fil-ferħ tiegħu: niftakar l-Akkademja li fl-1944 *L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* għamlet f'ġiehu meta għalaq ħamsin sena jqaddes; fil-pranzu, qalb il-ħbieb, li konna tajnieh; f'dik l-okkażżjoni feliċi meta l-Università Rjali ta' Malta niżżlitlu ismu qalb il-gradwati tagħha billi ħolqot għal tapposta l-grad ta' *Doctor Litterarum* u tathulu *honoris causa* bħala rikonoxximent tal-ħidma wtieqa tiegħu; u fl-oħra meta fl-istess Università kien ġie dekorat bil-midalja Ġużè Muscat-Azzopardi; u fl-aħħarnett, biex ma nsemmix okkażjonijiet oħra aktar intimi, meta ġie maħtur Kmandant ta' l-Imperu Ingliż, ġieh mogħti lil ftit fost il-Maltin u sa fejn naf jien qatt qabel għall-ħidma fil-kamp letterarju.

B'wiċċi minn quddiem nista' ngħid li kelli sehem ġmielu fil-ħidma ta' *L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* biex lil Dun Karm jingħata vitalizju mill-Gvern; hu xieraq hawn nistqarr fil-beraħ li l-vitalizju nkiseb l-aktar bil-pass li ħa l-mejjet Ġużè Ellul Mercer li mhux biss kien Membru Akkademiku tal-*Għaqda*, u għal xi żmien Membru tal-Kunsill tagħha, iżda kien ukoll ammiratur kbir tal-opra ta' Dun Karm.

Mhux għalija li nagħmel l-apprezzament letterarju tax-xogħlijiet ta' Dun Karm; ħafna, u bil-bosta egħref minni, għamluh u leħni ma għandux wisq xi jżid mal-kor ta' tifħir li Dun Karm tassew jisthoqqlu għax hu mhux biss kien poeta kbir, imma kien poeta Malti *par excellence* li fisser f'metru klassiku u f'vers melodjuż ir-ruħ tan-nazzjon Maltija. Dun Karm ukoll qatt ma nesa li kien qabel kollox Saċerdot ta' Kristu u Kavallier tal-Madonna u dan is-sentiment hu minsuġ intimament fil-poeżija tiegħu li b'hekk issir tassew Maltija.

Għar-ruħ Maltija u l-Emmna tagħha Nisranija, għal Malta u Ilsienha hu silet ix-xabla tal-għerf u l-ħlewwa, tal-imħabba u s-sewwa, u bla ma qatt reġa' lura pass wieħed baqa' qalbieni jissielet sal-jum li fi ħdanu sejjaħlu l-Mulej biex hemm fuq, bogħod mill-għira tal-għedewwa, jagħtih il-premju ta' dejjem u jinkurunah poeta ta' Kristu, poeta ta' Marija, poeta ta' Pawlu u poeta ta' Malta.

## TIFKIRIET TA' KATERINA CIANTAR

Ta' Louis Portelli

Fil-funeral ta' Dun Karm impressjonatni ħafna mara xwejħa tibki u tolfoq il-ħin kollu. Il-kurżità għelbitni. Ma domtx wisq li sirt naf illi dik

kienet Katerina Ciantar, minn Ħal Għaxaq, illi għaddiet tista' tgħid kwart ta' seklu sħiħ bħala seftura ma' Dun Karm — il-figura dominanti tal-letteratura Maltija ta' żmienna. Dak il-ħin stess għamilt il-ħsieb illi nkellimha, iżda la l-ħin u lanqas l-okkażjoni ma kienu addattati. Iddubbajt l-indirizz tagħha — 11, Triq San Pawl, Ħal Għaxaq — u nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Novembru, 1961 bir-*recorder* miegħi irħejtilha għal dan ir-raħal. Kien filgħaxija u beda jdallam... wasalt... triq dejqa wara l-Knisja... nies ipaċpċu fuq il-għatba... "Fejn toqgħod Katerina Ciantar, jekk jogħġbok?" Bħal kor wieħed għajta ta' nies weġbuni li ma kontx bogħod wisq, u waħda omm qabbdet lil binha biex jiġi miegħi jurini l-bieb.

Fi ftit minuti sibt ruħi fil-kamra waħdanija li fiha tgħammar din ix-xwejħa li issa qorbot is-sebgħin. Mara dħulija, fuq tagħha, u dejjem trid tgħid tagħha. Kollox kien mudlam, barra dawl ġej minn lampa tal-pitrolju, u żewġt xemgħat żgħar mixgħula quddiem il-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija fuq il-gradenza. Naħa waħda s-sodda u fl-oħra żewġ siġġijiet u mejda ċkejkna. Saqaf baxx tħossu jaqtagħlek nifsek... u l-erba' ħitan mimlijin bis-santi tal-Qaddisin, barra waħda... ir-ritratt tal-kwadru taż-żejt ta' Dun Karm li hemm l-Università.

Katerina mdorrija tilqa' n-nies u f'kemm ili ngħidlek bdejna diskursata li minnha stajt inkun naf kif se tirrispondini meta nagħmlu r-*recording*. "Kieku jaħasra tirrispondi hekk" għidt bejni u bejn ruħi... "kieku famuż!... Imma min jaf x'se tagħmel meta nressqilha l-*microphone* quddiem ħalqha..." Il-biża' tiegħi malajr safa fix-xejn. "Jiena naf, sinjur," qaltli Katerina, "għax meta ħadulu l-vuċi, lil Dun Karm, kont hemm jien u naf kif jagħmlu..." U hekk kien. Bdejt l-intervista, u Katerina, kalma iżda ħerqana, ma naqsetx li tirregalani intervista li fis-sempliċità u n-naturalezza tagħha kienet waħda mill-aħjar li qatt għamilt...

M. Katerin, x'tista' tgħidilna fuq Dun Karm? Kif kien iqattagħha il-ġurnata?

T. Il-ġurnata kien igħaddiha hekk: l-ewwel kien imur iqaddes, imbagħad kif kien jiġi mill-quddies jieħu l-kafè, imbagħad jibda jgħid l-uffiċċju u jibda jikteb. Wara dan kien joħroġ passiġġata. Qrib nofs in-nhar kien jiġi d-dar għall-ikel, iżda meta kien imur il-belt ġie li kien idum iżjed minn hekk.

M. U imbagħad, wara nofs in-nhar?

T. Huwa kien jistrieħ daqsxejn u mbagħad kien jerġa' joħroġ għal xi l-ħamsa.

M. Katarin, qatt qralek xi poeżijiet tiegħu?

T. Iva, kien iħobb jaqrali ta' *Jiena u 'l Hinn Minnu*, tas-*Salib*... sabiħa wisq dik... u darba qrali *Warda ta' Ġrajjietha*...

M. Kien iħobb jaqrahomlok il-poeżijiet tiegħu... kien jaqralek ta' spiss?

T. Mhux dejjem, għax dan l-aħħar miskin ma tantx kien jaqra wisq. Imma għall-ewwel kien joqgħod jaqrali u ġie li kien jgħidli: "Ha naqralek waħda sabiħa", u kien joqgħod igħidli fuq il-Madonna...

M. Kien iħobbha ħafna 'l-Madonna, hux, Katarin?

T. Il-Madonna kien iħobbha ħafna... u hu kien iħobb lil kulħadd, imma 'l Madonna kien iħobbha wisq, u anke lil Binha.

M. Dwar il-poeżija *Lill-Kanarin Tiegħi*... Katarin, dak kien il-kanarin tiegħu proprja jew inkella il-kanarin tiegħek?

T. Dak kien tiegħi għax jien xtrajthulu; imma tajthulu; imbagħad ukoll hawn mietli, jaħasra, għax ġibtu miegħi...

M. Kont xtrajthulu inti? Għalfejn kont xtrajthulu, Katarin?

T. Għax kien għalaq sninu.

M. Kemm kien għalaq? Tiftakar, Katarin?

T. Ma tantx kien għadu għalaq ħafna, imma kien kbir mhux ħażin... Huwa l-kanarin kien xiħ ukoll, għax meta xtrajthulu jien kien għadu żgħir, imbagħad dam ħafna hemmhekk... u ma riedx jarah marid. Għaliex il-kanarin kien marad b'saqajh u hu ma riedx jarah batut. U kien hemm waħda sinjura u qaltli: "Għax peress li l-Monsinjur huwa naqra kbir, allura jħoss u jgħid: 'Ara aħna meta niġu biex immutu kif irridu nsiru'..."

M. Hekk hu. Issa Katarin, rigward l-iskrivanija tiegħu, kien iħallik tmissielu?

T. Iva, kien iħallini nmisshielu... u niftaħha u nagħlaqha... imma ċ-ċwievet hu kien iżommhom.

M. Qatt tliftlu xi karta importanti, Katarin?

T. Lè... qatt ma tliftlu karti, u qatt ma missejtlu xejn.

M. Imma ġie li hu kien jitlef xi karta 'l hawn u 'l hemm?

T. Hu ġie li kien jitlef xi karta 'l hawn u 'l hemm, u mbagħad ma jsibhiex... imbagħad fl-aħħar isibha.

M. Imma x'kont tagħmel int biex isibha?

T. Kont nitlob lil Sant Antnin biex isibhielu.

M. U Sant Antnin dejjem semgħek?

T. Dejjem semagħni Sant Antnin!

M. Dejjem sabhielu. Waħda mill-affarijiet illi Dun Karm kien iddedika ħafna snin ta' ħajtu kienet il-biċċa xogħol kbira tad-dizzjunarju li għamel. Taf xi ħaġa dwar dan, Katarin?

T. Eh... id-dizzjunarju!... Kont ngħidlu: "Tħallasnix u taħdmux iżjed... kont ngħidlu: Tini naqra kafè biss u l-anqas irrid flus"...

M. Għaliex, Katarin?

T. Għax kont narah ibati wisq...

M. Bata ħafna biex għamlu?

T. Uh... kemm bata, jaħasra, biex għamlu dak id-dizzjunarju... kont ngħidlu "Ma tawhomlokx għalxejn il-flus!..."

M. Għaliex, Katarin, bata ħafna?

T. Uh! għax kien għajnu waħda ma tantx jara... u kien idum jirranġa wara l-oħrajn... kien idum ħafna jirranġa warajhom...

M. Ma għandniex xi ngħidu... wara li kien jikteb l-oriġinal, imbagħad hu kien jibagħtu l-istamperija u meta il-provi kienu jiġu lura, kien ikun hemm ħafna x'wieħed jikkorreġi.

T. Iva.

M. Bħala bniedem Dun Karm x'kien iħobb l-iżjed, Katarin? Kien iħobb il-passiġġati... kien iħobb l-arja...x'kien iħobb l-iżjed?

T. Passiġġata bil-ħin... kollox bil-ħin... jekk niġu hawn f'Santa Marija kollox bil-ħin... fis-sebgħa irid imur bil-ħin... kollox bil-ħin.

M. Metodiku, eh!

T. Fis-sebgħa irid imur bil-fors pajjiżu... bil-fors... Ngħidlu "Mela għax ħadtni? Santa Marija għaddejja minn hawn, waslet"... u jien ma qgħadtx. Oħti qaltli "Mela sejra?"... Għidtilha "Sejra... m'intix tarah? Telaq quddiem bit-tfal tas-Sur Ghirlando!..."

M. Kien rett, eh?... Kollox irid fil-ħin.

T. Hin ħin! ... Dejjem bl-arloġġ ħiereġ... L-arloġġ dieħel u ħiereġ... u dejjem sejjer hekk.

M. Rigward hu bħala raġel, Katarin,.. kien allegru... kien ferrieħi?

T. Iva. Meta tarah tgħid kemm hu żorr... kemm hu supperv... imma meta tkellmu imbagħad lè, ma jkunx hekk... Kien jagħder ħafna... kien iħenn...

M. Kienu jiġu jarawh xejn nies?

T. Ftit kienu jiġu jarawh, ftit. Is-sur Karm l-iżjed li kien jiġi jarah... għax kollha kienu jkunu mħabbtin in-nies tiegħu.

M. Nirringrazzjak ħafna, Katarin. Jiena ċert li ma tinsieh qatt lil Dun Karm, hux Katarin?

T. Lè, ma ninsieh qatt, u nibqa' nitlob għalih!

Wara li spiċċajna, Katerina wrietni d-dispjaċir tagħha li ma baqgħetx ma' Dun Karm sa mewtu. Hija kienet ilha miegħu tnejn u għoxrin sena u kienet ħallietu tliet snin qabel. B'danakollu baqgħet tmur tarah regolarment anke meta f'dawn l-aħħar xahrejn huwa kien fl-Isptar. Minn-naħa l-oħra, Dun Karm kien dejjem jibgħat iselli għaliha.

Għad li minn kliemha stajt naqbad li f'dawn it-tnejn u għoxrin sena ma naqsetx xi tilwima żgħira, b'dankollu dawn kienu biss ħwejjeġ żgħar, u Katerina ħabbet ħafna lil Dun Karm, kif hu wkoll irrispetta ħafna lilha. Katerin għadha tibkih sal-lum lil Dun Karm u mhux ta' b'xejn illi leħinha nstema' miksur 'l hawn u 'l hinn matul l-intervista!

## "DUN KARM – POET OF MALTA"

*Siltiet minn dak li l-Professur A. J. Arberry Litt. D., F. B. A. u P. Grech, O. S. A., D. D., L. S. S. qalu fuq Dun Karm fil-ktieb* Dun Karm, Poet of Malta *(C. U. P., 37/6), xogħol li għamel ġieħ l-isem ta' Dun Karm barra minn Malta u jagħti xhieda tal-qima għalih ta' dawn iż-żewġ studjużi:-*

**1. Il-Professur A.J. Arberry Litt. D., F.B.A.:**

It was on a November afternoon in 1957 that I had the great honour of meeting Dun Karm, the grand old man of Maltese literature whose poetry forms the subject of this study. Taking advantage of the privilege of sab-

batical leave, I was able during that winter to visit Malta and to gratify an old ambition to come to closer grips with the Maltese language particularly in its written form. My friend Professor Ġużè Aquilina gave most generously of his little leisure to show me the archaeological and artistic treasures of his native land; he also took me to call on Dun Karm in his simple apartment in Sliema.

When I met Dun Karm he had recently entered upon his eighty-seventh year. I found him a frail old man, but still in full possession of his great mental faculties. Wearing the soutane of the priesthood, with the crucifix on his breast, he made a powerful impression of true Christian humility; this was a man who had for many years walked with God, and his dedicated life had invested him with an extraordinary dignity. He offered me a glass of wine and we conversed amiably for over an hour; I would willingly have stayed with him much longer, but having regard for his obvious fragility I spared him further exertion. So I departed with his blessing and with an autographed copy of his most famous poem.

From that moment I resolved, if I were ever able, to bring to wider notice than the confines of his little island the great contribution which Dun Karm has made to Maltese literature. For it seemed to me then, at a time when I had read only a few of his Maltese poems, that this was a poet of more than local importance; his art and his message must reach the world, to which they truly belonged, even if only through the medium of my own inadequate interpreter's powers. As I read more and more of his writing, and penetrated deeper and deeper into his spirit, I became increasingly convinced of his greatness, and progressively more conscious of my incapacity to do him justice. Nevertheless, I happen to be one of the very few foreigners able to read Maltese; and so it was my duty to attempt what I have now done (p. vii).

**2. Ir-Rev. P. Grech, O.S.A., D.D., L.S.S.**

Dun Karm, like Shakespeare, is a Romantic in thought and sentiment, but is purely classical in relation to his own literature. He will never cease to be a criterion for the use of language in Maltese literature. Styles may change, but beauty of diction will always be measured against Dun Karm's use of words, because in him, as in Shakespeare, one can appreciate the full beauty of the language (p. 52).

# APPREZZAMENT POETIKU TA' DUN KARM

MILL-ONOREVOLI IMHALLEF W. HARDING, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.

## ON FIRST APPRECIATING DUN KARM's POETRY

*As one who roaming 'neath a moonlit sky,*
*Alone, in lonely glades, when all is still,*
*The softly-swelling sounds of music hears*
*Being sweetly wafted on the gentle breeze,*
*He stops to hearken, charmed, and holds his breath,*
*The while the melodies his ears caress,*
*And soothing joy within his soul is stirred,*
*So I, enchanted by your homely song,*
*Delved deeply in your verse and in your thoughts,*
*For sweet your numbers, pleasing, and well-knit,*
*But nobler far the soul behind your words:*
*You sing of love of God and God's good things,*
*Your accents burn with passion for this Isle,*
*Our own, our cherished land, tho' small so great:*
*With words inflamed you sing your mother's love,*
*And Nature's wonders thrill your rich-tuned lay:*
*But sweetest balm of all your rock-like faith*
*That Death is but the key to Eternal Life!*

Sliema, 1st December, 1942.

*Poeżija ta'* L-ONOREVOLI IMHALLEF W. HARDING, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D., *u warajha traduzzjoni bil-Malti ta' Dun Karm.*

## VALLETTA!

### A Lament on its Destruction by Aerial Bombardment in 1941-42

DEDICATED TO OLD VALLETTIANS

*We knew thee in the past a city gay*
*In which a care-free people lived and worked*
*And laughed in God's own sun and God's own smile,*
*'Midst palaces and temples built of old,*
*Each street a living mem'ry of the past:*
*We knew and loved thee well, nor foreign strands*
*E'er changed our love for thee, and still we yearned*
*Thine ancient streets to roam, 'midst all they held*
*To us so dear.*

*But now no more! a mass of crumbling stones*
*And twisted iron, gaunt relics of thy past,*
*Oppress our hearts and tear our souls in pain;*
*Fond mem'ries crowd our minds: the haunts of old;*
*The homes which now are dust, the streets*
*We loved, the friends who live no more, whose smile*
*Was ours in times of joy, the fleeting hours*
*Of bracing gladness spent within thy walls;*
*And so in thee our past again we live,*
*Thrice happy place, now racked with shot and shell!*
*Our soul was linked with thee; thy blood-red scars*
*Are ours, and shall not heal until one day*
*Thou shalt triumphant rise, unwon and proud,*
*In thine old vestments clad so we may say*
*Behold! once more our own Valletta lives!*

Sliema, 30.vi.42.

## VALLETTA

### Lment fuq it-tħarbit tagħha bil-ħbit mill-ajru fl-1941-1942

#### MOHTAR LIL DAWK LI KIENU JGHIXU FIHA

*Aħna nafuk fl-imgħoddi Belt fuq tiegħek*
*Fejn nies ferrieħa kienet tgħix u taħdem*
*U tidħak fix-xemx t'Alla u fi tbissimu*
*Qalb il-knejjes u d-djar li nbnew żmien ilu,*
*Kull triq tifkira ħajja ta' ġrajjietna.*
*Rajniek u ħabbejniek minn qalbna u l-ebda*
*Plajja sabiħa ta' pajjiż barrani*
*Ma setgħet tnaqqas imħabbitna lejk,*
*U sa l-bieraħ konn'għadna dlonk nixxenqu*
*Għal dawra mat-triqat tiegħek li jafu*
*Żmenijiet imbegħdin u kienu jħaddnu*
*L-egħżeż ħwejjeġ ta' ġensna.*

*Issa mbux hekk: irdumijiet ta' ġebel*
*U ħadid mgħawweġ, fdalijiet waħxija*
*Ta' dak li kien, jagħfsulna qalbna, u ruħna*
*Bħal trid tiċċarrat bil-weġgħat tal-ħasra:*
*Igeġweġ moħħna b'tifkiriet ta' għożża:*
*L-irkejjen tal-laqgħat, id-djar kennija*
*Darba mgħammrin il-lum ħerba li tbikki,*
*It-triqat li ħabbejna, l-ħbieb li marru*
*Li qsamna magħhom it-tbissim tal-hena,*
*Is-sigħat ħfief ta' ferħ mimlija saħħa*
*Li għaddejna fil-ħdan minn ta' ħitanek*
*U hekk nistħajlu qegħdin fik darb'oħra*
*Ingħixu l-jiem ħelwin li għaddew fuqna,*
*Ja Belt għal tliet darbiet hienja, issa mfarrka*
*B'tehżiż u bombi! Ruħna msensla miegħek:*
*Il-ġrieħi tiegħek huma ġrieħi tagħna*
*Homor minn lewn id-demm u qatt ma jfiqu*
*Qabel ma jżernaq jum li fih int tarġa'*
*Tqum mill-art bla mirbuħa, mkabbra b'ħiltek,*
*Liebsa mill-ġdid il-għież qadim ta' ġmielek,*
*U nkunu nistgħu ntennu: Harsu lejHa!*
*Il-Belt tagħna Valletta reġgħet ħajja!*

# FIL-MEWT TA' DUN KARM
## X'INKITEB FIL-ĠURNALI TA' MALTA U TA' BARRA

Minn Ġ. CASSAR PULLICINO

*THE BULLETIN*

| | |
|---|---|
| October 16, 1961 | Dun Karm Psaila (Editorial) |
| October 17 | Dun Karm (In *Of Man and Things*, by Brutus)<br>Passing away of a Poet<br>*To Dun Karm* (Poem) |
| October 20 | Dun Karm Malta's Torch-Bearer: An appeal to all the Political Parties, by *Melitensis* |
| October 24 | Soireé Lyrique: Dun Karm Remembered |

*TIMES OF MALTA*

| | |
|---|---|
| October 14, 1961 | *Dun Karm* Dead (Obituary Notice) |
| October 16 | Funeral: The Rt. Rev. Mgr. Carmelo Psaila, C.B.E., D.Litt. |
| October 17 | An appreciation: Malta's National Poet, by Dr. J. Aquilina |

*SUNDAY TIMES OF MALTA*

| | |
|---|---|
| October 15, 1961 | An Appreciation: Mgr. Carmelo Psaila<br>*To My Friend Dun Karm* (Poem by Professor J. Aquilina)<br>Foscolo's *Sepolcri* in Dun Karm's Maltese Translation, by Albert Maria Cassola |

*VOICE OF MALTA*

| | |
|---|---|
| October 15, 1961 | Poet Laureate dies (Obituary Notice) |

*THE REVIEW*

| | |
|---|---|
| October 18, 1961 | Death of National Poet, [by J. Cassar-Pullicino] |
| November 2nd, 1961 | Cambridge University Publication on Maltese Poet, [by J. Cassar-Pullicino] |

*IR-REVIEW*

| | |
|---|---|
| 25 ta' Ottubru, 1961 | Mewt tal-Poeta Nazzjonali [minn J. Cassar Pullicino] |
| 22 ta' Novembru | Presentazzjoni tal-ktieb: *Dun Karm, Poet of Malta* |

*CHILDREN'S OWN*

| | |
|---|---|
| October 30, 1961 | Dun Karm ħalliena, minn J.M. Demanuele |

*THE YOUNG LISTENER*

| | |
|---|---|
| October 1961 | Dun Karm u l-Poeżija tiegħu |

*THE UNIVERSE*

| | |
|---|---|
| October 20, 1961 | Mgr. Carmelo Psaila (Obituary Notice) |

*CATHOLIC HERALD*

| | |
|---|---|
| October 20, 1961 | Malta's Poet Laureate honoured by Queen and Country, by K. Vassallo |

*OSSERVATORE ROMANO*

| | |
|---|---|
| 9 ta' Novembru 1961 | Mons. Carmelo Psajla (Nekroloġija minn Dun Karm Sant) |

*BERQA*

| | |
|---|---|
| 16 ta' Ottubru, 1961 | Il-Funeral ta' Dun Karm |
| | *Lil Dun Karm* (Sunett ta' Alfred M. Previ, O.P.) |
| | Dun Karm (Editorjal) |
| 18 ta' Ottubru | Dun Karm miet, imma ismu ma jmut qatt, minn Karmenu Ellul Galea |
| | L-Università u l-istudenti jfakkru lil Dun Karm (Avviż) |
| 20 ta' Ottubru | Il-Funeral ta' Dun Karm (Ittra ta' *Imħabba u Ħaqq*) |
| | Dun Karm: L-għanja Tiegħu ma tmutx miegħu għaliex ġejja mis-smewwiet, minn Joseph A. Grima |
| | *Il-Mewt ta' Dun Karm* (Poeżija ta' Ġużi Mallia) |
| 25 ta' Ottubru | F'Ġieh il-Poeta Nazzjonali Dun Karm, minn Mary Haber |

| | |
|---|---|
| 27 ta' Ottubru | X'seta' sar u x'jista' jsir għal Dun Karm, minn Karm Ellul Galea |
| 31 ta' Ottubru | Soireé f'ġieh Dun Karm |
| 1 ta' Novembru, 1961 | Il-Christus Rex u Dun Karm, minn Dun Ġwann Sant |
| 9 ta' Novembru | Lill-Poeta Nazzjonali (Ittra ta' F. Vella) |

*HELSIEN*

| | |
|---|---|
| 16 ta' Ottubru, 1961 | Miet Malti (Avviż) |
| 19 ta' Ottubru | Ftit tal-kummenti, minn J. Micallef Strafrace |

*LEHEN IS-SEWWA*

| | |
|---|---|
| 17 ta' Ottubru, 1961 | Miet Monsinjur Psaila (Editorjal) |
| 31 ta' Ottubru | Mons. Dun Karm Psaila, minn Peter A. Caruana |
| 7 ta' Novembru | Il-Mewt ta' Dun Karm (Ittra ta' *Malti Safi*) |
| 18 ta' Novembru | Dun Karm, L-ewwel Direttur Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija f'Malta (Dun Ġwann Sant) |

*IL-ĦADDIEM*

| | |
|---|---|
| 22 ta' Ottubru, 1961 | Insellmu lil Dun Karm (Editorjal) |

*IL-POPLU*

| | |
|---|---|
| 21 ta' Ottubru, 1961 | Miet Dun Karm (Avviż) |

*IT-TORĊA*

| | |
|---|---|
| 15 ta' Ottubru, 1961 | L-aħħar ritratt ta' Dun Karm (Nota ta' l-Editur) |
| | Dun Karm: Miet il-Poeta imma l-għanja tiegħu tibqa', minn Ġużè Chetcuti |
| | Il-Poeta f'ħajtu, minn K. Vassallo |
| 22 ta' Ottubru | Kommemorazzjoni ta' Dun Karm, minn *Reporter* |
| 29 ta' Ottubru | Il-ġmiel u l-qawwa fil-poeżija ta' Dun Karm, minn Dr. Wallace Ph. Gulia |
| | L-aħħar li rajt lil Dun Karm, minn Anton Cassar |

*THE TEACHER*

| | |
|---|---|
| Nov. - Dec., 1961 | Mgr. Psaila |

# MERA TAL-KITBA TA' DUN KARM U ITTRI OĦRA

34 j. Victoria Terrace
"DAR IS-SLIEM", Sliema
5. ta' April, 1938.

Għaziż Guzè,

Il-"L-Jien u Lil hinn Minnu" ra d-dawl fl-ewwel ta' dan, — Poisson d'Avril !!! — u twieled f'saħħtu: għandu ġurż sabiħ u, Alla jbierek!, telaq jimxi minnufih u jimxi ġmielu. Tenhuli bosta nies, imma wasalli fatt min-naħa li jiena ma nuwx kont nistennieha. Nifhemni: kien hemm ukoll min bnażmenż u beżaq, għaliex askru li din it-tarbija jew ma kellhiex titwieled, jew kellha titwieled mifluga — għax ma kellhiex qabla taljana.

Jiena għandi ħsieb ukoll nigbor, jekk mhux il-għana kollu tiegħi, għallinqas għażla sabiħa minnu f'ktieb wieħed; inkella noħroġ kollox iżda mhux f'ktieb wieħed, f'xi tnejn jew tlieta.

— Sewwa għax kont insejt ingħidlek: ma' din jaslulek, laħt qoxra barranija, tliet kopji tal-"L-Jien ecc.": waħda għalik (bil-miktub); oħra għal 'Dessoulavy' — jekk jogħġbok tiddiħielu; u t-tielet

għal "The School of Oriental Languages"
fejn qiegħed titgħallem int.
— Aħna, li qegħdin niktbu minn hawn,
nafu wkoll x'inti tgħid, għax xi kbir tal-
Malti diġà bagħtu riżoluzzjoni — issa li
f'ħajjit Alla! sar it-taħdit bejn l-Ingil-
terra u l-Italja, li żgur ċċa b'urċi il-gid-
bieb tiegħek l-kwistjoni lingwistika f'
Malta u l-ilsien taljan jarġa' jidħol
fil-Gżira skond ir-riżultat ta' l-elezzjoni
ta' l-1932!!!

Jiena x'minni?. Jiena ma nistax
ħlief nizzi ħajr 'l Alla kull ħin, għaliex
għal li għaddejt minnu jmiss agħar
milli jien. Għadni naħdem ġmiel, niekol
sabiħ sabiħ, norqod, nimxi mingħajr
ma ngħejja kafna — ngħidu aħna bħal
Johnnie Walker — u stalet ktar kbar
ma għandix.

Fil-"Il-Malti" ta' Ġunju li għej.
nitma li toħroġ it-tieni taqsima
— min-nofs-in-nar sa bil-leji — tal-
"Otia Aestiva". Fiha disgħa-w-tmenin
sestina — jiġifieri 354 vers —. Ixda rrid
narġa narah, għaliex ma nħossokx mar-
buta tajjeb bħall-ewwel taqsima.

U inti x'minnek? Naħseb li

qegħdin għal qalbek. Haws: ekkemm qegħdin hemmhekk hu <u>kemm tista'</u> mit-tajjeb li hemm.

....................

U taf li l-Prof Saydon għandu programm sabiħ ħafna għas-sajf?

Saħħa u Sliem

Dun Karm.

## MATERJAL GĦALL-ISTORJA

### ITTRI TA' DUN KARM LIL Ġ. AQUILINA

Malta Public Library,
Valletta.
27th August, 1934.

Dear Mr. Aquilina,

You are right: the book by Croce *Coltura e Morale* has been found in its place on the shelf. In future, however, on the return of books kindly see that the respective receipts are duly cancelled.

Re my collected poems I am as anxious to have them published as you are anxious to see them in book form, but they may remain scattered in shapeless monthly and quarterly periodicals, just as withered rose-leaves are scattered on the ground.

Josie, as soon as you are back to Malta,[1] please let me see you. I wish to speak to you about a book by Bradda Field *Grand Harbour.*

Saħħa

sdg. Mons. C. Psaila

26 Spinola Road,
San Ġiljan.
9 ta' Awwissu, 1935.

Ġuż,

Hadt l-ittra tiegħek tas-6 ta' dan. Werwirtni... Seba' faċċati kbar, nofshom mistoqsijiet li jitolbu tweġibiet twal bħas-sriep. Imma... niżżik ħajr daqs kieku ktibt qasir.

Tifhem li ma nistax inwieġeb malajr: iżda biex ikollok fiex tqatta' xi siegħa żmien sa kemm niktiblek nibgħatlek ma' din kopja tal-ktieb *Inez u Emilja,* qlib tiegħi fil-Malti mit-Taljan ta' D. Caprile. Lil Saydon

[1] Mill-1937 sal-bidu tal-1940 kont Londra nistudja l-lingwi Semitici fl-*School of Oriental and African Studies.*

bgħattlu waħda, u għoġbitu. Fi ħsiebu jġib xi żewġ siltiet minnu fl-Antoloġija.

Jien qiegħed San Ġiljan kif jidher minn ras l-ittra. Filgħodu ninżel għax-xogħol il-Biblijoteka, u wara nofs in-nhar naħdem id-dar. Btala tas-sajf!!! Iżda ma ngergirx.

Saħħa għal issa; u jekk taf xi ħbieb tagħna hemmhekk, sellili għalihom.

Dun Karm

Dar-is-Sliem
19th May 1937.

Dear Ġużè,

Your note of the 17th instant and the copies of the *Berka* duly received.

I have read the articles by Karmenu and the one by yourself.

It is my opinion that the best answer to give to certain people is 'never to answer' them.

You may know that the *Malta* of the 14th instant has published a translation into Italian of the article by Dr. Mizzoni of Algiers. Well, it is so evident that this Italian gentleman of Algiers has the same mission there that the Editor of the *Malta* has here. Why then should I lose my time in answering to a man who wishes to drag me (or us) into polemics which would only satisfy him and his friends? *Non ragionar di lor, ma guarda e passa.*

I shall write to L. Ropa[1] very shortly, sending him, under separate cover, the copies of *Berka* and telling him all you aksed me to say.

I am enclosing a poem by Karmenu Vassallo which he sent me for publication in *Il-Malti*. You will be able to see better when you have read it.

Please send poem back by return of post.

Saħħa

Dun Karm

[1] L. Ropa awtur ta' rumanzi bil-Franċiż fuq ħajja Maltija s-safar, u poeta. Mix-Xagħra ta' Għawdex fejn il-kunjom Rapa jingħad Ropa li bil-Franċiż sar jinqara Ropa. (Editur)

Dar Is-Sliem,
Sliema.
20th January, 1938.

Dear Josie,

Your letter of the 10th inst. – which I could hardly decipher – reached me in due time, and I thank you for it very much.

I shall write a long letter this time, just to satisfy your desire of knowing something about me.

Well, you must know that I am still alive, – this is a bit of good news – and that I am working hard at the DICTIONARY. Instalment No 13 has been published, and the 14th is in hand (at the G.P. Press).

You will aslo be glad to know that I have finished polishing my dear poem *L-Jien u l-Lilhinn Minnu*; and that it is already being printed at the St. Patrick's Press. Mr. Cauchi, the manager is very kind, andI can supervise the work as I am allowed to call at any time, and make all suggestions and corrections and alterations I may require or simply wish. Hope it will be a decent edition.

Very probably you are already aware that Mr. F.S. Caruana has been appointed teacher of Maltese at the Lyceum. I can't tell you, however, if his is a permanent job.

And now about the *Għaqda*. We have had a meeting some time ago when several writers of Maltese were proposed as eligible members of the *Akkademja*. Mr. L. Ropa, A.F. Said of Port Said, Mr. Ivo Muscat

Dr. Laferla who was proposed as an Honorary President in lieu of Prof. Them. Zammit has also gratefully accepted the offer.

And now; do you really think that Maltese is losing ground at the Lyceum? This is not the opinion of Mr. A. Cremona and F.S. Caruana, who know very well how things stand there.

Dr. Laferla, no doubt, is one of the staunchest supporters of Maltese and its development; and if some provisions seem to suggest that Maltese is not having there the full share of attention it deserves that is all due to temporary arrangements in connexion with exams, and not to any disregard to Maltese.

With regard to the setting up of a Board of experts under the control of the Govnt, the *Għaqda* has come to the conclusion that a Board of that kind would not serve any useful purpose, only it would in all probability jeopardize the work of the *Għaqda* and undermine its very existence.

The *Għaqda* as a leading literary society has long since been recognised by the Government. This is clearly proved by the adoption of our alphabet and orthography for all its official publications. Why, then, should the *Għaqda* ask the Government who had so much faith in them — to set up a Board of experts to whom the *Għaqda* would be subject in all their decisions? For, once a Revising Board under the control of the Government is constituted, nobody can foresee what kind of persons may be called to form that Board. They may be competent in the matter and they may not; they may be friendly to the *Għaqda* and they may be otherwise. So we have decided to stand by, and if ever the Govnt will call upon us to share in the formation of such a Board, we shall meet to discuss the pros and cons, and see what to do under the circumstances.

With kindest regards, and wishing you success in your task,

Yours very sincerely,

Mons. C. Psaila
(Alias) Dun Karm

P.S. Please excuse scribbling and mistakes O.K.

Dar Is-Sliem,
Sliema.
22 ta' Novembru, 1938.

Għażiż Ġużè,

Min idejn F.S. Caruana ħadt il-kopja tar-rumanz tiegħek *Taħt Tliet Saltniet* u niżżik ħajr b'qalbi kollha.

Qiegħed naqrah, u għalkemm għadni ma qrajtx ħlief mill-erbgħa waħda, il-ktieb għoġobni bosta: hemm ħsieb, hemm stil, hemm ħidma ta' lsien, iżda fuq kollox hemm *int*.

Irrid nixtri xi żewġ kopji oħra għax għandi lil min nagħtihom.

Ġużè (Dr.) Bonnici heġġiġni biex noħorġu l-*Opera Omnia* tiegħi. Illum ktibtlu li jiena ma għandi xejn xi ngħid, u tajtu xi tarf kif jidhirli l-aħjar li joħorġu dawn il-volumi: iżda jien ma għandix żmien nagħmel ix-xogħol kollu: nista' imma ngħinu.

Jekk ifettilli noħroġ ma ndumx it-tieni parti ta' *Otia Aestiva* mingħand is-Salesjani li ġiebu — għax għidtilhom jien — tagħmira sabiħa ta' tipi ta' l-*Għaqda*.

Saħħa Ġuż. Sellili għal ħbieb li għandna hemmhekk u inti ibqa' dejjem aħdem għall-ġieh ta' Malta u ta' l-ilsien tagħha.

Dun Karm

Dar Is-Sliem,
Sliema.
6 ta' Jannar, 1939.

Ġuż,

Wasalli l-*card* kapriċċuż li bgħattli bir-riefnu tal-Hajja; għoġobni u għoġob lil ħafna oħra.

Hares, ilu xi tmint ijiem ġie għandi Dr. Bonnici li fi ħsiebu joħroġ fi tliet volumi l-Opera (Poetica) *Omnia* tiegħi. Jiena ħsibt li nqassamhom hekk: l-Ewwel Ktieb – Fejn jidher x'emmen il-Poeta: it-Tieni Ktieb – Fejn jidher x'ħabb il-Poeta: It-Tielet Ktieb – Fejn jidher x'ħaseb il-Poeta. Fl-ewwel wieħed jidħlu dawk il-poeżijiet kollha – jew il-biċċa l-kbira minnhom – li band'oħra sejjaħtilhom *Għana tar-Ruħ*; fit-tieni il-għana tal-qalb, li jmiss lil Malta fil-lsien tagħha, fil-ġmiel tagħha, fin-nies tagħha, fil-prodotti u s-snajja' tagħha u xi ftit lil ħbiebi u qrabati: fit-tielet jidħol l-iżjed il-jien fil-qagħda jew fix-xejra tal-ħsieb tiegħi, bħalma hu *l-Jien u Lilhinn Minnu, il-Ġerejja u Jien, Dell u Dija* u oħrajn ta' din is-sura. Xi tgħid?

Hares: taf li Miss May Butcher qiegħda taqleb fl-Ingliż il-*Jien etc.* tiegħi? Baqgħalha xi għoxrin vers x'taqleb u mbagħad tibgħatli l-kopja miktuba bil-makna biex naraha jien qabel ma tidher stampata. Xortih tajba dak il-*L-Jien* biex jikseb żewġ traduzzjonijiet, waħda bil-Franċiż u l-oħra bl-Ingliż! Min jaf jekk inqalax xi ħabib li jfettillu jaqalbu bit-Taljan ukoll?!!

Il-bieraħ ktibt lil Mr. Armand Guibert fuq il-*broadcast* li għamel nhar it-Tnejn li għaddew, fuq *Les Poetes Maltais* mill-istazzjon ta' Tunes: għidtlu li jmissu jippublikah dak id-diskors, u jippermettili li naqilbu fil-Malti u nistampah hawn ukoll.

Inselli għalik, nixtieqlek kull ġid u kull hena; sellili għall-ħbieb li għandna ma' ġenbek u aħdem.

Jiena rċevejt kull ma bgħattli u għoġobni kollox.

Bħal qabel

Dun Karm

Dar Is-Sliem,
Sliema.
5/v/39

Dear Ġuż,

Thanks for the appreciation of my poem *L-Jien, etc.* by Mr. Weston Ramsay, the literary critic of *The Poetry Review*, and esp. for the interest you take in all that concerns me and our young literature.

With regards to Mr. Ramsay's appreciation I am afraid that *Kindness* has played an important part therein: yet kindness being a great social virtue. I can only be very grateful to him for his encouraging criticism of my poem.

About your suggestion re the publication of my Italian poems I must tell you that some time ago the *Internazionale* of Torino & Roma offered me to publish *at their oun expenses* my Italian poems and Prof. Laurenza had promised to preface the book: but for certain reasons I did not feel it in my heart to comply with their wishes! Still... I shall see about it.

By the way a few days ago Rev. Dessoulavy sent me a cutting from the Times with an article on Ugo Foscolo. In return I sent him a copy of my last poem *Wara Hamsin Sena* published for the occasion of our first Diocesan Euch-Congress.

Best regards to our friends up there
Lilek Saħħa u riżq

Dun Karm

250 Triq Rjali, Żebbuġ
19 ta' Awwissu, 1940.

Għażiż Ġużè,

Hadt illum l-ittra tiegħek u weġġgħatni ħafna l-aħbar li inti kont fis-sodda ma tiflaħx. Farrġitni, imma, l-aħbar li t-tabib tak li tista' tinżel mis-sodda u toqgħod ġod-dar, nixtieqlek li tiġi f'tiegħek malajr u twettaq ix-xewqat ta' qalbek.

Qrajt is-sunett tiegħek *England* għal darba, tnejn, tlieta. Jidhirli li hu qawwi ħafna u, għalkemm miksur fil-versi, għandu ritmu tajjeb. Il-egħluq tiegħu ma jaqbel xejn ma' l-egħluq tal-ittra, li donnu ftit u xejn

*fatalist* – l-egħluq mhux int! –

Jiena ħbatt ridt nikteb xi vers, imma, ngħidlek is-sewwa, il-Mużi għadhom reqdin. Il-bieraħ bdejt sunett bil-*lingua nostra* lil Mussolini

*E pare che sta volta Mussolini*
*Abbia fatto i suoi conti senza l'oste....*

iżda għad ma stajtx ingħalqu.

Ġużè Chetcuti qatt ma rajtu iżjed wara dik id-darba li semmejtlek, u qatt ma raġa' kitibli wara l-ittra li jiena bgħattlu u ma wasletx.

Jiena ma jinix ħażin, inġaħġaħ ġmieli, imma nħossni waħdi wisq: mill-ħbieb tiegħi tal-qatħha letterarja ma hawn ħadd.

Hares, jekk qatt titla' r-Rabat, fittex li tara lil Dr. Pawlu Grima il-Prinċipal ta' l-Isptar li hu raġel minn tagħna għall-aħħar u jifhmek. Jekk taraħ sellili għalih.

Ma għandix xi ngħidlek iżjed: inselli għalik minn qalbi u nitlob għalik kif għidtli: Inti itlob ukoll għal

Dun Karm

250 Triq Rjali, Żebbuġ
13 ta' Settembru, 1940.

Prof,

Mill-uffiċċju ta' l-Università waslitli lista tas-suġġetti ta' l-ewwel sessjoni ta' l-Eżamijiet Annwali tal-1940-41, bil-ġranet li fihom għandhom isiru. *Il-Malti* għandu jsir fil-15 u fis-16 ta' Ottubru.

Issa jien nixtieq naf:

a) Min sa nkunu l-eżaminaturi;
b) Fiex inhuma ippreparati l-istudenti; jiġifieri nixtieq naf x'għandhom *grammatka, lingwistika, poeżija, proża,* eċċ, eċċ; x'isir *fl-ewwel* karta – komponiment? – u x'isir *fit-tieni:* għax għandek tkun taf li jien qiegħed Ħaż-Żebbuġ u ma għandi la sillabi, la kalendarji u lanqas ħaġa oħra ta' l-Università. Nitma li tgħidli – u jekk tista' tibgħatli – bir-rqaqat kollha dan kollu li tlabtek. Kemm jien wiċċi sfiq, hux?

Issa biex inkun għidtlek xi ħaġa oħra, naħseb li inti issa tħossok tajjeb ħafna, għaliex qrajt 'l hawn u 'l hinn xi ittri tiegħek fit-*Times* u ħadt aħbarek minn band'oħra wkoll.

Dawn il-ġranet kitibli Chetcuti fuq *il-Malti* u fuq xi laqgħa tal-Kumitat tal-Kittieba tal-Malti?

Nhar l-Erbgħa ltqajt ma' Caruana u ma' Ninu Cremona biex rajna flimkien l-instalment (30) tad-Dizzjunarju, u Ninu Cremona tani kopja tal-ktieb *Vassalli & his Times* tiegħu u ta' Butcher. Naħseb li lilek il-kopja waslitlek ukoll. Għadni qiegħed naqrah bil-mod. Biċċa xogħol sabiħa.

Versi xejn: il-Musa bil-geddum, beżgħet mill-bombi, daħlet ġo *xelter* u ma tridx toħroġ minn hemm. Imma meta niltaqgħu nurik xi żewġ sunetti li sraqtilha bil-fors.

Nixtieqlek ir-riżq u l-hena u inti tinsiex lil

Dun Karm

250 High Street, Żebbuġ
26th September 1940

Ġuż,

Grazzi mill-ittra li domt siegħa biex qrajtha, u biha ma sabbartni xejn. Jiena fejn narah lill Saydon? u n-noti tax-xogħol tiegħek fuq il-Grammatika fejn sejjer niksibhom? Jiena ħsibt li inti kont sa tagħmel sorra ta' kollox u tibgħathomli, għaliex tajjeb u fuq li tajjeb li wieħed ikun jaf xi ħaġa qabel ma jiltaqa' biex jagħmel eżami. Jekk tista' tiktibli għallinqas u tgħidli:

a) x'razza ta' komponimenti għandhom jagħmlu fl-eżami, jew x'komponimenti tajthom ma' tul is-sena.
b) xi ħjiel ta' mistoqsijiet fuq il-Lingwistika;
c) xi mistoqsijiet inti soltu tatihom fil-klassi eċċ., Jiena niżżik ħajr bil-quddiem.

Issa: l-ittra lill-Dobbie togħġobni, tajba. Il-poeżija *Sad Lake* maħduma tajjeb, iżda ħarira skonfortanti.

Issa aqleb wara u aqra poeżija tiegħi li jiena ktibt għal neputi ta' xi tnax-il sena li qiegħed rifuġjat miegħi

MY CANARY BIRD

A poem in time of war

*When all around is gloomy*
*And bombs crash from the sky,*
*While terror-stricken mothers*
*With homeless children fly*

*For safety to the country*
*And cram in hut and church,*
*And pray and groan and shudder,*
*Though not left in the lurch.*

*What is that keeps you happy*
*My little golden thing?*
*By night you sleep quite soundly,*
*By day you chirp, you sing.*

*I see: there is more Hatred*
*Than Love in human hearts;*
*Men go to war, you flourish*
*Much wiser in your arts.*

26-vi-40

Saħħa. La ddumx ma tibgħat xi ħaġa
Saħħa, barka u hena

Dun Karm

250 High Street, Żebbuġ
21st October, 1940

Profs,

Meta u fejn niltaqgħu inti u Saydon u jiena biex naraw il-karti ta' l-Eżami? Tajjeb li tgħidilna xi jumejn qabel, biex wieħed ma jirtabtx għal xi ħaġa oħra u jkollu mbagħad jara kif jinħall.

Naħseb li fihom biċċa xogħol sewwa dawk il-karti... imma fejn hemm is-saħħa u r-rieda tajba kollox iħeff.

Hares: jekk tara lil Ġużè Chetcuti għidlu li jiena nixtieq naf x'sar fil-laqgħa li saret nhar l-Erbgħa li għaddew: jekk jiktibli jagħmel sewwa, jekk jasalli xi wasla hawn Haż-Żebbuġ jagħmel aħjar.

Isma'; meta kellimtek, dak in-nhar ta' l-Eżami fuq *Orientalist* – li inti fhimt li hu P. Zarb – jiena ltqajt miegħu kif ħallejt lilek u kellimtu fuqek u għidtlu li jiena nixtieq li intom tiltqagħu u titħaddtu l-fehmiet tagħkom flimkien, u hu qalli li jixtieq ħafna li jiltaqa' miegħek. Ġuż, ara kif tagħmel u tarah; minn tagħna ferm; jekk tiltaqa' miegħu joġ għbok.

Għal-lum biżżejjed. Saħħa u riżq

Dun Karm

264 High Street,
Żebbuġ.
26 ta' Ġunju, 1942.

Għażiż Ġużè,

Waslitli l-ittra tiegħek b'dik ta' l-Imħallef Harding magħluqa magħha.

Dik ta' Harding għoġbitni għax rajt li hu fehem sewwa l-poeżija tiegħi u mbagħad għaliex il-kwalità tal-*bniedem* iżżid siwi lill-ġudizzju tiegħu. Jalla jkollna ħafna nies intelliġenti bħalu li jifhmu xinhi u xi tfisser il-letteratura Maltija.

L-ittra tiegħek għoġbitni għax ġejja min għandek.

Jiena ma jiniex ħażin għad baqa' fija xi ftit mill-*ispirtu* ta' Johnnie Walker.

Ma' din sa-nibgħatlek kopji ta' xi sunetti li ktibt dan l-aħħar. Dak *Lil Malta* qaluli li għamel impressjoni qawwija. Inti żomm *geddumek 'il Fuq.* Saħħa, Riżq u Sliem.

Dun Karm

34 Victoria Terrace,
'Dar-is-Sliem'
22-viii-46

Profs,

Nixtieq narġa' nara dan li inti ktibt bħala introduzzjoni, wara l-korrezzjonijiet li jkunu saru fit-tieni tiratura, għaliex hemm tant punti interrogattivi u tant ftietaq oħra li ma nafx jekk l-istampatur joħroġx minnhom bis-sliema u xtaqt ukoll nista'nkellmek daqsxejn fuq il-ħwejjeġ oħra biex kemm jista' jkun il-ktieb ikun *tajjeb* u *sabiħ* f'kollox.

Isma' din il-*poeżija karmjana* ma togħġobnix.

Għal issa saħħa: xi darba ċempilli u asal wasla sa Dar-is-Sliem.

Dun Karm

## TAGHRIFA

NISTIEDEN LIL DAWK LI GHANDHOM XI ITTRI TA' DUN KARM JIBAGHTULI L-*ORIĠINAL* BIEX JIĠU STAMPATI F'DIN IR-RIVISTA.

KORRISPONDENZA DWAR IL-KWADRU TA' DUN KARM
LI LLUM JINSAB IMDENDEL FL-UNIVERSITÀ

264 High Street,
Żebbuġ.
9 ta' Diċembru, 1941.

Għażiż Cassar Pullicino,

Bi tweġiba għall-ittra tiegħek tat-3 ta' dan, nixtieqek tgħid lill-Professur Aquilina li jiena naqbel miegħu fil-għażla tal-poeżijiet għall-Antoloġija. Biss naħseb li qabżulu xi tnejn li jiena naħseb li huma mill-aħjar.

Fuq il-poeżijiet li dehru wara il-ħarġa tat-tliet volumi ta' Ġużè Bonnici (R.I.P.) naħseb li jkun aħjar li nitkellmu ftit jiena u hu, kif konna ftehimna.

Fuq ir-ritratt inkun nista' nkellmu wkoll. Jiena għandi f'idejja daqsxejn ta' *cliché* lest imma naħseb li hu ħarira żgħir, jekk jogħġbu nkun nista' nislifulu.

Għal issa xejn iżjed. Jiena nselli għalik u inti selli għalih.

Bl-aħjar xewqat,

Dun Karm

L-Università Rjali ta' Malta,
Il-Belt.
16 ta' Jannar 1942.

Għażiż Mons. Psaila,

Il-Kumitat tal-*Għaqda tal-Malti* (Università) waqqaf Kummissjoni biex tieħu ħsieb biex tippreżenta ritratt tiegħek (taż-żejt) lill-Università Rjali ta' Malta. Aħna diġà għarrafna lir-Rettur[1] b'din il-biċċa u dan ħeġġiġna biex nimxu 'l quddiem fil-ħsieb tagħna. Ktibna ukoll lis-Sur Caruana Dingli li aċċetta li jaħdem ir-ritratt tiegħek u bagħat igħidilna bejn wieħed u ieħor xi kemm ikun jiswa. Nixtiequ li inti tibgħat tgħidilna jekk jogħġbokx dan il-ħsieb u f'dal-każ tkun tista' tirranġa mas-Sur Caruana Dingli biex tiltaqgħu u tiftiehmu kif l-aħjar ikun ir-ritratt.

Dik li ħeġġitna biex nagħmlu dan ma kinetx biss il-qima tagħna lejn il-ħidma tiegħek għal Malta u għall-Malti, iżda wkoll ix-xewqa li

[1] Ir-Rettur ta' dak iż-żmien kien L-On. Prof. R. V. Galea, O.B.E., Hon.LL.D. (Bristol), B.Sc., A.&C.E.

naghtu xhieda tal-ġieh taghna lejn artna u lsienna. Jidhrilna li jkun għajb kbir għal gżiritna, kif ukoll għall-moviment taghna nazzjonali, jekk ma jkollniex l-anqas tifkira waħda tiegħek fis-Sala l-Kbira tal-Alma Mater. Ma nkunux qed ngħolluk iż-żejjed meta nagħmlu dan ir-rigal lill-Università taghna fejn jinsabu r-ritratti ta' bosta Maltin oħra.

Nittamaw li tilqa' din ix-xewqa – xewqa, li naħseb li togħġob lill-Għaqdiet l-oħra tal-Malti u lill-kotra tal-Maltin.

Bil-qima kollha,

Għoddni Tiegħek

J. Cassar Pullicino
Segretarju (Kummissjoni)

## GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

## ĊIRKULARI

Lill-Għaqdiet tal-Malti:

*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*
*Xirka għat-Tixrid tal-Lsien Malti*
*Xirka għat-Tixrid tal-Lsien Malti* (Nadur)
*Għaqda tal-Malti* (Dockyard)

Fl-*Aula Magna* ta' l-Università Rjali ta' Malta jinsabu r-ritratti ta' bosta Maltin magħrufa li għamlu isem sabiħ lil art twelidhom f'xi waħda mill-fergħat tal-għerf. Dawn ir-ritratti huma xhieda ħajja u turija tal-qima t'artna lejn il-ħidma tagħhom għall-ġid ta' ħuthom. Haġa waħda m'hemmx: ritratt ta' xi ħadd li kellu sehem kbir fil-qawwa ta' Lsienna, li ta lil Malta xi ħaġa ta' siwi letterarju li ma jmutx malajr. F'egħluq is-sebgħin sena ta' l-ogħla poeta li Malta qatt raddet ma' tul il-mixja tas-snin, jidhrilna li jkun xieraq li nuru l-qima tagħna lejn il-ħidma tiegħu għal Malta u għall-Malti billi nħabirku, ilkoll kemm aħna, biex nippreżentaw lill-Università ta' Malta ritratt ta' Dun Karm – l-aqwa poeta nazzjonali tagħna.

Hadem Dun Karm għal Lsien art twelidu. Mill-1912 sal-lum ilu jsemmagħlna dik l-għanja tiegħu ħierġa tbaqbaq minn qiegħ qalbu. Għolla Dun Karm il-Letteratura Maltija mill-għajb ta' qabel żmienu sal-quċċata għolja tal-Poeżija; il-kitba tiegħu hija l-espressjoni tal-ħajja tal-Maltin mifissra mill-id imħarrġa ta' bniedem imliehem. Għalhekk jidhrilna li jekk iseħħ

il-ħsieb tagħna li naraw ir-ritratt tiegħu mdendel fis-sala ta' l-*Alma Mater*, tkun ħaġa xierqa li din tkun ix-xewqa, mhux lè ta' Għaqda tal-Malti waħda, imma tal-Għaqdiet Maltin kollha – għax aktar milli poeta Dun Karm Huwa tifsira ta' ħajja nazzjonali, li għalhekk jistħoqq il-qima u l-ġieħ ta' kull min iħobb is-Sabiħ u t-Tajjeb.

B'dan il-ħsieb aħna sa niktbulkom, Għaqdiet tal-Malti, oħra, biex tissieħbu magħna f'din il-Biċċa. Aħna diġà għarrafna lir-Rettur, diġà għandna t-tweġiba ta' Dun Karm, diġà waqqafna Kummissjoni biex tieħu ħsieb dil-ħaġa, diġà ktibna lis-Sur Caruana Dingli li laqa' xewqitna li jaħdem ir-ritratt; baqgħalna biss li f'din il-Kummissjoni jkollna rappreżentat minn kull Għaqda oħra tal-Malti – biex il-ħaġa tidher ġejja mhux minn din jew dik il-Għaqda biss, imma bir-rieda tal-Għaqdiet kollha tal-Malti.

Bit-tama ta' tweġiba,

Għoddni tiegħek,

G. Cassar-Pullicino
Kummissjoni K. Sant
A. Agius Ferranti

*Għaqda tal-Malti* (Dockyard)
57, Triq Preziosi,
Lija.
7 ta' Frar 1942.

Sinjur,

L-ittra tiegħek tat-28 ta' Frar biex fl-*Aula Magna* ta' l-Università Rjali ta' Malta jkollna wkoll ritratt ta' Dun Karm l-ogħla Poeta Malti, waslitilna u qrajnieha b'ferħ kbir.

Il-President Proviżorju, il-Kummissjoni li għandha wkoll it-tmexxija tal-*Għaqda tal-Malti* (Dockyard) f'idejha sakemm igħaddi l-Istatut f'Laqgħa tal-Imseħbin, u Imseħbin ewlenin oħra tal-Għaqda tagħna m'hux biss għoġobhom il-ħsieb tal-Kummissjoni tal-*Għaqda tal-Malti* (Università), imma jixtiequ wkoll li jiżżuħajru jfaħħru lill-Għaqda tagħkom talli ndaħlet għalbiex jitwettaq ħsieb hekk sabiħ, wisq aktar meta dil-ħaġa triduha ssir – kif tsssew jixraq – f'isem il-Għaqdiet tal-Malti kollha.

Biex isseħħ dil-ħaġa tinħtieġ, m'għandniex xi ngħidu, somma ta' flus sewwa. Għalhekk fil-waqt li aħna naqblu ħafna mal-ħsieb tagħkom, ma nistgħux, imma inwiegħdu li naqsmu n-nefqa mal-Għaqdiet tal-Malti

l-oħra, jew li nistgħu noħorġu – għalanqas għal issa li għadna kif bdejna – sehem kbir għall-flus meħtieġa biex isir ir-ritratt. Aħna nifhmu li dil-ħaġa hija ta' bil-mod u li hemm aktar minn triq waħda kif jistgħu jinkisbu l-flus għal dil-ħaġa.

B'dan il-ħsieb il-Kummissjoni li għandha wkoll it-tmexxija tal-Għaqda tagħna f'idejhom qatgħet li ir-rappreżentant tagħhom għal mal-Kummissjoni tagħkom dwar ir-ritratt ta' Dun Karm – l-aqwa Poeta Nazzjonali tagħna – ikun is-Sur Marju Agius, Promutur tal-*Għaqda tal-Malti* (Dockyard).

Tiegħek eċċ.,

Marju Agius

Segretarju Organizzatur
*Għaqda tal-Malti* (Dockyard)

Sur Ġ. Cassar-Pullicino,
Segretarju, Kummissjoni,
*Għaqda tal-Malti* (Università)

52, South Street
Il Belt 7 ta' Jannar 1942

Sur Cassar Pullicino,

Nirringraziak ghallittra tieghek tat-tlieta ta dan ix-xaghar u ghai proposta li ghamiltuli li nghamel irritratt tal-Mons. Dun Karm Psaila.

Il prezz jiddependi mix-xoghol li icun fieh billi bhala Prelat ghandu diversi costumi. Jista jilbes ta' kassis semplici bil kullar viola, jista jilbes bitterha u mant viola tal harir u jišta jilbes bil muzzetta tal ermellin, bizzilli eccettera. Il prezz ghaldakstant ikun bein it-tletin u l'erbghein lira. Jekk trid tista tkellimni bit-telefon filghodu jew nintakou u nitkellmu in persuna iddar tieghei jew ximkien iehor li ikun ighogbok tindikali.

Bil-kima kolla ghoddni tieghek

E. Caruana Dingli

52, Strada Mezzodi,
Valletta,
17 ta Marzu, 1942

Sur Cassar Pullicino,

Niehu il-liberta nistaksik jekk iddecideitu xi hagia fuk ir-ritratt ta Monsignur Karm Psaila li intom gentilment ipproponeitu li jiena nghamel. Jena nixtiek hafna li nghamlu dan irritratt u jekk inti joghgbok tintaka mighei ahna niftehmu fuk il forma u id-daks li tixtiekuh u jekk trit anche fuq il prezz.

Nirringraziak bil kuddiem u ghoddni tieghek

E. Caruana Dingli

52 South St.
Valletta 11 ta April 1942

Sur Cassar Pullicino

Jena nirringrazjak ghal-litra tieghek tal 20 ta Marzu u ghadd piacir li intom id-decideita li tghamluh ir-ritratt ta Mons. Psaila

Flisties hux jiddispiacini nisma li cont mixhut bl'influenza imma nispera li dal mument inti wisk ahiar jekk ma fiktx ghal kollox.

S,cop ta din illittra ja biex inghidlek li innexxili insib fotografia ta Mons. Psaila li tghogobni wisk ghal dik li ja posa u espressione.

u ghaddejt stazzjon jdejja li nista'
nagħmilha phala basi għal
pittura li fehsibni nghamel.
Ngheid phala basi, igifieri
li nusagha phala guida
u mhux biex nikkopiagha
interament. Bdal mod
nahseb ma ckollix bzonn
ninkommodah il Monsignur
bzied iehor darba jew tnejn.
Altrimenti kienet tkun
ftit difficli għaliex bdan
irraides continui li jgħini
iddar biex jokkorrili xi
haġa darbiet phalma
solita nghamel fi zmienijiet
normali. Hagia wahda
xtakt nistaqsi. Jekk cioè
iddaqs tat-tila tghogiobkom,

tkun ta 28 pulzieri wisa b 36 tul
Jena kabel nara sibt dan il
fotografia cont già ghamilt
studju bil lapes u sibt li
ftit iew wisk l'idea ta listess
jekk inti tkun trista tiegi
xi mument nehu piacir
nurik dana li studju.

Nistenbok tiskusa dina
il-littra dak xein twila u
nagħ li insellem għalik hafna
ghodda mi dejjem tieghek

Kalleana Dingli

P.S. Irritratt jigi xi hagia ekk.



# TAGHRIF FIL-QOSOR DWAR IX-XOGHLIJIET LETTERARJI TAL-KONTRIBUTURI TA' DIN IL-ĦARĠA

AQUILINA, Ġ. – Professur tal-Malti u Studji Orjentali fl-Università Rjali ta' Malta. Editur ta' din ir-rivista, *Journal of the Faculty of Arts,* u *Journal of Maltese Studies,* awtur ta' *Il-Muża Maltija; L-Ilsien Malti; Madwar il-Ħajja* (4 kotba); *Taħt Tliet Saltniet; Il-Polz ta' Malta; Maltese Meteorological and Agricultural Proverbs; The Structure of Maltese; Papers in Maltese Linguistics,* u xogħlijiet oħra.

BIANCARDI, N. – Kittieb ta' poeżiji u essays li għadhom imxerrdin fil-ġurnali li kiteb fihom.

BRIFFA, R. – Lecturer tal-Venereoloġija u Dermatoloġija fl-Università Rjali ta' Malta. Għal xi żmien editur ta' *Leħen il-Malti* ma' Dr. Ġ. Bonnici, fondatur ta' l-*Għaqda tal-Malti* (*Università*), poeta, awtur ta' *Poeżiji.*

CAMILLERI, DUN F. – Igħallem il-Malti s-Seminarju, membru tal-Kunsill ta' l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti,* awtur ta' *Moħba tal-Qalb; Ġabra ta' Poeżiji; Innijiet; Lejn id-Dawl; Ġabra ta' Essays; Fil-Ġnejna tat-Tfulija.*

CARDONA, Ġ. – Segretarju ta' l-*Għaqda tal-Malti* (*Università*). Igħallem il-Malti l-Liċeo, awtur tar-rumanz *Manwel Ġellel.*

CARUANA, F.S. – Għal ħafna snin segretarju ta' l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.* Kiteb għadd ta' poeżiji mhux miġbura u diversi artikoli fil-*Malti.* Awtur ta' *Xi verbi Maltin bis-suriet imnissla tagħhom; Grammatika u Ortografija tal-Malti fil-qosor.*

CASSAR-PULLICINO, Ġ. – Ex-bibljotekarju ta' l-Università; awtorità tal-Folklore Malti; għal xi snin editur ta' *Melita Historica.* Awtur ta' *Ħaġa Moħġaġa u Taħbil il-Moħħ Ieħor; Canti sulla passione nelle isole Maltesi; Social aspects of Maltese nicknames; An Introduction to Maltese Folklore* u xogħlijiet oħra.

CHETCUTI, Ġ. – Igħallem il-Malti l-Liċeo, poeta u rumanzier; awtur ta' *Melita Invicta; Poeżiji* u *Poeżiji Oħra* tar-rumanzi *Id-Dawl tal-Ħajja,* u *Imħabba u Mewt; Fra Martin* (novelli) u traduttur ta' poeżiji u rumanzi ta' Dr. G. Curmi.

CREMONA, A. – Studjuż tal-lingwa u letteratura Maltija. Kiteb fil-*Journal of the Malta Literary Society, Journal of the Faculty of Arts, Journal*

*of Maltese Studies*, fil-*Journal tal-Folklore Society* ta' Londra, f'*Il-Malti*, *Leħen il-Malti* u f'rivisti oħra. It-tielet wieħed li ħa d-D.Lit. (Honoris Causa) mill-Università Rjali ta' Malta. Awtur ta' *Il-Fidwa tal-Bdiewa; Rand u Riħan; L'antica fondazione della scuola di lingua araba in Malta; Mikiel Anton u żminijietu: Bijografija* u xogħlijiet oħra.

CURMI, Ġ. – 'Additional Lecturer' tal-Letteratura Taljana fl-Università Rjali ta' Malta (1942-55). Wieħed mill-aqwa letterati Maltin li kitbu bit-Taljan. Awtur ta' *Citta in fiamme; L'Abbandono della terra; Frammenti di vita; Cenere; Sei Dialoghi; l'Anima Poetica del Novecento* u xogħlijiet oħra.

DELIA, Ġ. S.J. – Għal ħafna snin Rettur u mbagħad provinċjal tal-Ġeżwiti hawn Malta, kittieb ta' proża u poeżija li qiegħed jiġbor fi ktieb li ser ikun jismu *Meta l-Qalb Toħlom.*

FARRUGIA, DUN K. – Kappillan ta' S. Girgor, Sliema. Wieħed mill-kittieba tal-Malti tal-bidu, awtur ta' *Tagħlim Nisrani.*

GALEA, Ġ. – Ex-C.G.M.O. Lecturer tal-Forensic Medicine fl-Università; President tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, rumanzier, awtur ta' *Żmien l-Ispanjoli; San Ġwann; Raġel bil-Għaqal; Ġrajja ta' Malta; Meta Nħaraq it-Tijatru; Ġrajja tal-Gwerra* u xogħlijiet oħra.

GONZI, L-ARĊISQOF. – Lecturer tal-Lhudi u l-Iskrittura (1915-24) fl-Università Rjali ta' Malta; Isqof ta' Għawdex qabel laħaq Isqof ta' Malta. Arċisqof ta' Malta mis-sena 1943.

GULIA, W. – Avukat tal-Kuruna, Lecturer fl-'Administrative Law'. Kittieb ta' proża u poeżija; għal ħafna snin segretarju ta' l-*Għaqda tal-Malti (Università)*; awtur ta' *Il-Bniedem u l-Organizzazzjoni tax-Xogħol; L'Amministrazzjoni Pubblika; Id-Demokrazija; L-Ewwel Għana* u xogħlijiet oħra.

HARDING, W. – Imħallef, studjuż tal-letteratura Ingliża. Għamel diversi konferenzi ta' nteress legali jew kulturali; awtur ta' *Recent Criminal Cases Annotated* (1943); ħa ħsieb l-Edizzjoni riveduta tal-*Liġijiet ta' Malta.*

MAMO, A.J. – Professur tal-liġi kriminali (1947-57) fl-Università Rjali ta' Malta; Attorney General sa ma sar President tal-Qrati; l-ewwel Pro-Chancellor tal-Università ta' Malta.

MANCHÉ, J. – Għal xi snin Senior Medical Officer fid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa; Għallem il-fiżika fl-Università Rjali ta' Malta. Mis-sena

1948 Rettur ta' l-Università ta' Malta.

MONTANARO GAUCI, A.J. – Imħallef, għal xi snin President tas-*Society of Arts Manufacture and Commerce*, organizzatur ta' diversi esibizzjonijiet ta' l-arti u ħidmiet oħra soċjali.

MUSCAT AZZOPARDI, IVO – Tħabat għall-Malti fost il-Maltin ta' l-Eġittu; awtur ta' *Tifkira* kummiedja f'taqsima waħda; *l-Akbar Imħabba;* Buzzett patriju-drammatiku *Dar Ix-Xjuħ*, u xogħlijiet oħra.

PACE, J.L. – Pensjonat tas-Civil Service. Għal xi żmien Segretarju ta' l-Università. Kittieb ta' novelli bil-Malti moqrijin fuq ir-Rediffusion.

PISANI, Ġ. – Publicity Officer fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni f'Għawdex; kittieb ta' 'essays' u poeżija; awtur ta' *Melodiji u Kuluri; Għoxrin Novella; il-Walz tad-Dellijiet – Il-Għid Taż-Żgħożija; Għajn tar-Rebbiegħa; Il-Kewkba.*

PORTELLI, L. – 'Assistant Publicity Officer' fid-Dipartiment tal-Informazzjoni.

SANT, DUN K. – Għal xi żmien Segretarju tal-*Għaqda tal-Malti (Università)* Kiteb diversi studji u kitbiet oħra bil-Malti mhux miġbura. Awtur ta' *Tagħlim ta' San Paul.*

SAYDON, P.P. MONS. – Professur tal-Iskrittura u Grieg Bibliku fl-Università Rjali ta' Malta (1931 –); traduttur tal-Kotba tat-Testment Il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid; kiteb artikoli ta' studju fil-*Melita Theologica*, u studji bibliċi u lingwistiċi f'diversi rivisti ta' barra. Awtur ta' *Bibliographical Aids to the Study of Maltese*, u xogħlijiet oħra.

VASSALLO, J.P. – Għal xi snin Headmaster il-Lyceum. Direttur ta' l-Edukazzjoni mis-sena 1949.

VASSALLO, K. – 'Script-writer', Lyceum Master misluf lill-*School Broadcasting Unit;* kittieb ta' Proża u Poeżija. Awtur ta' *Metrika Maltija; Alla taż-żgħażagħ; Kwiekeb ta' Qalbi; Nirien; Ħamiem u Sriep* u xogħlijiet oħra.

ZAMMIT, Ġ. – Poeta fi tlett ilsna, Ingliż, Taljan u Malti, awtur ta' *Tel-lieqa mal-Mewt; Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ; Wenzu u Rożi u Ħrejjef oħra; Lyrical Moments; Adrift* u xogħlijiet oħra.

ZARB ADAMI, Ġ. – Inspector tal-Iskejjel primarji. Igħallem il-Malti fil-Kulleġġ ta' 'Mater Admirabilis', Segretarju ta' l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.* Kiteb xi *essays* fil-Malti.

EST 1900

Phone C 24193
CABLE "FLORIDIA MALTA"

FOR BOOKS

Pass your orders to:-

J. Floridia & Sons

WHOLESALE BOOKSELLERS & DISTRIBUTORS

51, ST. JOHN STREET, VALLETTA

Suppliers to H.M. Ships, Libraries, Bookstalls and Messes.

the ONLY typewriter you can trust



ALPINA

— Moderate Prices —

Sole Agents:

GIOV. MUSCAT & CO. LTD.

48, Merchants Street, Valletta.

Phone: 25729



# ANT. FILLETTI & SONS

Electrical and Plumbing Contractors

64, Kingsway - Valletta

Tel. C. 24311

*All Kinds of Chandeliers, Lamps,*

*Fans, Heaters and Bathroom Fittings*

## THE SENSATIONAL GALA INSTANT LEARNING

Foreign Languages
courses in
**French, Italian, German, Spanish, Russian**

**£4 each**

## ANTHONY D'AMATO

*SOLE AGENTS FOR*

**GALA RECORDS**

**98, ST. JOHN STREET,
VALETTA**

(Down Savoy Cinema)

JOURNAL OF MALTESE STUDIES. No. 1, 1961. Editor: Professor Joseph Aquilina. Published under the auspices of the *Chair of Maltese, Faculty of Arts, Royal University of Malta* by *Malta University Press* (*Valletta*, Malta). Twice yearly. Annual subscription 20 s.

The appearance of a new journal of studies in language and culture, unique in its theme – Malta, and under the editorship of the indefatigable Professor Aquilina, is to be acclaimed as a notable achievement. The larger part of this first volume is taken up by Maltese meteorological and agricultural proverbs, many of them very ancient, and remounting to the most distant ages of Semitic civilisation, their language and sentiment modified by the Christian faith of the Maltese; these reveal the still predominantly agricultural occupations of the island. J. Cassar Pullicino analyses Fr. Magri's folk-tales, also predominantly Semitic in their language, A. Cremona makes a classification of the Maltese verb, and P. Grech disposes effectively of the fancy that Maltese is descended from Ancient Phoenician. In all, this collection of studies is of high merit, worthy of the academic tradition of the Royal University of Malta, and one which will inevitably appeal to a far wider circle of readers or scholars than those relatively few acquainted with Malta and Maltese. (*British Book News* No. 258).

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

MALTA UNIVERSITY PRESS

## PUBBLIKAZZJONIJIET TA' L-UNIVERSITÀ

THE STRUCTURE OF MALTESE. A Study in Mixed Grammar and Vocabulary. Joseph Aquilina. *Royal University of Malta (Valletta)*: agents, *Luzac (London)*, (*għal barra*) 45s. 1959. 22.5cm. 368 pages. Bibliography.
The author, Professor of Maltese in the Royal University of Malta, is known for his fruitful and scholarly researches into his language. An analysis of the Semitic base and non-Semitic element of Maltese phonology occupies one-third of this volume, followed by an analysis of the variable and invariable elements in Semitic and non-Semitic morphology, and finally by the syntax of Semitic and mixed Maltese. Professor Aquilina concludes that Maltese, belonging really to the North African Arabic dialect group, has developed phonetic, phonological, morphological, and syntactical characteristics of its own, some completely Indo-European, others half-way between Semitic and Indo-European, a unique cross-breed of East and West with the individuality of a separate language. Though primarily a book for 'linguists', it is a 'must' for every student of Maltese. (*British Book News* 235).

PAPERS IN MALTESE LINGUISTICS. Joseph Aquilina. *Royal University of Malta (Valletta*, Malta): agents (*għal barra*) *Luzac (London)*, 24s. 1961. 22cm. 252 pages. Index.
Though each is an entity by itself, Professor Aquilina's series of papers taken as a whole constitutes a well documented account of Maltese as a language. Of most general interest is 'Race and Language in Malta' — with which it might have been most appropriate to open the book, but for the historian of language the papers on lexicography and Maltese as a mixed language are the most fascinating. No less than Maltese itself, the place-names on the islands seem to be largely Arabic, and it is noteworthy that the more one has to deal with words relating to the basic activities such as agriculture, the higher the Arabic content seems to be. How Maltese came to have its present hybrid form is well shown in the sections on the history and process of sound changes. Professor Aquilina, who is Professor of Maltese in the Royal University of Malta, has made another valuable contribution to linguistic history at a point where Western and Oriental cultures meet. (*British Book News* 254).

Xogħol ieħor tal-Prof. Ġ. Aquilina, MALTESE METEOROLOGICAL AND AGRICULTURAL PROVERBS. Agents (*għal barra*) *Luzac*, (*London*).